SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla)

2 ta' Ottubru 2024*

"Dumping – Importazzjoni ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw miċ-Ċina – Impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – *Locus standi* – Assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi – Artikolu 2(6a) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Kalkolu tal-valur normali – Għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq – Artikolu 2(10) tar-Regolament 2016/1036. – Aġġustamenti – Nuqqas ta' kooperazzjoni – Artikolu 18 tar-Regolament 2016/1036 – Kalkolu tal-marġni ta' dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun – Definizzjoni tal-prodott ikkonċernat – Dannu għall-industrija tal-Unjoni – Analiżi tad-dannu segment b'segment – Rabta kawżali – Kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-marġni ta' dannu – Indikaturi makroekonomiċi – Drittijiet proċedurali – Trattament kunfidenzjali"

Fil-Kawża T-263/22,

China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (CCCME), stabbilita f'Beijing (iċ-Ċina), u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness[1], irrappreżentati minn R. Antonini, E. Monard u B. Maniatis, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Luengo, L. Di Masi u J. Zieliński, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

European Industrial Fasteners Institute AISBL (EIFI), irrappreżentata minn B. O'Connor u M. Hommé, avukati,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla),

komposta minn F. Schalin, President, G. Steinfatt u D. Kukovec (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: I. Kurme, amministratriċi,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

[1] Il-lista tar-rikorrenti l-oħra hija annessa biss mal-verżjoni kkomunikata lill-partijiet.

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-7 ta' Frar 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (CCCME) u l-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jidher fl-anness, jitolbu l-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/191 tas-16 ta' Frar 2022 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2022, L 36, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat"), sa fejn jikkonċernahom.

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Wara lment ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2020 mill-invervenjenti, European Industrial Fasteners Institute, f'isem l-industrija tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea fetħet investigazzjoni antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit li joriġinaw miċ-Ċina, skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21, iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku").

3 Fil-21 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppubblikat in-Notifika ta' bidu ta' proċediment antidumping jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti molol tal-ħadid jew tal-azzar mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2020, C 442, p. 6), skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.

4 L-investigazzjoni dwar id-dumping u d-dannu kopriet il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2019 u t-30 ta' Ġunju 2020 (iktar 'il quddiem il-"perijodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-evalwazzjoni tad-dannu u tar-rabta kawżali kopra l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-tmiem tal-perijodu ta' investigazzjoni (iktar 'il quddiem "il-perijodu kkunsidrat").

5 Iċ-CCCME talbet li titqies bħala parti kkonċernata, peress li ssostni li tirrappreżenta l-industrija Ċiniża tal-elementi tal-irbit. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din it-talba. Il-Kummissjoni qieset li ċ-CCCME kienet awtorizzata minn ċertu numru ta' produtturi ta' elementi tal-irbit Ċiniżi sabiex taġixxi f'isimhom u li hija setgħet tkun parti kkonċernata biss sa fejn hija kienet awtorizzata minn dawn il-produtturi speċifiċi ta' elementi tal-irbit sabiex tirrappreżentahom.

6 Fin-notifika ta' bidu, il-Kummissjoni indikat li kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni, abbażi tal-volumi ta' produzzjoni u bejgħ fl-Unjoni, filwaqt li qieset ukoll is-sitwazzjoni ġeografika tagħhom u żgurat ir-rappreżentanza tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME). Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn sitt produtturi tal-Unjoni, li jinsabu f'erba' Stati Membri differenti. Wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inkluż fil-kampjun b'mod provviżorju, SME, informa lill-Kummissjoni li ma setax iwieġeb għall-kwestjonarju kollu. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni billi ssostitwixxiet lil din il-kumpannija bit-tieni l-ikbar SME tal-istess Stat Membru. Fil-premessa 34 tar-Regolament

ikkontestat, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-metodu ta' għażla tal-kampjun kien ġie debitament ikkomunikat lill-partijiet ikkonċernati u hija ma kienet irċeviet l-ebda osservazzjoni dwar il-metodu bħala tali.

7 Matul l-investigazzjoni, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inkluż fil-kampjun informa lill-Kummissjoni li ma setax iwieġeb għall-kwestjonarju kollu tagħha. Produttur ieħor tal-Unjoni inkluż fil-kampjun ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi garanzija suffiċjenti dwar id-data pprovduta għall-finijiet tal-verifika. Għaldaqstant, dawn il-produtturi ġew issostitwiti biż-żewġ produtturi segwenti li l-volumi u l-bejgħ tagħhom kienu l-ikbar, filwaqt li ttieħdet inkunsiderazzjoni d-distribuzzjoni ġeografika u l-portata tal-firxa ta' prodotti.

8 Għat-teħid ta' kampjuni tal-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni għażlet it-tliet produtturi esportaturi jew il-gruppi ta' produtturi esportaturi bl-ikbar volumi ta' esportazzjoni li fuqhom setgħet tkun ibbażata b'mod raġonevoli l-investigazzjoni fid-dawl taż-żmien disponibbli, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, jiġifieri Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd. (iktar 'il quddiem "Jiangsu"), Ningbo Jinding Fastening Piece Co., Ltd. (iktar 'il quddiem "Ningbo Jinding") u Wenzhou Junhao Industry Co., Ltd. (iktar 'il quddiem "Wenzhou"). Il-Kummissjoni ċċarat li t-tipi ta' prodotti speċifiċi mmanifatturati mill-kumpanniji magħżula ma kinux jikkostitwixxu kriterju, peress li l-elementi tal-irbit kollha kienu tqiesu bħala prodott wieħed għall-finijiet tal-investigazzjoni.

9 Il-prodott ikkonċernat jikkonsisti f'ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar, bl-esklużjoni ta' dawk tal-azzar inossidabbli, jiġifieri, essenzjalment, viti, boltijiet jew woxers li joriġinaw miċ-Ċina.

10 L-elementi tal-irbit jistgħu jkunu standard (iktar 'il quddiem "elementi tal-irbit standard") jew immanifatturati abbażi ta' disinni tal-klijent (iktar 'il quddiem "elementi tal-irbit mhux standard"). Fil-kuntest tal-istess standards nazzjonali jew internazzjonali, jeħtieġ li l-elementi tal-irbit ikunu konformi mal-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi, fosthom b'mod partikolari r-reżistenza, it-tolleranzi, il-finitura u l-kisja. Fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u tal-użi finali tagħhom, l-elementi tal-irbit kollha tqiesu li jikkostitwixxu prodott wieħed għall-finijiet tal-proċedura li wasslet għar-Regolament ikkontestat.

11 Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-proċess tal-produzzjoni tal-elementi tal-irbit ma kienx rilevanti fih innifsu għad-definizzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni. Għalhekk, it-tipi kollha ta' prodotti kkonċernati, kemm jekk immanifatturati permezz ta' forġa sħuna jew kiesħa, kienu inklużi fl-investigazzjoni.

12 Il-Kummissjoni qieset li l-provi disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni kienu indikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fiċ-Ċina fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

13 Wara li semgħet lill-partijiet f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għażlet lit-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq, li l-prezzijiet u l-ispejjeż mingħajr distorsjoni tiegħu jservu bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodotti, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

14 Permezz tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni imponiet dazju antidumping definittiv ta' bejn 22.1 % u 86.5 % fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw miċ-Ċina.

II. It-talbiet tal-partijiet

15 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla r-Regolament ikkontestat sa fejn japplika għalihom;

– tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

16 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

A. Fuq l-ammissibbiltà

17 L-intervenjenti issostni li ċ-CCCME ma hijiex assoċjazzjoni rappreżentattiva fis-sens tal-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku u li l-Kummissjoni ma kellhiex tqisha bħala tali matul il-proċedura amministrattiva li tipprekludi l-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, peress li ċ-CCCME ma tirrappreżentax l-interessi tal-membri tagħha, iżda dawk tal-Istat Ċiniż. Għalhekk, il-mandat li rċeviet iċ-CCCME mingħand produtturi esportaturi individwali ma jbiddilx il-fatt li hija għandha l-għan li tipprekludi l-kompetizzjoni bejn il-membri tagħha meta huma jesportaw il-prodotti tagħhom lejn l-Unjoni. Konsegwentement, il-*locus standi* fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE jista' jkun ibbażat biss fuq l-iżball tal-Kummissjoni mwettaq matul l-investigazzjoni amministrattiva u mhux fuq drittijiet stabbiliti fir-Regolament bażiku. Għaldaqstant, l-intervenjenti titlob lill-Qorti Ġenerali teżamina din il-kwistjoni *ex officio*.

18 Ir-rikorrenti jikkontestaw dan l-argument.

19 Qabelxejn, għandu jitfakkar li skont l-Artikolu 142(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, l-għan tal-intervent jista' jkun biss li jiġu sostnuti kompletament jew parzjalment it-talbiet ta' waħda mill-partijiet prinċipali. F'dan il-każ, l-argumenti tal-intervenjenti dwar l-ammissibbiltà tar-rikors ma humiex sostnuti mit-talbiet tal-Kummissjoni.

20 Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-qorti tal-Unjoni tista' tagħti deċiżjoni, jekk ikun meħtieġ *ex officio*, dwar motiv ta' ordni pubbliku bbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 263 TFUE (ara s-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Venezuela vs Il-Kunsill (Inċidenza għal Stat terz) C-872/19 P, EU:C:2021:507, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-persuni li ma jkunux id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jallegaw li huma individwalment ikkonċernati, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, sakemm din id-deċiżjoni ma tkunx tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet li jkunu speċifiċi għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzahom fil-konfront ta' kwalunkwe persuna oħra u, għalhekk, tindividwalizzahom b'mod analogu għal kif ikun

id-destinatarju ta' tali deċiżjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Fost il-persuni li jistgħu jkunu individwalizzati permezz ta' att tal-Unjoni bl-istess mod bħad-destinatarji ta' deċiżjoni hemm dawk li jkunu pparteċipaw fil-proċess ta' adozzjoni ta' dan l-att. Madankollu, il-fatt li persuna tkun għamlet intervent fil-proċess ta' adozzjoni ta' tali att ikun ta' natura li jindividwalizzaha fil-konfront tal-att inkwistjoni fil-każ biss li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi garanziji proċedurali favur din il-persuna. Fil-fatt, il-portata preċiża tad-dritt għal azzjoni legali ta' individwu kontra att tal-Unjoni tiddependi mill-pożizzjoni legali ddefinita favur tiegħu mid-dritt tal-Unjoni bil-għan li jiġu protetti l-interessi leġittimi rrikonoxxuti b'dan il-mod (ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 F'dan il-każ, il-punt introduttiv tar-rikors jippreċiża li dan ir-rikors huwa ppreżentat, l-ewwel nett, miċ-CCCME, minn naħa, f'isem il-membri tagħha msemmija fl-Anness A.2 (iktar 'il quddiem il-"membri kkonċernati taċ-CCCME") u, min-naħa l-oħra, f'isimha stess f'dak li jirrigwarda ċerti lmenti, it-tieni nett, mit-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun tal-Kummissjoni u, it-tielet nett, minn ħames produtturi esportaturi Ċiniżi oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun li isimhom jidher fl-anness tar-Regolament ikkontestat. La l-ismijiet tat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u lanqas l-ismijiet tal-ħames produtturi esportaturi Ċiniżi l-oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ma jidhru fl-Anness A.2 ipprovdut mir-rikorrenti bħala membri taċ-CCCME u huma ma pproduċewx dokumenti li jattestaw l-affiljazzjoni tagħhom maċ-CCCME.

24 Qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat li, wara mistoqsija tal-Qorti Ġenerali dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni (C-478/21 P, EU:C:2023:685), mogħtija wara l-fażi bil-miktub tal-proċedura, iċ-CCCME rrikonoxxiet li r-rikors kien inammissibbli sa fejn kien ġie ppreżentat f'isimha stess. Mistoqsija f'dan ir-rigward matul is-seduta, iċ-CCCME sostniet li l-ilmenti kollha tar-rikors kienu tqajmu kemm f'isimha stess kif ukoll fl-interess tal-membri tagħha. Konsegwentement, iċ-CCCME ma tqajjem l-ebda lment f'isimha b'mod iżolat.

25 Sussegwentement, fir-rigward tar-rappreżentanza tal-membri taċ-CCCME quddiem qorti minn din tal-aħħar, mill-punt 23 iktar 'il fuq jirriżulta li ċ-CCCME għandha l-intenzjoni li tirrappreżenta, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, il-wieħed u tletin kumpannija li l-lista tagħhom hija inkluża fl-Anness A.2 tar-rikors u li għalihom hija pproduċiet dokumenti li jiċċertifikaw li huma kienu affiljati magħha. Minn dan l-anness jirriżulta li dawn il-wieħed u tletin kumpannija huma produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma humiex inklużi fil-kampjun.

26 Sabiex assoċjazzjoni tkun tista' tippreżenta b'mod validu rikors quddiem il-qrati tal-Unjoni f'isem il-membri tagħha, huwa meħtieġ, l-ewwel nett, li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li taġixxi f'isimhom ikunu jagħmlu parti mill-membri tagħha, it-tieni nett, li hija jkollha s-setgħa tressaq kawża f'isimhom, it-tielet nett, li dan ir-rikors ikun ippreżentat f'isimhom, ir-raba' nett, li minn tal-inqas wieħed mill-membri li taġixxi f'isimhom seta' jippreżenta huwa stess rikors ammissibbli u, il-ħames nett, li l-membri li taġixxi f'isimhom ma jkunux ippreżentaw rikors parallel quddiem

il-qrati tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 83).

27 F'dan il-każ, l-ewwel nett, iċ-CCCME pproduċiet il-prova, mhux ikkontestata, tal-affiljazzjoni tal-membri kkonċernati.

28 It-tieni nett, l-istatuti prodotti miċ-CCCME fl-anness għandhom l-għan soċjali mfittex minnha f'termini li jippermettu li tiġi koperta azzjoni ġudizzjarja intiża sabiex tiddefendi l-interessi tal-membri tagħha kontra miżuri ta' difiża tal-kummerċ (sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 88).

29 It-tielet nett, ir-rikors jippreċiża li l-azzjoni hija ppreżentata wkoll f'isem il-membri kkonċernati.

30 Ir-raba' nett, il-membri kkonċernati setgħu jippreżentaw rikors kontra r-Regolament ikkontestat. F'dan ir-rigward, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jipprevedi li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni paragrafu ta' din l-istess dispożizzjoni, tippreżenta rikors kontra l-atti li hija d-destinatarju tagħhom jew li jirrigwardawha direttament u individwalment u kontra l-atti regolatorji li jirrigwardawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni.

31 F'dan il-każ, ir-rekwiżit li jirrigwarda l-interess dirett huwa ssodisfatt peress li r-Regolament ikkontestat joħloq effetti diretti fuq is-sitwazzjoni legali tal-membri taċ-CCCME u li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, mingħajr ma jibbenefikaw minn xi marġni ta' evalwazzjoni, huma obbligati jiġbru d-dazji imposti mir-Regolament ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 118 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fir-rigward tal-interess individwali, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, ir-regolamenti li jistabbilixxu dazji antidumping għandhom, min-natura u mill-portata tagħhom, natura normattiva peress li japplikaw għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati kollha (ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Marquis Energy, C-466/16 P, EU:C:2019:156, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, din in-natura normattiva ma tipprekludix li l-imsemmija regolamenti jkunu jistgħu jikkonċernaw individwalment dawk mill-produtturi u esportaturi tal-prodott ikkonċernat li lilhom huma attribwibbli l-prattiki ta' dumping fuq il-bażi ta' data dwar l-attività kummerċjali tagħhom, bħalma huma l-impriżi produttriċi u esportatriċi li jistgħu juru li huma ġew identifikati fl-atti tal-Kummissjoni jew li kienu kkonċernati mill-investigazzjonijiet preparatorji (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Growth Energy u Renewable Fuels Association, C-465/16 P, EU:C:2019:155, punt 79).

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-membri kkonċernati taċ-CCCME huma produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat li kkooperaw mal-Kummissjoni matul l-investigazzjoni tagħha u li isimhom jidhru fl-anness li għalih jirreferi l-Artikolu 1(2) tad-dispożittiv tar-Regolament ikkontestat. Bħala kumpanniji oħra li kkoperaw identifikati f'dan l-anness, lill-membri kkonċernati taċ-CCCME li f'isimhom hija ppreżentat dan ir-rikors ġie applikat dazju antidumping ta' ammont speċifiku, differenti mill-ammont applikabbli għall-kumpanniji l-oħra kollha mhux identifikati li għalihom japplika r-Regolament ikkontestat. Għaldaqstant, l-imsemmija membri huma direttament u individwalment ikkonċernati.

34 Il-ħames nett, l-ebda wieħed mill-membri kkonċernati taċ-CCCME ma ppreżenta rikors parallel għal dak eżaminat f'dan il-każ.

35 Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà kif stabbiliti fil-punt 26 iktar 'il fuq huma ssodisfatti.

36 Madankollu, mill-ġurisprudenza jirriżulta li rikors għal annullament kontra regolament li jimponi dazji antidumping, jekk jintlaqa', iwassal għall-annullament ta' dak ir-regolament sa fejn jimponi dazju antidumping fuq ir-rikorrent, filwaqt li l-imsemmi annullament ma jaffettwax il-validità tal-elementi oħra ta' dan ir-regolament, u b'mod partikolari, tad-dazju antidumping applikabbli għall-operaturi l-oħra. Minn dan isegwi li, fir-rigward tar-rappreżentanza tal-membri taċ-CCCME minn din tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' dan ir-rikors, huma biss il-membri kkonċernati taċ-CCCME li f'isimhom ġie ppreżentat dan ir-rikors li jistgħu jibbenefikaw minn annullament jekk ir-rikors ippreżentat f'isimhom miċ-CCCME jintlaqa' mill-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punti 110 u 112). Dawn il-membri huma Haining Hisener Trade Co., Ltd, Changshu City Standard Parts Factory Co., Ltd., Ningbo Nanjubaoge Fastener Manufacturing Co. Ltd, Jinan Star Fastener Co., Haiyan Xinglong Fastener Co., Ltd, Zhejiang Excellent Industries Co. Ltd, Zhejiang Channov Auto Parts Co., Ltd, Zhejiang New Shengda Fastener Co., Ltd., Shanghai East Best Foreign Trade Co., Ltd., Lianyungang Suli Hardware Technology Co., Ltd., Yuyao Alfirste Hardware Co., Ltd, Zhejiang Chaoboer Hardware Co., Ltd, Haiyan Shangxin Standarf Parts Co., Ltd, Jiaxing Shangxiang Import and Export Co., Ltd, Zhejiang Tianyuan Metal Products Co., Ltd, Jiashan Xiaohai Metal Products Factory, Jia Xing Tai Cheng Aoto Parts Co., Ltd, Haiyan Yousun Entreprise Co., Ltd, Haiyan Wancheng Fasteners Co., Ltd., EC International (Nantong) Co., Ltd., Jiaxing Zhengying Hardware Co., Ltd, SSF Industrial Co. Limited, Zhe Jiang World Win Fastener Co., Ltd, Haiyan Tianqi Standard Parts Co., Ltd, Jiashan Sanxin Fastener Company Limited, Jiaxing Huanhuan Tong Plastic Industry Co., Ltd, Yuyao Zhenrui Metal Co., Beijing Jinzhaobo High Strength Fastener Co., Ltd., Jiashan Yongxin Fastener Co., Ltd, Haiyan Yihui Hardware Technology Co., Ltd u Shanghai Moregood Hardware Co., Ltd.

37 Minn dan jirriżulta li dan ir-rikors huwa ammissibbli sa fejn huwa ppreżentat miċ-CCCME f'isem il-wieħed u tletin membru tagħha ċċitati fil-punt 36 iktar 'il fuq li huma produtturi esportaturi li kkooperaw mal-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, mit-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun u mill-ħames produtturi esportaturi l-oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun li ma pproduċewx ċertifikat ta' affiljazzjoni maċ-CCCME.

B. Fuq il-mertu

38 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw disa' motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed fuq ksur tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fid-determinazzjoni tal-valur normali, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, sa fejn il-Kummissjoni wa wettqitx l-aġġustamenti neċessarji għad-data dwar l-ispejjeż tal-bejgħ, l-ispejjeż amministrattivi u l-ispejjeż ġenerali l-oħra (iktar 'il quddiem il-"BAĠ") u dwar il-profitti tal-produtturi Tajlandiżi, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 18(1)(3) u (4) tar-Regolament bażiku, tal-Artikolu 6.8 tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 189, iktar 'il quddiem il-"Ftehim antidumping"), li jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti,

Kapitolu 11, Vol. 21, p. 82), u tal-Anness II tal-Ftehim antidumping (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 204, iktar 'il quddiem l-"Anness II"), fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-ħaddiema ta' żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, ir-raba' wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku bid-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping tal-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun, il-ħames wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 3(2), (3), (5) u (6) tar-Regolament bażiku moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) tal-istess regolament, minħabba n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-differenza bejn l-elementi tal-irbit standard u dawk mhux standard fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-dannu u tar-rabta kawżali, is-sitt wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 3(2) u (3) u tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, bl-analiżi ta' twaqqigħ tal-prezz tal-Kummissjoni sa fejn dan huwa ddeterminat f'dak li jirrigwarda 24 % biss tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, is-seba' wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 3(2), (3) u (6) u tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, sa fejn il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet Ċiniżi lid-distributuri mal-prezzijiet tal-Unjoni lill-utenti finali fl-analiżi tal-effetti fuq il-prezzijiet u d-determinazzjoni tal-marġni ta' dannu, it-tmien wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 3(2) u (5) tar-Regolament bażiku sa fejn il-Kummissjoni ma wettqitx eżami oġġettiv ibbażat fuq provi pożittivi f'dak li jirrigwarda l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u, id-disa' wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 6(7), l-Artikolu 19(1), (2) u (3) u l-Artikolu 20(2) u (4) tar-Regolament bażiku u tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti mill-Kummissjoni minħabba t-trattament kunfidenzjali rriżervat għal ċerta data matul il-proċedura amministrattiva.

1. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

39 Qabelxejn, għandu jitfakkar li, fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, u b'mod partikolari fil-qasam tal-miżuri ta' difiża tal-kummerċ, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ġuridiċi li jkollhom jeżaminaw (ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni għandu għalhekk ikun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli proċedurali, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati, tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter (ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-istħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-provi li fuqhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jibbażaw il-konstatazzjonijiet tagħhom ma jikkostitwixxix evalwazzjoni ġdida tal-fatti li tissostitwixxi dik ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dan l-istħarriġ sempliċement jirrileva jekk dawn l-elementi humiex ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet misluta minnhom. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali għandha mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data rilevanti kollha li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk dawn humiex ta' natura li jkunu ta' bażi għall-konklużjonijiet misluta minnhom (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Hansol Paper, C-260/20 P, EU:C:2022:370, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, id-determinazzjoni tal-valur normali ta' prodott tikkostitwixxi wieħed mill-istadji essenzjali li għandhom jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dumping eventwali (sentenzi tat-22 ta' Marzu 2012, GLS, C-338/10, EU:C:2012:158, punt 19, u tal-1 ta' Ottubru 2014, Il-Kunsill vs Alumina, C-393/13 P, EU:C:2014:2245, punt 20).

42 Madankollu, hija ġurisprudenza stabbilita li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jgawdu minn setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali għal pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq (ara s-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni, T-228/17, EU:T:2019:619, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata) u li l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq għal dan l-għan taqa' wkoll fil-kuntest tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li għandhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni. Madankollu, il-marġni ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni huwa limitat fil-kuntest tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, sa fejn il-pajjiż magħżul għandu jkollu livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni, T-326/21, EU:T:2023:347, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Ġie deċiż ukoll li kellu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi essenzjali bil-għan li tiġi stabbilita l-adegwatezza tal-pajjiż magħżul u jekk l-elementi tal-fajl kinux ġew eżaminati bid-diliġenza kollha dovuta sabiex ikun jista' jitqies li l-valur normali kien ġie stabbilit b'mod xieraq u mhux b'mod irraġonevoli. Din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta għal sitwazzjonijiet fejn l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fil-pajjiż esportatur tiġġustifika l-użu tad-data minn pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-kalkolu tal-valur normali, li jinvolvi wkoll l-eżami ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi kumplessi (ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni, T-326/21, EU:T:2023:347, punt 128 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat l-ewwel motiv tar-rikorrenti dwar il-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat, li jinqasam f'ħames partijiet.

a) Fuq l-ewwel parti, dwar l-għażla tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat

45 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jsostnu, qabel kollox, li l-Kummissjoni ma kellhiex tqis lit-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni minħabba l-importazzjonijiet f'dan il-pajjiż tal-vireg tal-wajer ta' kwalità speċjali li joriġinaw mill-Ġappun, imbagħad isostnu li l-bażi ta' data użata mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola l-ispejjeż BAĠ u l-profitti ma kinitx intgħażlet korrettament u, fl-aħħar nett, li l-Kummissjoni kellha tagħmel aġġustamenti għal din id-data bl-għan li tikkalkola l-valur normali l-iktar qrib tal-valuri ta' produzzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun.

1) Fuq il-prezzijiet tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat fit-Tajlandja

46 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma kellhiex tqis lit-Tajlandja bħala "pajjiż rappreżentattiv xieraq", fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, minħabba l-prezz tal-vireg tal-wajer ta' kwalità għolja importat mill-Ġappun fit-Tajlandja, li huwa materja prima għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Iċ-CCCME pproduċiet matul il-proċedura amministrattiva numru kbir ta' data u provi li jindikaw li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Tajlandiżi ma kinux jikkorrispondu għall-ispejjeż ta' produzzjoni tal-produtturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, sa fejn dawn kienu jesportaw lejn l-Unjoni kważi biss elementi tal-irbit standard u ftit li xejn elementi tal-irbit speċjali. Għall-kuntrarju, il-vireg tal-wajer ta' kwalità speċjali li joriġinaw mill-Ġappun jintużaw għal applikazzjonijiet partikolari u mhux għall-produzzjoni ta'

elementi tal-irbit standard. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma eżaminatx korrettament id-differenza sinjifikattiva fil-prezz ta' 17 % tal-esportazzjonijiet Ġappuniżi, minn naħa, lejn it-Tajlandja u, min-naħa l-oħra, lejn il-ħames pajjiżi ta' esportazzjoni prinċipali l-oħra.

47 Ir-rikorrenti jqisu li l-ispejjeż ta' manifattura fit-Tajlandja ma humiex "korrispondenti" għal dawk tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Billi imponiet oneru tal-prova eċċessiv, il-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

48 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti. Barra minn hekk, hija ssostni li l-ilment dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ma huwiex issostanzjat mir-rikorrenti u li, konsegwentement, huwa inammissibbli.

i) Fuq l-ammissibbiltà tal-ilment dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

49 Wara mistoqsija tal-Qorti Ġenerali dwar l-inammissibbiltà tal-ilment imqajjem mill-Kummissjoni fir-risposta, ir-rikorrenti ppreċiżaw, matul is-seduta, li l-ilment dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kien jikkonċerna n-natura eċċessiva tal-oneru tal-prova li l-Kummissjoni imponiet fuqhom, sa fejn huma kienu ppreżentaw b'mod estensiv ir-raġunijiet li għalihom id-data meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni ma kinitx l-iktar xierqa u huma kienu ipprovdew biżżejjed informazzjoni.

50 Fil-fatt, mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jirriżulta li l-oneru tal-prova li għalhekk jista' jaqa' fuq il-produtturi esportaturi skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku ma għandux ikun irraġonevoli (ara, b'analoġija, s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni, T-326/21, EU:T:2023:347, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Għaldaqstant, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-ilment dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa ssostanzjat fl-argumenti tar-rikorrenti mressqa fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, li permezz tagħha huma jikkontestaw l-għażla tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, minkejja l-elementi li huma ppreżentaw lill-Kummissjoni li jindikaw li l-pajjiż inkwistjoni ma kienx jikkostitwixxi pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat.

52 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda.

ii) Fuq il-fondatezza tal-għażla tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat

53 L-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa fformulat kif ġej:

"a) Fil-każ li jiġi determinat, meta tiġi applikata din id-dispożizzjoni jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra rilevanti ta' dan ir-Regolament, li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni, soġġett għar-regoli segwenti.

Is-sorsi li l-Kummissjoni tista' tuża jinkludu:

– kostijiet korrispondenti ta' produzzjoni u bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħall-pajjiż esportatur, sakemm id-data rilevanti tkun disponibbli fil-pront; f'każ li tali pajjiż jkunu aktar minnwieħed, għandha tingħata preferenza, meta jkun il-każ, lill-pajjiżi li għandhom livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali;

– jekk tqis li huwa xieraq, il-prezzijiet, il-kostijiet, jew il-valuri ta' riferiment internazzjonali mingħajr distorsjoni; jew

– jew – kostijiet domestiċi, iżda sal-punt biss li jkunu stabbiliti pożittivament biex ma jkunux soġġetti għal distorsjoni, abbażi ta' evidenza preċiża u xierqa, inkluż il-qafas tad-dispożizzjonijiet dwar il-partijiet interessati fil-punt (c).

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17, dik il-valutazzjoni għandha ssir separatament għal kull esportatur u produttur.

Il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti.

b) Id-distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:

– is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intraprizi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;

– il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;

– politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;

– in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;

– il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;

– l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat.

[…]"

54 Skont il-premessa 220 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni bbażat l-għażla tagħha tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq fuq il-bażi ta' tliet kriterji, jiġifieri livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina, il-manifattura tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż inkwistjoni u d-disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti.

55 Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ noti fil-fajl dwar is-sorsi użati biex jiġi ddeterminat il-valur normali, li dwarhom il-partijiet ikkonċernati kienu ntalbu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Min-nota fil-fajl ippubblikata fil-5 ta' Frar 2021 (iktar 'il quddiem l-"ewwel nota") jirriżulta li l-Kummissjoni stabbilixxiet l-eżistenza ta' produzzjoni kunsiderevoli tal-prodott ikkonċernat fi tmien pajjiżi b'livell ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina, iżda li hija rnexxielha ssib data rilevanti faċilment disponibbli biss għall-Brażil, ir-Russja, it-Turkija u t-Tajlandja. Skont il-premessa 223 tar-Regolament ikkontestat, fin-nota fil-fajl ippubblikata fl-4 ta' Mejju 2021 (iktar 'il quddiem it-"tieni nota"), il-Kummissjoni kkonfermat id-disponibbiltà ta' data anki għall-Malasja.

56 Waqt l-analiżi tad-data dwar l-importazzjonijiet fil-ħames pajjiżi rappreżentattivi potenzjali, il-Kummissjoni osservat li iktar minn 75 % tal-importazzjonijiet tal-materja prima użata fil-manifattura tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni fil-Brażil u fil-Malasja kienu ġejjin miċ-Ċina u minn pajjiżi mhux membri tal-WTO elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU 2015, L 123, p. 33). Peress li l-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet setgħu jiġu affettwati minn distorsjonijiet u setgħu jwasslu għal distorsjoni, min-naħa tagħhom, tal-volumi ta' importazzjonijiet rimanenti, il-Kummissjoni analizzat dawn l-importazzjonijiet fid-dawl tal-kwantitajiet assoluti u tal-prezzijiet tagħhom u kkonkludiet li l-Brażil u l-Malasja kellhom sett ta' data faċilment aċċessibbli ta' kwalità baxxa sabiex jikkalkolaw valur mhux distort. Ir-Russja ġiet eskluża, peress li l-ebda parti kkonċernata ma kienet ivvotat favur tagħha. It-Tajlandja kienet ippreferuta mit-Turkija peress li, minn naħa, tal-ewwel kellha volumi ikbar ta' importazzjonijiet tal-erba' materji prima prinċipali użati fil-manifattura tal-prodott suġġett għal investigazzjoni u, min-naħa l-oħra, kellha dazji tal-importazzjoni iktar baxxi fuq dawn il-fatturi ta' produzzjoni.

57 Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet ikkonċernati jippreżentaw osservazzjonijiet u jipproponu informazzjoni pubblikament disponibbli dwar valuri mhux distorti għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni. Mill-atti tal-proċess jirriżulta li r-rikorrenti u, b'mod partikolari, iċ-CCCME u t-tliet produtturi-esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun setgħu, bħala partijiet ikkonċernati, jikkonsultaw il-fajl tal-Kummissjoni u jippreżentaw osservazzjonijiet dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

58 Bi tweġiba għall-osservazzjonijiet taċ-CCCME dwar il-preżenza importanti ta' dak li kklassifikat bħala materji prima ta' kwalità għolja li joriġinaw mill-Ġappun, il-Kummissjoni analizzat il-prezzijiet Ġappuniżi għall-esportazzjoni tal-erba' materji prima prinċipali, sabiex tidentifika jekk kienx hemm distorsjonijiet li kienu jindikaw li l-importazzjonijiet lejn it-Tajlandja mill-Ġappun ma kinux suġġetti għar-regoli tas-suq. Mill-premessa 232 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li matul il-perijodu ta' investigazzjoni, it-Tajlandja kienet tikkostitwixxi wieħed mill-ħames swieq prinċipali tal-esportazzjoni tal-Ġappun, li kien jirrappreżenta 17 % tal-esportazzjonijiet totali Ġappuniżi ta' dawn il-materji, filwaqt li l-ħames pajjiżi prinċipali ta' esportazzjoni kienu jirrappreżentaw iktar minn 60 % tal-esportazzjonijiet Ġappuniżi. Il-prezz medju tal-esportazzjoni lejn it-Tajlandja kien 17 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni lejn il-ħames pajjiżi ta' esportazzjoni prinċipali l-oħra. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ġappuniżi lejn it-Tajlandja ma kinux għoljin wisq jew mhux rappreżentattivi. Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-esportazzjonijiet Ġappuniżi lejn it-Tajlandja ma setgħux jikkontestaw in-natura rappreżentattiva ta' din tal-aħħar, għall-finijiet tal-investigazzjoni dwar il-prodott ikkonċernat.

59 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li t-Tajlandja kienet tikkostitwixxi pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur normali tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni. F'dan il-kuntest, fid-dawl tal-fatt li l-oneru tal-prova jaqa' fuq ir-rikorrenti, li għandhom jipproduċu provi konklużivi insostenn tal-allegazzjonijiet tagħhom, għandu jiġi vverifikat jekk huma pproduċewx provi ta' natura li juru li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 39 iktar 'il fuq, meta għażlet lit-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni, T-326/21, EU:T:2023:347, punt 131 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jikkontestawx, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-Regolament ikkontestat dwar l-eżistenza ta' provi waqt il-ftuħ tal-investigazzjoni, li kienu indikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fiċ-Ċina, fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt li t-Tajlandja għandha livell ta' żvilupp simili għal dak taċ-Ċina.

61 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi Ċiniżi kollha sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-inputs użati għall-manifattura ta' elementi tal-irbit, għall-kalkolu tal-prezz li produttur ta' elementi tal-irbit iħallas fit-Tajlandja għal materja prima kkunsinnata fil-fabbrika. Għad-definizzjoni tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tal-prodott suġġett għal investigazzjoni, il-Kummissjoni użat il-metodu tas-sistema armonizzata dinjija għad-deskrizzjoni u l-kodifikazzjoni ta' oġġetti, imfassla mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana, u ddefinixxiet il-kodiċijiet rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA). Il-Kummissjoni spjegat li, sabiex tikseb il-prezzijiet mhux distorti tal-materja prima rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq, hija kienet obbligata twettaq approssimazzjonijiet, skont id-data li tinsab għad-dispożizzjoni tagħha.

62 Kif ikkonfermat mir-rikorrenti waqt is-seduta, huma ma jikkontestawx bħala tali d-definizzjoni tal-kodiċijiet SA li jiddeterminaw il-materja prima neċessarja għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Issa, il-Kummissjoni stabbilixxiet, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti fuq dan il-punt, li dan il-metodu kien jippreżupponi ċertu livell ta' approssimazzjoni, sa fejn diversi kwalitajiet ta' materja prima setgħu jkunu koperti mill-istess kodiċi SA fi proporzjonijiet differenti. Għaldaqstant, huwa diffiċli li tiġi stabbilita korrispondenza eżatta bejn il-kodiċijiet SA minn produttur għal ieħor.

63 Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kellha tadatta d-data li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha u b'mod partikolari teskludi l-valuri li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-vireg tal-wajer fit-Tajlandja li joriġinaw mill-Ġappun, peress li l-imsemmija vireg tal-wajer huma ta' kwalità aħjar minn dak użat mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun u jżidu l-prezz tal-valur normali tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni b'mod irraġonevoli.

64 Ir-rikorrenti jiddefinixxu l-vireg tal-wajer ta' kwalità għolja bħala assoċjat ma' elementi tal-irbit mhux standard, peress li dawn tal-aħħar huma ġeneralment intiżi għal setturi li jfittxu elementi ta' kwalità aħjar. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat f'dan ir-rigward li, l-ewwel nett, anki fis-setturi li huma jagħmlu riferiment għalihom, b'mod partikolari, il-karozzi jew l-aeronawtika, l-elementi tal-irbit użati jistgħu jkunu kemm standard kif ukoll mhux standard. Fi kwalunkwe

każ, skont id-definizzjoni tal-prodott suġġett għal investigazzjoni mill-Kummissjoni, kemm l-elementi standard kif ukoll l-elementi mhux standard huma kkonċernati minn din l-investigazzjoni.

65 It-tieni nett, ir-rikorrenti ma jipproduċux il-prova tal-preżenza speċifika, f'termini ta' perċentwali, ta' vireg tal-wajer ta' kwalità speċjali fl-elementi tal-irbit standard jew mhux standard. Huma jindikaw, f'dan ir-rigward, żjarat tar-rappreżentanti tal-European Fasteners Distributor Association (iktar 'il quddiem l-"EFDA") fil-fabbriki Tajlandiżi u xhieda ta' dawn ir-rappreżentanti li jistabbilixxu l-użu tal-vireg tal-wajer ta' kwalità speċjali fis-settur tal-karrozzi Tajlandiż. Madankollu, dawn l-elementi ma jistgħux jikkostitwixxu prova affidabbli u oġġettiva li turi li l-produtturi Tajlandiżi kollha ta' elementi tal-irbit kienu limitati għal din il-produzzjoni. Fil-fatt, għandu jitfakkar f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha matul l-investigazzjoni dwar l-eżattezza tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati li fuqha huma bbażati l-konstatazzjonijiet. Dan l-obbligu ta' verifika huwa l-espressjoni, fil-kuntest tal-impożizzjoni ta' miżuri antidumping, ta' prinċipju iktar ġenerali li jimponi fuq kull qorti, minkejja s-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tagħha, li twettaq eżami preċiż u li tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq provi ta' kwalità suffiċjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Yieh United Steel vs Il-Kummissjoni, T-607/15, EU:T:2019:831, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 It-tielet nett, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma pproduċewx provi konkreti dwar il-proporzjonijiet ta' inklużjoni tal-vireg tal-wajer għall-elementi tal-irbit mhux standard li l-Kummissjoni tista' tuża. Kif irrilevat il-Kummissjoni, minn naħa, ir-rikorrenti ma kinux f'pożizzjoni li juru li l-vireg tal-wajer ta' kwalità speċjali ma kinux użati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi ta' elementi tal-irbit. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Anness B.1 tar-risposta, li r-rikorrenti ma jikkontestawx, fl-2020, iċ-Ċina kienet l-ewwel pajjiż ta' esportazzjoni tal-vireg tal-wajer li jaqgħu taħt il-kodiċijiet rilevanti tal-Ġappun. Għalhekk, il-vireg tal-wajer "ta' kwalità speċjali" li joriġinaw mill-Ġappun kienu wkoll importati fiċ-Ċina fi kwantitajiet kbar.

67 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni spjegat fil-premessa 301 tar-Regolament ikkontestat li, fuq il-bażi tad-data kunfidenzjali ppreżentata minn waħda mill-partijiet ikkonċernati, l-elementi tal-irbit għall-industrija tal-karozzi kienu jirrappreżentaw inqas minn 50 % tad-domanda totali għall-elementi tal-irbit industrijali fit-Tajlandja fl-2018, b'tali mod li fit-Tajlandja kienet teżisti domanda għall-materji prima għal elementi tal-irbit standard kif ukoll għal elementi tal-irbit mhux standard.

68 Għalhekk, ir-rikorrenti ma ssostanzjawx l-affermazzjoni tagħhom li l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ġappun kienu prinċipalment importazzjonijiet ta' vireg tal-wajer ta' kwalità speċjali. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li materja prima tkun ta' kwalità aħjar, u għalhekk iktar għalja, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi kkontestata l-eżattezza jew il-veraċità ta' din id-data. Għaldaqstant, dan ma jfissirx li din l-informazzjoni għandha tiġi eskluża mill-kalkolu.

69 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti kkomunikaw it-tabelli tal-"fatturi ta' produzzjoni" li jirrigwardaw id-differenzi fil-prezz tat-tipi differenti ta' vireg tal-wajer. Madankollu, ma ġiet prodotta l-ebda prova konkreta dwar it-tqassim ta' dawn il-vireg fil-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Minn dan jirriżulta li dawn l-elementi jistgħu jikkonċernaw prodotti li ma jagħmlux parti mill-investigazzjoni. Għaldaqstant, it-tabelli ma jikkostitwixxux prova suffiċjenti sabiex jiġu kkontestati l-valuri meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

70 Fi kwalunkwe każ, kif jirriżulta mill-punt 61 iktar ’il fuq, il-kodiċijiet SA rilevanti jinkludu tipi u kwalitajiet ta’ materji prima li ma humiex użati fil-manifattura ta’ elementi tal-irbit. Dan imur id f’id mal-metodu magħżul mill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-marġni ta’ evalwazzjoni wiesa’ li hija għandha għad-determinazzjoni tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, għalkemm l-imsemmi artikolu jistabbilixxi ċerti kriterji fir-rigward tal-għażla tal-pajjiż, huwa ma jiddeterminawx metodu preċiż li l-Kummissjoni għandha ssegwi sabiex tikkalkola l-valur normali tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni abbażi ta’ data ta’ pajjiż li ma huwiex dak ikkonċernat direttament mill-investigazzjoni.

71 Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jiftakar li l-valur normali tal-prodott ikkonċernat ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-importazzjonijiet kollha fit-Tajlandja, u mhux biss fuq il-bażi tal-importazzjonijiet mill-Ġappun. Skont il-premessa 301 tar-Regolament ikkontestat, l-importazzjonijiet Tajlandiżi tal-erba’ materji primi prinċipali li joriġinaw mill-Ġappun kienu jirrappreżentaw biss madwar 33 % tat-total tal-importazzjonijiet ta’ dawn il-materji.

72 Il-ħames nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-prezz medju tal-esportazzjoni tal-Ġappun lejn it-Tajlandja kien 17 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni lejn il-ħames pajjiżi l-oħra prinċipali tal-esportazzjoni, mill-premessa 232 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li t-Tajlandja kienet tirrappreżenta 17 % tal-esportazzjonijiet Ġappuniżi totali ta’ dawn il-materji prima, filwaqt li l-ewwel ħames pajjiżi ta’ esportazzjoni, bl-esklużjoni taċ-Ċina, kienu jirrappreżentaw iktar minn 60 % tal-esportazzjonijiet Ġappuniżi. Il-prezz medju tal-esportazzjoni lejn it-Tajlandja kien 17 % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni lejn il-ħames pajjiżi ta’ esportazzjoni prinċipali l-oħra. Il-Kummissjoni qieset li dan ma kienx juri l-ħtieġa li tiġi eskluża d-data Ġappuniża, peress li l-prezzijiet Ġappuniżi tal-esportazzjoni lejn it-Tajlandja ma kinux eċċessivament għoljin jew mhux rappreżentattivi. Mistoqsija f’dan ir-rigward waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet li l-prezzijiet Ġappuniżi lejn it-Tajlandja kienu jikkostitwixxu sempliċement il-valur superjuri tal-medda. Fil-fatt, ebda prova ma tippermetti li jiġi kkonstatat li din id-differenza fil-prezzijiet Ġappuniżi ta’ esportazzjoni lejn it-Tajlandja meta mqabbla ma’ pajjiżi oħra ma tikkorrispondix mal-mekkaniżmu tas-suq klassiku u li tiġi kkontestata l-għażla tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

73 Fi kwalunkwe każ, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 59 iktar ’il fuq, kienu r-rikorrenti li kellhom jipproduċu provi suffiċjenti sabiex juru li din id-differenza kellha impatt dirett fuq il-kalkolu tal-valur normali tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni. F’dan ir-rigward, għandu barra minn hekk jiġi kkonstatat li, minkejja l-argumenti tagħhom f’dan is-sens, ir-rikorrenti ma jipproduċux il-prova tal-użu ta’ data distorta mill-Kummissjoni, fi kliem ieħor ta’ data mmanipulata jew li ma tikkorrispondix mar-realtà.

74 Fit-tieni lok, fir-rigward tan-natura korrispondenti tal-ispejjeż Tajlandiżi għall-ispejjeż sostnuti mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 198 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni kkonstatat li l-industrija Ċiniża tal-elementi tal-irbit kienet tibbenefika mil-linji gwida u mill-interventi tal-awtoritajiet pubbliċi dwar l-azzar, li kien jikkostitwixxi l-materja prima prinċipali użata fil-manifattura tal-elementi tal-irbit. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa 206 tar-Regolament ikkontestat li l-ispejjeż tal-inputs, u b’mod partikolari tal-materja prima, kienu wkoll affettwati minn distorsjonijiet sinjifikattivi.

75 F’dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-marġni ta’ evalwazzjoni wiesa’ li għandha l-Kummissjoni fil-qasam ta’ miżuri ta’ difiża tal-kummerċ jestendi wkoll għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjonijiet ta’ fatt, ta’ natura legali u politika, li jimmanifestaw ruħhom fil-pajjiż ikkonċernat u li hija għandha tevalwa sabiex tiddetermina jekk esportatur jaġixxix

fil-kundizzjonijiet tas-suq mingħajr interferenza sinjifikattiva mill-Istat (sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-443/11, EU:T:2014:774, punt 163).

76 Ċertament, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-valur normali tal-prodott suġġett għal investigazzjoni kif kien ikun għall-produtturi esportaturi tal-pajjiż ikkonċernat fl-assenza ta' distorsjonijiet. Madankollu, mill-kliem tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jirriżulta b'mod ċar li l-valur normali huwa kkalkolat esklużivament abbażi tad-data tal-pajjiż rappreżentattiv magħżul. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeterminat il-valur normali billi ħadet inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tal-materja prima għall-prodotturi Tajlandiżi ta' elementi tal-irbit.

77 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, peress li ċ-Ċina hija l-pajjiż bl-ikbar popolazzjoni fid-dinja, ma jkunx raġonevoli li l-Kummissjoni tintalab tagħżel bħala pajjiż rappreżentattiv pajjiż b'popolazzjoni ekwivalenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni, T-326/21, EU:T:2023:347, punt 135). Minn dan isegwi li l-Kummissjoni tista', fil-kuntest tal-marġni ta' evalwazzjoni wiesa' tagħha, tagħmel ċerti approssimazzjonijiet għall-kalkolu tal-valur normali, sakemm l-imsemmija approssimazzjonijiet ikunu ġġustifikati mid-data li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha. Kif issostni l-Kummissjoni, l-użu tal-kodiċijiet SA jippreżupponi approssimazzjonijiet, peress li dan ma jirriflettix eżattament il-materji prima fil-proporzjonijiet eżatti użati mill-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

78 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma wrewx li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet, fil-premessa 303 tar-Regolament ikkontestat, li, fl-assenza ta' data iktar issostanzjata dwar il-parti tal-materji prima importata mill-Ġappun intiża għal elementi tal-irbit mhux standard u dwar il-mod kif issir distinzjoni bejn il-materji prima ta' kwalità speċjali fi ħdan l-erba' kodiċijiet SA u li, b'teħid inkonsiderazzjoni tad-domanda għal materji prima għall-manifattura ta' elementi tal-irbit standard u mhux standard fit-Tajlandja, id-data tal-prodotturi Tajlandiżi setgħet tintuża għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat.

2) Fuq ir-rappreżentattività tal-kalkolu tal-ispejjeż BAĠ u tal-profitti

79 Ir-rikorrenti jsostnu li d-data dwar l-ispejjeż BAĠ u dwar il-profitti kkalkolati mill-Kummissjoni ma tikkorrispondix għal dik tal-manifatturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun u, għaldaqstant, li l-imsemmija data ma hijiex rappreżentattiva.

80 F'dan ir-rigward, minn naħa, ir-rikorrenti jsostnu li tlieta mill-ħames prodotturi Tajlandiżi kkunsidrati mill-Kummissjoni ma jipproduċux il-prodott suġġett għall-investigazzjoni. Fil-fatt, qabelxejn, Topy Thaïland ma tipproduċix viti jew boltijiet, filwaqt li l-woxers tat-tip thrust li hija timmanifattura ma jikkorrispondux għall-prodott ikkonċernat. Għall-kuntrarju, l-ebda wieħed mill-prodotturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun ma jimmanifattura woxers, li huma prodotti differenti ħafna minn viti u boltijiet. Barra minn hekk, żjarat tal-EFDA kkonfermaw li Topy Thaïland ma kinitx timmanifattura l-prodott suġġett għall-investigazzjoni. Sussegwentement, ThaiSin timmanifattura essenzjalment elementi tal-irbit speċjali u, fl-aħħar nett, Screwthai kienet timmanifattura essenzjalment prodotti li ma jikkorrispondux għall-prodott ikkonċernat.

81 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jallegaw li d-data Dun & Bradstreet (iktar ’il quddiem id-“data D&B”) dwar il-produttur Tajlandiżi użata mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ispejjeż BAĠ u tal-profitti ma hijiex affidabbli. Fil-fatt, l-imsemmija data hija differenti mid-data Orbis li ntużat fil-kuntest ta’ investigazzjonijiet antidumping oħra. Dawn id-differenzi jivvizzjaw l-affidabbiltà tad-data. B’mod partikolari, jekk id-data D&B tkun tikkonċerna l-grupp Topy u mhux l-entità Tajlandiża tal-grupp, din ma tkunx rappreżentattiva.

82 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

83 Skont l-Artikolu 2(6a), meta l-valur normali jiġi kkalkolat abbażi tal-ispejjeż ta’ produzzjoni u ta’ bejgħ korrispondenti f’pajjiż rappreżentattiv xieraq, dan il-valur normali għandu jinkludi ammont mhux distort u raġonevoli għall-ispejjeż BAĠ kif ukoll għall-marġni ta’ profitt.

84 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jikkontestaw l-għażla tal-produttur Tajlandiżi li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tikkalkola l-ispejjeż BAĠ u l-profitti.

85 F’dan ir-rigward, mill-premessa 244 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li, wara l-kontestazzjonijiet taċ-CCCME u tal-EFDA dwar in-natura xierqa tal-produttur Tajlandiżi fit-tieni nota, il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni disponibbli fuq is-sitt kumpanniji Tajlandiżi li d-data tagħhom kellha tintuża. L-ewwel nett, hija kkonkludiet li Topy Thailand kienet timmanifattura woxers li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott kif ukoll prodotti oħra li ma kinux ikkonċernati mill-investigazzjoni u għalhekk żammitha fl-analiżi. It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonkludiet li TR Formac ma kellhiex fabbrika għal manifattura fit-Tajlandja u fl-aħħar nett eskludietha mill-analiżi. It-tielet nett, il-Kummissjoni kkonkludiet li S.J. Screwthai kienet manifattur tal-boltijiet tal-ankraġġ, u kienet tipproduċi wkoll viti, ankraġġi tal-konkrit u woxers. Il-Kummissjoni qieset li l-ankraġġi, b’mod partikolari meta kkombinati ma’ boltijiet jew ma’ viti, kienu jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni kkonstatat li l-kumpannija kienet timmanifattura wkoll diversi tipi oħra ta’ elementi tal-irbit (pereżempju viti u woxers) u għalhekk żammitha fl-analiżi. Ir-raba’ nett, il-Kummissjoni kkonkludiet li Thaisin Metals Industries Co., Ltd. kienet produttur ta’ viti tal-boltijiet, li tipproduċi wkoll self-tapping screws, machine screws, boltijiet eżagonali u socket hex caps għal varjetà ta’ setturi. Peress li kien hemm diversi tipi ta’ elementi tal-irbit prodotti minn din il-kumpannija, inklużi elementi tal-irbit mhux standard, il-Kummissjoni żammet lil din il-kumpanija fl-analiżi.

86 Skont il-premessa 307 tar-Regolament ikkontestat, wara l-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet definittivi, bi tweġiba għall-osservazzjonijiet irċevuti mill-partijiet ikkonċernati, fosthom iċ-CCCME, li talbet l-esklużjoni tad-data finanzjarja ta’ ċerti kumpanniji Tajlandiżi meqjusa bħala li jimmanifatturaw il-prodott suġġett għall-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonfermat li diversi tipi ta’ elementi tal-irbit tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni kienu mmanifatturati minn dawn il-kumpanniji. B’mod partikolari, is-sit internet ta’ Topy Thailand wera wkoll li l-kumpannija kienet timmanifattura woxers standard li kienu jagħmlu parti mill-prodott suġġett għal investigazzjoni u mhux biss woxers tat-tip thrust, kif kien ġie affermat. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li l-kumpanniji magħżulin fit-Tajlandja kienu relatati direttament jew indirettament mal-manifattura u mal-bejgħ tal-prodott suġġett għal investigazzjoni.

87 F’dan ir-rigward, qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punt 9 iktar ’il fuq, il-woxers huma elementi tal-irbit ikkonċernati mill-investigazzjoni.

88 Sussegwentement, mill-premessi 63 u 70 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet, fost it-tnejn u disgħin produttur esportatur Ċiniżi li kkomunikaw l-informazzjoni mitluba fin-notifika ta' bidu u aċċettat li jiġu inklużi fil-kampjun, it-tliet produtturi esportaturi jew gruppi ta' produtturi esportaturi li kellhom l-ikbar volumi ta' esportazzjonijiet li setgħu raġonevolment jiġu investigati fiż-żmien disponibbli. It-tipi speċifiċi ta' prodotti mmanifatturati mill-kumpanniji magħżula ma kinux jikkostitwixxu kriterju għal din l-għażla, peress li l-elementi tal-irbit kollha tqiesu bħala prodott wieħed għall-finijiet tal-investigazzjoni.

89 Fil-fatt, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, f'każijiet fejn l-għadd ta' produtturi, esportaturi jew importaturi tal-Unjoni, tipi ta' prodotti jew tranżazzjonijiet ikun kbir, l-investigazzjoni tista' tiġi limitata għal għadd raġonevoli ta' partijiet, prodotti, jew tranżazzjonijiet bl-użu ta' kampjuni li huma statistikament validi, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli fil-mument tal-għażla, jew għall-ikbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jistgħu b'mod raġonevoli jiġu investigati fiż-żmien disponibbli.

90 Ma huwiex ikkontestat li l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku jawtorizza lill-Kummissjoni tirrikorri għat-teknika tat-teħid tal-kampjuni, b'mod partikolari fil-każ fejn in-numru tal-persuni li jilmentaw jew in-numru ta' esportaturi jkun kbir. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-kompożizzjoni tal-kampjun tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u n-natura rappreżentattiva tiegħu.

91 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jispjegaw għalfejn id-differenzi fil-produzzjoni tal-elementi tal-irbit jimplikaw neċessarjament differenza sinjifikattiva tal-ispejjeż fir-rigward tal-ispejjeż BAĠ. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jipprevedi li l-kalkolu tal-valur normali jinkludi ammont mhux distort u raġonevoli tal-ispejjeż BAĠ u profitti oħra. Għaldaqstant, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li, sabiex tkun rilevanti, id-data użata mill-Kummissjoni għandha tkun rappreżentattiva tal-kumpanniji li jimmanifatturaw prodotti suġġetti għall-investigazzjoni. Issa, il-woxers jagħmlu parti mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, anki jekk ma humiex prodotti mit-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun.

92 Għaldaqstant, peress li l-Kummissjoni qieset li l-elementi tal-irbit kollha kienu jikkostitwixxu prodott wieħed u li t-teħid ta' kampjun sar skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku, ma jistax jintlaqa' l-argument li d-data ta' produttur Tajlandiż li jipproduċi elementi tal-irbit, iżda li ma jikkorrispondix eżattament ma' dawk prodotti mit-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun suġġetti għall-investigazzjoni għandha tiġi eskluża. Għaldaqstant, il-fatt li dawn tal-aħħar ma jipproduċux woxers huwa irrilevanti għar-rappreżentattività tal-kalkolu tal-ispejjeż BAĠ u tal-profitti marbuta mal-valur normali tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni.

93 Barra minn hekk, kif issostni l-Kummissjoni, fil-kuntest ta' investigazzjonijiet bħal dawk li huma s-suġġett ta' dan ir-rikors, fejn hija tikkostitwixxi l-valur normali abbażi ta' data ta' pajjiż rappreżentattiv xieraq, huwa diffiċli għaliha li jkollha data kwalitattiva u disponibbli kompletament ikkalibrata għall-kampjun tal-produtturi esportaturi. Fi kwalunkwe każ, ir-rappreżentattività tad-data ta' referenza tal-produtturi Tajlandiżi għandha tiġi evalwata fil-livell nazzjonali tal-pajjiż fejn il-prodotti huma l-oġġett ta' dumping, u mhux biss fir-rigward ta' kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun ikkunsidrat individwalment. Il-Kummissjoni spjegat li l-ammonti mhux distorti u raġonevoli għall-ispejjeż BAĠ u l-profitti kienu ġeneralment stabbiliti fuq il-bażi ta' tfittxija fil-fond tal-kumpanniji kollha potenzjalment rilevanti fil-pajjiżi

rappreżentattivi potenzjali xierqa kollha abbażi ta' databases li hija kellha aċċess għalihom. Din id-data hija ġeneralment ipprovduta għal kull kumpannija fl-intier tagħha u kważi qatt ma hija limitata għall-prodott ikkonċernat.

94 Fi kwalunkwe każ, fir-rigward, b'mod partikolari ta' Topy Thaïland, is-sit internet tagħha jippreċiża li din tal-aħħar timmanifattura woxers standard, li jagħmlu parti mill-prodott suġġett għall-investigazzjoni.

95 Ir-rikorrenti jikkontestaw dawn l-evalwazzjonijiet, sa fejn, minn naħa, is-sit internet ta' Topy Thailand juri biss woxers tat-tip thrust, li huma woxers differenti minn woxers "assoċjati ma' vit u ma skorfina" ikkonċernati mill-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra, l-EFDA, li għandha għarfien importanti tal-produtturi Tajlandiżi, ikkonfermat li Topy Thailand ma tipproduċix il-prodott inkwistjoni. Issa, kif jirriżulta mill-punt 65 iktar 'il fuq, tali żjarat, mhux iddokumentati, ma jistgħux jikkostitwixxu prova suffiċjenti sabiex jiġu kkontestati l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentattività tal-produttur Tajlandiż inkwistjoni.

96 Fit-tieni lok, fir-rigward tad-database użata sabiex tinġabar id-data rilevanti tal-produtturi Tajlandiżi, għandu jitfakkar, qabelxejn, li d-determinazzjoni ta' marġnijiet raġonevoli għall-ispejjeż BAĠ u għall-profitti ma hijiex eċċezzjoni għall-applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 39 iktar 'il fuq, li abbażi tagħha l-Kummissjoni, fil-qasam tal-miżuri ta' difiżi tal-kummerċ, tgawdi minn setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, b'tali mod li l-qorti tal-Unjoni tista' teżerċita biss stħarriġ limitat. Fil-fatt, din id-determinazzjoni tinkludi neċessarjament evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi (sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni, T-301/16, EU:T:2019:234, punt 132), kif ukoll l-analiżi tad-data għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 180).

97 Għalhekk, huma r-rikorrenti, jekk huma għandhom l-intenzjoni li jikkontestaw l-affidabbiltà tad-data użata mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola l-ispejjeż BAĠ u l-profitti miżjuda mal-valur normali tal-prodott ikkonċernat, li għandhom jissostanzjaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom b'elementi ta' natura li jitfgħu dubju, b'mod konkret, fuq il-kredibbiltà tal-metodu jew tad-data użati minn din l-istituzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 178 u l-ġurisprudenza ċċitata).

98 F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti, jekk iridu jirbħu l-kawża, ma jistgħux jillimitaw ruħhom li jipproduċu ċifri alternattivi, pereżempju ċifri miksuba minn database oħra, iżda għandhom jipproduċu elementi li jistgħu jikkontestaw dawk ipprovduti mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 179).

99 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fuq kull wieħed mill-punti ta' kontestazzjoni tagħhom, ir-rikorrenti kisbu spjegazzjonijiet matul l-investigazzjoni. Fil-fatt, mill-premessa 241 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-Kummissjoni hemżet mal-fajl miftuħ tal-kawża, l-estratti mid-database D&B dwar il-kumpanniji fit-Tajlandja u li dawn l-estratti kienu jinkludu links lejn paġni tas-sit internet D&B dwar il-metodoloġija ġenerali, jiġifieri ġbir tal-karta tal-bilanċ, tal-kont tal-profitt u t-telf u ta' proporzjonijiet għal ċertu numru ta' impriżi fid-dinja, pajjiż b'pajjiż, bi spjegazzjonijiet dwar dawn il-proporzjonijiet

100 Fil-premessa 308 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjonijiet dwar l-assenza ta' affidabbiltà tad-data D&B, li hija pprovata mill-fatt li l-ammonti tal-profitti magħmula fil-livell tal-grupp Topy huma simili għal dawk magħmula minn Topy Thailand. Fil-fatt, il-Kummissjoni spjegat li l-profitt ikkonsolidat tal-grupp Topy kien ir-riżultat tad-dħul u tal-ispejjeż tal-grupp meta mqabbel mal-partijiet esterni tal-grupp u l-profitti intragruppi ġew eliminati mill-kontijiet fil-livell tal-grupp. Għaldaqstant, tali xebh ma huwiex inabitwali.

101 Fl-aħħar nett, skont il-premessa 309 tar-Regolament ikkontestat, id-diskrepanzi bejn id-data ta' Orbis u ta' D&B jistgħu jkunu r-riżultat tad-deskrizzjoni differenti tal-partita finanzjarja miġbura mid-database, jew tal-livell differenti tar-rapport (impriża jew grupp), u għalhekk ma humiex prova li d-data ma hijiex affidabbli. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet l-argument taċ-CCCME fis-sens li d-data inkwistjoni kienet affidabbli biss sa fejn din kienet aċċessibbli għall-pubbliku. Madankollu, il-Kummissjoni spjegat li hija użat perċentwali u mhux ċifri assoluti. Din id-data toffri approssimazzjoni iktar preċiża u iktar raġonevoli.

102 Fi kwalunkwe każ, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-legalità ta' regolament li jistabbilixxi dazju antidumping għandu jiġi evalwat fid-dawl tar-regoli ta' dritt u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, u mhux abbażi tal-allegata prattika deċiżjonali preċedenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler vs Il-Kunsill, T-351/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:616, punt 107). Għalhekk, il-fatt li l-Kummissjoni setgħet tuża databases oħra fil-passat ma jistax iqiegħed f'dubju l-għażla tad-data D&B għall-investigazzjoni inkwistjoni.

103 Skont l-istruttura tar-Regolament bażiku, il-kalkolu tal-valur normali huwa intiż sabiex jiġi ddeterminat il-prezz ta' bejgħ ta' prodott kif ikun kieku dan il-prodott kien mibjugħ fil-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni tiegħu u konsegwentement, dawn huma l-ispejjeż relatati mal-bejgħ fis-suq intern li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-valur ikkalkolat. Issa, fil-kuntest tal-kalkolu tal-valur normali, l-istituzzjonijiet ma humiex obbligati jieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż reali tal-kumpannija eżaminata, iżda stima raġonevoli tal-ispejjeż BAĠ li din il-kumpannija kien ikollha ssostni kieku hija kienet tikkummerċjalizza l-prodott inkwistjoni fi kwantitajiet suffiċjenti fl-Istat ta' oriġini tagħha (sentenza tat-18 ta' Marzu 2009, Shanghai Excell M&E Enterprise u Shanghai Adeptech Precision vs Il-Kunsill, T-299/05, EU:T:2009:72, punt 258).

104 Għalhekk, għandu jitqies li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta bbażat il-kalkolu ta' ammont mhux distort u raġonevoli tal-ispejjeż BAĠ u tal-profitti tal-produtturi Tajlandiżi fuq id-data D&B.

105 Għaldaqstant, l-ilment tar-rikorrenti li jirrigwarda l-eżistenza ta' żball fil-kalkolu tal-ispejjeż BAĠ u tal-profitti li ma ġewx stabbiliti skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għandu jiġi miċħud.

3) Fuq ir-rekwiżit ta' modifiki u ta' aġġustamenti

106 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kellha tagħmel aġġustamenti għad-data tal-produtturi Tajlandiżi, sabiex din tal-aħħar tkun tikkorrispondi għall-ispejjeż ta' produttur Ċiniż. F'dan ir-rigward, huma jsostnu li, skont il-Korp tal-Appell tal-WTO, "tkun xi tkun l-informazzjoni li hija tuża, l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni għandha tiżgura ruħha li din tintuża sabiex tiġi stabbilita l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini".

107 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

108 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma jinvokawx il-ksur ta' dispożizzjoni partikolari tar-Regolament bażiku, iżda jirreferu għall-prassi deċiżjonali tal-Korp tal-Appell tal-WTO.

109 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fid-dawl tan-natura u tal-istruttura tagħhom, il-ftehimiet tal-WTO ma jinsabux, bħala prinċipju, fost ir-regoli li fid-dawl tagħhom il-qorti tal-Unjoni tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, f'sitwazzjoni fejn l-Unjoni kellha l-intenzjoni teżegwixxi obbligu partikolari li tkun assumiet fil-kuntest tal-WTO, jew f'każ fejn l-att tal-Unjoni jirreferi espliċitament għal dispożizzjonijiet preċiżi tal-ftehimiet tal-WTO, il-qorti tal-Unjoni għandha tistħarreġ il-legalità tal-att tal-Unjoni inkwistjoni fid-dawl tar-regoli tal-WTO (sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, Interpipe Niko Tube u Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant vs Il-Kummissjoni, T-716/19, EU:T:2021:457, punt 95).

110 Sussegwentement, għandu jitfakkar li, permezz tar-Regolament 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 338, p. 1), il-leġiżlatur tal-Unjoni emenda l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku sabiex jinkludi fih il-paragrafu 6a u jemenda l-paragrafu 7.

111 Skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, fil-verżjoni tiegħu preċedenti għal dik li tirriżulta mir-Regolament 2017/2321, kien l-espressjoni tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jadotta, f'dan il-qasam, approċċ speċifiku għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni billi jistabbilixxi sistema speċjali ta' regoli ddettaljati relatati mal-kalkolu tal-valur normali fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq. Għaldaqstant, ġie deċiż li din id-dispożizzjoni ma setgħetx titqies bħala miżura intiża li tiżgura fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni l-eżekuzzjoni ta' obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-ftehimiet tal-WTO, li ma kinux jipprevedu regoli dwar il-kalkolu tal-valur normali għall-pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, peress li din id-dispożizzjoni kienet tistabbilixxi regoli dwar il-kalkolu tal-valur normali li ma kienx jikkorrispondi għall-ftehimiet tal-WTO, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tinterpretaha konformement mal-obbligi tal-Unjoni fil-kuntest tal-WTO. Fil-fatt, li kieku dan kien il-każ, hija kienet tkun imċaħħda mis-setgħa ta' evalwazzjoni li l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni li jagħtiha (ara s-sentenza tal-21 ta' Frar 2024, Sinopec Chongqing SVW Chemical *et* vs Il-Kummissjoni, T-762/20, taħt appell, EU:T:2024:113, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

112 Dawn il-prinċipji huma applikabbli, b'analoġija, għall-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi sistema speċjali li tistabbilixxi r-regoli għad-determinazzjoni tal-valur normali fil-każ ta' esportazzjonijiet minn pajjiżi fejn huwa stabbilit li s-suq intern tagħhom għandu distorsjonijiet sinjifikattivi, kif iddefiniti minn din l-istess dispożizzjoni. Issa, id-dritt tal-WTO ma jinkludix regoli speċifiċi intiżi għall-kalkolu tal-valur normali f'tali sitwazzjonijiet.

113 Minn dan isegwi li l-Artikolu 2(6a) ma jistax jitqies li huwa miżura intiża li tiżgura fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni l-eżekuzzjoni ta' obbligu partikolari li jirriżulta mill-ftehimiet tal-WTO fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 111 iktar 'il fuq. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux

jinvokaw l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi ta' dan l-artikolu fid-dawl tar-regoli tal-WTO (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2024, Sinopec Chongqing SVW Chemical *et* vs Il-Kummissjoni, T-762/20, taħt appell, EU:T:2024:113, punt 49).

114 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti sempliċement, fil-kuntest ta' dan l-ilment, jirrepetu l-argumenti tagħhom dwar il-preżenza tal-vireg tal-wajer Ġappuniżi fl-importazzjonijiet Tajlandiżi li kellhom jiġu esklużi mill-investigazzjoni u dwar in-nuqqas ta' korrispondenza tad-data miġbura ma' dik tat-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun. Ir-rikorrenti ma jinvokawx, fir-rigward tal-allegat obbligu ta' aġġustament tal-ispejjeż ta' produzzjoni, dispożizzjoni preċiża tar-Regolament bażiku miksura.

115 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jirreferi għal "ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni" li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni u li r-rikorrenti ma pproduċewx il-prova li dan l-ammont kien distort jew irraġonevoli.

116 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u tal-konklużjonijiet li jinsabu fil-punti 78 u 105 iktar 'il fuq, hemm lok li tiġi miċħuda fl-intier tagħha l-ewwel parti tal-ewwel motiv invokat mir-rikorrenti, dwar l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li wettqet il-Kummissjoni meta għażlet it-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur normali tal-prodott suġġett għall-investigazzjoni, fil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

b) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-fatt li l-Malasja kienet l-iktar pajjiż rappreżentattiv xieraq

117 Essenzjalment, ir-rikorrenti jsostnu li l-Malasja kienet il-pajjiż rappreżentattiv xieraq li għalih il-Kummissjoni kellha tirreferi sabiex tikkalkola l-valur normali, fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-provi kollha li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha, peress li, abbażi ta' diversi fatturi, il-Malasja kienet tikkostitwixxi sors aħjar mit-Tajlandja.

118 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li, fil-kuntest tal-eżami tad-data li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq il-volum tal-importazzjonijiet taħt il-kodiċi SA 7227.90 (ħajt tal-azzar illigat) minflok fuq il-prezzijiet tal-importazzjoni, li huma iktar rappreżentattivi u affidabbli minn dawk li jikkonċernaw it-Tajlandja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tiġġustifikax għalfejn l-importazzjonijiet fil-Malasja kienu inqas affidabbli, peress li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet fil-Malasja kienu paragunabbli mal-ispejjeż tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, kuntrarjament għall-prezzijiet tal-importazzjoni mit-Tajlandja.

119 Ir-rikorrenti jqisu wkoll li l-Kummissjoni ma kellhiex tillimita ruħha għall-importazzjonijiet taħt il-kodiċi SA 7227.90, iżda kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-importazzjonijiet fil-Malasja kollha kemm huma. Fil-fatt, b'teħid inkunsiderazzjoni wkoll tat-tliet materji prinċipali l-oħra (taħt il-kodiċijiet SA 7213.91, SA 7213.99 u SA 722830), 70 % tal-importazzjonijiet fil-Malasja ta' vireg tal-wajer ġejjin minn pajjiżi li ma humiex iċ-Ċina u minn pajjiżi mhux membri tal-WTO. Għall-kuntrarju, 54 % biss tal-importazzjonijiet mit-Tajlandja tal-erba' kodiċijiet SA joriġinaw minn sorsi oħra li ma humiex iċ-Ċina u minn pajjiżi mhux membri tal-WTO. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-prezz tal-importazzjonijiet fil-Malasja għall-kodiċi

SA 7227.90 ma kienx rappreżentattiv jew affidabbli, kien ikun possibbli li wieħed jibbaża ruħu fuq pajjiż partikolari u mbagħad jagħżel valur ta' riferiment ieħor għal element partikolari, bħal valur ta' riferiment internazzjonali, kif setgħet tagħmel il-Kummissjoni f'investigazzjonijiet oħra.

120 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Malasja kellha biżżejjed impriżi li fuqhom setgħet tibbaża ruħha l-Kummissjoni, sa fejn Ningbo Jinding kienet ipprovdiet id-dikjarazzjonijiet finanzjarji vverifikati ta' ħdax-il produttur Malasjan ta' elementi tal-irbit, u li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq mill-inqas tlieta minnhom.

121 Il-Kummissjoni tqis li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

122 Qabelxejn, għandu jitfakkar li għalkemm ir-rikorrenti ma pproduċewx il-prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-għażla tat-Tajlandja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq, il-Qorti Ġenerali għandha tivverifika, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 43 iktar 'il fuq, jekk il-Kummissjoni naqsitx milli tieħu inkunsiderazzjoni elementi essenzjali jew rilevanti sabiex tistabbilixxi l-adegwatezza tal-pajjiż magħżul u jekk l-elementi tal-fajl ġewx eżaminati bid-diliġenza kollha meħtieġa, b'tali mod li l-valur normali tal-prodott ikkonċernat ġie ddeterminat b'mod xieraq u mhux irraġonevoli. Għalhekk, l-argumenti tar-rikorrenti fil-kuntest ta' din it-tieni parti għandhom jiġu eżaminati biss sa fejn il-Kummissjoni kellha l-għażla bejn diversi pajjiżi "rappreżentattivi xierqa", li fosthom hija kellha eventwalment tippreferi lil dak li kien japplika livell xieraq ta' protezzjoni soċjali u ambjentali skont il-kriterji stabbiliti mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

123 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, skont il-premessa 224 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni qieset li iktar minn 75 % tal-importazzjonijiet ta' wajers tal-azzar illigat (SA 7227.90) fil-Malasja kienu ġejjin miċ-Ċina u minn pajjiżi mhux membri tal-WTO u li l-wajers tal-azzar illigati kienu jirrappreżentaw iktar minn 45 % tal-ispiża tal-produzzjoni tal-elementi tal-irbit. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qieset li l-valur tal-importazzjoni ta' wajers tal-azzar illigat ma kienx rappreżentattiv meta mqabbel ma' pajjiżi rappreżentattivi oħra disponibbli u kkonkludiet li l-Malasja kellha sett ta' data faċilment aċċessibbli ta' kwalità iktar baxxa biex tikkalkola valur mhux distort.

124 Barra minn hekk, skont il-premessa 235 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni osservat li l-importazzjonijiet fil-Malasja taħt il-kodiċi SA 7227.90 ta' sorsi mhux distorti kienu inqas mill-volumi tal-importazzjonijiet f'pajjiżi rappreżentattivi oħra potenzjali u li l-prezzijiet tagħhom kienu għalhekk ikkunsidrati bħala inqas affidabbli. Fil-fatt, il-Kummissjoni qieset li l-importazzjonijiet fil-Malasja kienu inqas xierqa f'termini ta' prezzijiet mill-importazzjonijiet fit-Tajlandja, peress li kienu affettwati mill-kompetizzjoni mal-importazzjonijiet miċ-Ċina u minn pajjiżi mhux tal-WTO li, flimkien, kienu jirrappreżentaw iktar minn 80 % tal-importazzjonijiet kollha ta' din il-materja prima fil-Malasja.

125 Barra minn hekk, mid-data tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun jirriżulta li l-parti tat-tliet materji prima prinċipali l-oħra kienet tal-inqas 10 % inqas minn dik tal-wajer tal-azzar illigat. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset ukoll il-fatt li l-volum relattiv tal-importazzjonijiet ta' din il-materja prima oħra li toriġina miċ-Ċina u minn pajjiżi oħra mhux membri tal-WTO kien ikbar fil-Malasja milli fit-Tajlandja, ħlief għal waħda minnhom (SA 7213.91). Il-Kummissjoni għalhekk ċaħdet l-argument ta' ċerti partijiet ikkonċernati bbażat fuq il-fatt li l-Malasja kienet pajjiż rappreżentattiv xieraq.

126 L-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux iqajmu dubju dwar din l-għażla tal-Kummissjoni.

127 Fl-ewwel lok, mir-Regolament ikkontestat jirriżulta li, għalkemm il-Kummissjoni qieset li hija ma kellhiex data suffiċjenti jew xierqa dwar il-Malasja, dan il-pajjiż fir-realtà ġie eskluż qabel kollox minħabba l-fatt li l-importazzjonijiet irreġistrati tal-prodott ikkonċernat ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-valur normali, peress li dawn ma kinux iddeterminati mill-forzi tas-suq liberu. Fil-fatt, il-Kummissjoni spjegat li hija qabelxejn għamlet riferiment għall-prezzijiet sabiex tiddetermina r-rappreżentattività tal-pajjiż ikkonċernat u li l-proporzjonijiet ta' importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina u minn pajjiżi mhux membri tal-WTO kienu jindikaw li l-prezzijiet tal-volum li jifdal kienu ser isofru wkoll l-effetti tal-kompetizzjoni mal-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina u mill-pajjiżi mhux membri tal-WTO li jirrappreżentaw iktar minn 80 % ta' din il-materja prima kollha fil-Malasja.

128 Barra minn hekk, fir-rigward tal-importanza tal-parti tal-materja prima li taqa' taħt l-erba' kodiċijiet, il-Kummissjoni spjegat li l-kodiċi SA 7227.90 kien il-fattur ta' produzzjoni l-iktar importanti, peress li kien jirrappreżenta iktar minn 50 % tal-ispejjeż tal-materja prima użata u iktar minn 35 % tal-ispiża tal-manifattura tal-elementi tal-irbit, jiġifieri iktar mill-materja prima l-oħra kkombinata. Madankollu, ir-rikorrenti jammettu li l-volumi tal-importazzjonijiet Tajlandiżi taħt il-kodiċi SA 7227.90 li l-Kummissjoni setgħet tuża kienu ikbar minn dawk għall-Malasja.

129 Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrenti dwar il-volum identiku ta' importazzjonijiet li kien suffiċjenti fil-kuntest ta' investigazzjoni oħra huwa irrilevanti fil-kuntest tal-eżami tar-Regolament ikkontestat f'dan il-każ. Minn naħa, skont il-ġurisprudenza, il-legalità ta' regolament li jimponi dazji antidumping għandha tiġi evalwata fid-dawl tar-regoli ta' dritt u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, u mhux abbażi tal-allegata prassi deċiżjonali preċedenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler vs Il-Kunsill, T-351/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:616, punt 107; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 2021, RFA International vs Il-Kummissjoni, C-56/19 P, EU:C:2021:102, punt 79, u tal-4 ta' Ottubru 2006, Moser Baer India vs Il-Kunsill, T-300/03, EU:T:2006:289, punt 45). Min-naħa l-oħra, id-daqs tal-volum importat ta' prodott ivarja skont il-prodott inkwistjoni.

130 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' data dwar il-produtturi Malasjani li r-rikorrenti jikkontestaw, peress li Ningbo Jinding ikkomunikat data rilevanti u kwalitattiva ta' produtturi Malasjani lill-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li Ningbo Jinding ipprovdiet il-kontijiet finanzjarji ċċertifikati ta' produttur Malasjan fil-5 ta' Jannar 2021, jiġifieri qabel l-ewwel nota, fl-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kodiċijiet SA magħżula mill-Kummissjoni fejn hija sostniet li kemm it-Tajlandja kif ukoll il-Malasja kienu jikkostitwixxu pajjiżi rappreżentattivi xierqa. Issa, skont il-premessa 237 tar-Regolament ikkontestat, li r-rikorrenti ma jikkontestawx, id-dokument prodott minn dan il-produttur Malasjan tqies li ma kienx xieraq, peress li l-grupp li kienet tagħmel parti minnu l-kumpannija kien jinkludi attivitajiet oħra minbarra l-produzzjoni ta' elementi tal-irbit fil-Malasja.

131 It-tieni nett, mill-premessa 294 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li Ningbo Jinding ipprovdiet data dwar il-kontijiet finanzjarji vverifikati ta' ħdax-il produttur ta' elementi tal-irbit wara l-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet definittivi, jiġifieri, kif tosserva l-Kummissjoni, tmien xhur wara li ntalbet fit-tieni nota. Din il-komunikazzjoni kienet għalhekk tardiva u ma ġietx ikkunsidrata fl-eżami tar-rilevanza tal-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq fil-mument tal-investigazzjoni.

132 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma pproduċewx il-prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni meta din tal-aħħar qieset li l-Malasja ma setgħetx titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fil-kuntest tal-investigazzjoni li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors.

c) Fuq il-kalkolu tat-trasport intern ta' merkanzija, tal-prodotti konsumabbli u tal-ispejjeż ġenerali għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali

133 Sabiex jitqiesu l-ispejjeż kollha assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni kkostitwixxiet mill-ġdid l-ispiża tal-materja prima abbażi tal-prezzijiet, kif kienu jkunu disponibbli għal produttur fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq, jiġifieri t-Tajlandja.

134 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel motiv, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kkalkolat b'mod artifiċjali l-ispejjeż ta' trasport tal-materja prima, tal-prodotti konsumabbli, li jikkostitwixxu materja prima minuri użata fil-proċess ta' produzzjoni, u tal-ispejjeż ġenerali u li dawn ma kinux "korrispondenti" għal dawk tal-produtturi Ċiniżi bi ksur tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż tat-trasport billi użat l-istess koeffiċjent bħal dak użat sabiex iżżid l-ispiża tal-materja prima inkwistjoni. Issa, dan il-valur ta' riferiment huwa relatat ma' din il-materja prima fit-Tajlandja u ma għandu l-ebda konsegwenza fuq l-ispejjeż ta' trasport. It-trasport huwa servizz li l-ispiża tiegħu ma tinbidilx 'il fuq jew 'l isfel skont iż-żieda jew it-tnaqqis fil-valur tal-materja prima ttrasportata. Fi kwalunkwe każ, ma għandux jiġi applikat l-istess perċentwali. Dan il-metodu ma jiħux inkunsiderazzjoni, pereżempju, elementi fattwali konkreti, bħad-distanza ta' trasport.

135 Barra minn hekk, Ningbo Jinding ikkomunikat lill-Kummissjoni valur ta' riferiment xieraq għat-Tajlandja, jiġifieri l-ispiża tal-merkanzija unitarja għal kull kilogramm u għal kull kilometru fit-Tajlandja, abbażi tar-rapport "Doing Business 2020 – Thailand". Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha valur ta' riferiment iktar xieraq mir-rapport artifiċjali li fuqu hija bbażat ruħha.

136 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li l-istess kritiki japplikaw għall-kalkoli tal-prodotti konsumabbli u tal-ispejjeż ġenerali sa fejn il-Kummissjoni kkalkolat dawn il-valuri fid-dawl tal-ispejjeż ikkalkolati mill-ġdid tal-materja prima, billi żidithom abbażi ta' valur ta' riferiment li ma għandu ebda relazzjoni magħhom. Madankollu, il-materji konsumabbli ma jikkostitwixxux materja prima u l-ispejjeż ġenerali jinkludu elementi, bħalma huma l-kera, it-tiswijiet, id-deprezzament. Dawn l-ispejjeż ma humiex konnessi mal-ispejjeż tal-materja prima.

137 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma informatx lill-partijiet ikkonċernati bis-sors li hija kellha l-intenzjoni tuża sabiex tiddetermina l-ispejjeż ta' trasport, bi ksur tal-obbligu tagħha skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, la l-ewwel nota fil-fajl dwar il-fatturi ta' produzzjoni, u lanqas it-tieni nota ma tinkludi informazzjoni dwar dan is-suġġett.

138 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

139 Fl-ewwel lok, skont il-premessa 256 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni esprimiet l-ispiża tat-trasport sostnuta mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun għall-provvista ta' materja prima f'perċentwali tal-ispiża reali ta' din il-materja prima u sussegwentement applikat l-istess perċentwali għall-ispiża mhux distorta tal-istess materja prima fit-Tajlandja sabiex tikseb spiża ta' trasport mhux distorta. Il-Kummissjoni qieset li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni,

il-proporzjon bejn il-materja prima u l-ispejjeż tat-trasport iddikjarati mill-produttur esportatur Ċiniż seta' jintuża b'mod raġonevoli għall-istima tal-ispejjeż mhux distorti tal-materja prima meta tiġi kkunsinnata fil-fabbrika tal-impriża.

140 Fil-fatt, mill-premessi 327 u 328 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li l-valur normali fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament ikkontestat kellu jikkorrispondi għall-prezz li produttur ta' elementi tal-irbit iħallas fit-Tajlandja għal materja prima kkunsinnata lill-fabbrika. Għalhekk, li kieku ma kellhomx jiżdiedu l-ispejjeż tat-trasport internazzjonali jew id-dazji tal-importazzjoni, il-valur ta' riferiment li kien jirriżulta minn dan ma kienx ikun jirrifletti l-prezz mhux distort fis-suq Tajlandiż, iżda sempliċiment il-prezz medju stabbilit fuq bażi ta' spiża, assigurazzjoni u trasport (CIF) fil-pajjiżi li jesportaw il-materja prima inkwistjoni.

141 Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe parametru referenzjarju għall-ispiża tat-trasport (għal kull kumpanija, għal kull tip ta' materja prima, għal kull kanal ta' trasport differenti, eċċ.), il-Kummissjoni użat il-proporzjon bejn l-ispiża tat-trasport u l-ispiża tal-materja prima tal-produttur esportatur. Dan il-proporzjon huwa applikat għall-valur ta' riferiment tal-materja prima, li konsegwentement jiġi mmultiplikat bil-kwantità tal-materja prima kkonsmata mill-produttur esportatur. Dan il-metodu jirrifletti l-istruttura tal-ispejjeż tal-produttur esportatur, peress li l-proporzjon bejn l-ispiża tat-trasport u l-ispiża tal-materja prima jinżamm u jiġi applikat għall-valur ta' riferiment mhux distort.

142 Sabiex tasal għall-ispejjeż ta' produzzjoni mhux distorti, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura. Dawn tal-aħħar, imġarrba mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun żdiedu bl-ispejjeż tal-materja prima u tal-prodotti konsumabbli u sussegwentement ġew espressi bħala perċentwali tal-ispejjeż tal-manifattura effettivament imġarrba minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Dan il-perċentwali ġie applikat għall-ispejjeż tal-manifattura mhux distorti.

143 Qabel kollox, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq il-prezzijiet imħallsa mill-produtturi esportaturi Ċiniżi minħabba l-eżistenza f'dan il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinjifikattivi. Mill-premessi 187 *et seq* tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi minħabba l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi fis-settur tal-azzar, li jaffettwaw il-prezzijiet jew l-ispejjeż tal-prodott ikkonċernat, fosthom l-ispejjeż tal-materja prima.

144 L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddefinixxi l-kunċett ta' "distorsjonijiet sinjifikattivi" bħala "distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern" u jinkludi lista indikattiva ta' fatturi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-analiżi tal-eżistenza ta' tali distorsjonijiet. Ir-rikorrenti ma jikkontestawx, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fiċ-Ċina.

145 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li s-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li għandhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-miżuri ta' difiża tal-kummerċ minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li huma għandhom jeżaminaw, tirrigwarda wkoll id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. L-istess japplika għas-sitwazzjonijiet ta' fatt, ta' natura legali u politika, li jimmanifestaw ruħhom fil-pajjiż ikkonċernat u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jevalwaw sabiex jiddeterminaw jekk esportatur jkunx qiegħed jaġixxi fil-kundizzjonijiet tas-suq mingħajr

intervent sinjifikattiva tal-Istat (ara s-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2023, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni, T-326/21, EU:T:2023:347, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

146 Minn dan jirriżulta li, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 39 iktar 'il fuq, huma r-rikorrenti li għandhom jipproduċu l-prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fil-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni u, b'mod partikolari, fil-kalkolu tal-ispejjeż marbuta mat-trasport intern ta' merkanzija, mal-prodotti konsumabbli u mal-ispejjeż ġenerali.

147 Kif irrilevat ġustament il-Kummissjoni, ir-rikorrenti ma kkontestaw la matul l-investigazzjoni, u lanqas fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali li l-ispiża tat-trasport sostnuta mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun għall-provvista ta' materja prima, il-prodotti konsomabbli u l-ispejjeż ġenerali kienu affettwati minn distorsjonijiet sinjifikattivi.

148 Minn dan isegwi li l-ispejjeż tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma jistgħux jintużaw bħala riferiment għall-kalkolu tal-ispejjeż anċillari. Il-Kummissjoni spjegat li, meta valuri ta' riferiment xierqa ma jkunux disponibbli, hija tkun obbligata tistabbilixxihom fir-rigward tal-grupp ta' spejjeż li kienu jagħmlu parti minnu l-ispejjeż inkwistjoni. Għalhekk, ladarba jkunu ġew stabbiliti l-ispejjeż mhux distorti tal-materja prima jew tal-produzzjoni, il-Kummissjoni applikat il-valur ta' riferiment biex twettaq stima tal-ispiża mhux distorta inkwistjoni, f'konformità mal-istruttura tal-ispejjeż tal-produttur esportatur. Għalhekk, jekk, pereżempju, it-trasport intern ta' merkanzija kien jirrappreżenta 1 % tal-ispejjeż totali tal-materja prima, kif kienu ġew indikati fil-kontijiet ta' produttur esportatur Ċiniż, dawn xorta kienu jirrappreżentaw 1 % tal-ispejjeż tal-materja prima fil-valur normali kkalkolat b'tali mod mill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

149 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma applikatx il-valur ta' riferiment pprovdut minn Ningbo Jinding, sa fejn hija ma kellhiex informazzjoni affidabbli dwar id-distanza f'kilometri. Minbarra dan, l-erba' materji primi prinċipali kienu pprovduti lil Ningbo Jinding minn fornituri differenti, li għalhekk kienu ġejjin minn reġjuni differenti taċ-Ċina, filwaqt li r-rikorrenti kienu ssuġġerew li tintuża distanza waħda li kienet dik li kienet l-eqreb għall-port. Barra minn hekk, il-valur ta' riferiment ma setax jiġi kontroverifikat ma' data oħra, peress li ġie pprovdut wara d-divulgazzjoni finali. Għaldaqstant dan ġie miċħud.

150 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma pprovdewx valur ta' riferiment xieraq għall-kalkolu tal-prodotti konsumabbli u tal-ispejjeż ġenerali.

151 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni tgawdi minn marġni ta' evalwazzjoni wiesa' fl-analiżi tad-data (sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery u Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 180).

152 Għalhekk, fl-assenza ta' data iktar rilevanti u affidabbli li l-Kummissjoni setgħet tuża għall-kalkolu tat-trasport intern ta' merkanzija, tal-prodotti konsumabbli u tal-spejjeż ġenerali, hija kienet obbligata tikkalkola dawn l-ispejjeż billi tieħu inkunsiderazzjoni l-istruttura tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat f'dan ir-rigward li r-rikorrenti ma jikkontestawx, fih innifsu, il-fatt li l-valur normali tal-prodott ikkalkolat fuq il-bażi tal-produtturi Tajlandiżi kellu jinkludi dawn l-ispejjeż marbuta mal-materja prima.

153 Fi kwalunkwe każ, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, fl-assenza ta' data aċċessibbli iktar affidabbli, data miksuba wara aġġustament ta' data oħra tista' tikkostitwixxi prova pożittiva, bil-kundizzjoni, minn naħa, li din id-data l-oħra tkun tikkostitwixxi hija stess tali provi pożittivi u, min-naħa l-oħra, li l-aġġustamenti inkwistjoni jsiru abbażi ta' ipoteżijiet raġonevoli, b'tali mod li r-riżultat ta' dawn l-aġġustamenti jkun plawżibbli (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 125).

154 Għalhekk, fl-assenza ta' data iktar affidabbli, il-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tikkalkola l-ispiża tat-trasport intern ta' merkanzija, tal-prodotti konsumabbli u tal-ispejjeż ġenerali l-oħra billi tapplika perċentwali fuq l-ispiża tal-materja prima neċessarja għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat, filwaqt li tirrispetta l-istruttura tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.

155 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma pproduċewx il-prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fil-kalkolu tat-trasport intern ta' merkanzija, tal-prodotti konsumabbli u tal-ispejjeż ġenerali l-oħra. Għaldaqstant, it-tielet parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

d) Fuq il-kalkolu tal-ispiża fis-siegħa tal-ħaddiema

156 Ir-rikorrenti jsostnu li l-ipoteżi tal-Kummissjoni fis-sens li impjegat Tajlandiż kien jaħdem medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa hija żbaljata u ma hija bbażata fuq ebda bażi fattwali, bi ksur tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ir-rapporti trimestrali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika Tajlandiżi juru li l-perċentwali ta' impjegati li jaħdmu bejn 40 u 49 siegħa, jew iktar minn 50 siegħa, kull trimestru huwa għoli ħafna, għal kull trimestru tal-perijodu ta' investigazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati indikaw lill-Kummissjoni li l-leġiżlazzjoni Tajlandiża applikabbli kienet tipprevedi massimu ta' tmienja u erbgħin siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa.

157 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

158 L-ispiża tal-ħaddiema hija waħda mill-fatturi ta' produzzjoni użati sabiex jiġi kkalkolat il-valur normali abbażi tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

159 Skont il-premessa 314 tar-Regolament ikkontestat, sabiex tikkalkola l-ispiża fis-siegħa tal-ħaddiema, il-Kummissjoni qasmet l-ispiża fix-xahar tal-ħaddiema fil-pajjiż rappreżentattiv b'erba' ġimgħat, imbagħad qasmet kull ġimgħa b'erbgħin siegħa ta' xogħol, jiġifieri l-ħin normali tax-xogħol fil-ġimgħa (tmien sigħat kuljum immultiplikati b'ħamest ijiem ta' xogħol). Skont l-informazzjoni li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, 67 % tal-impjegati fis-settur tal-manifattura tat-Tajlandja kienu jaħdmu bejn erbgħin siegħa u disgħa u erbgħin siegħa fil-ġimgħa, filwaqt li l-limitu legali kien ta' tmienja u erbgħin siegħa.

160 Il-Kummissjoni tiddefendi l-għażla tagħha billi ssostni li ma hemm l-ebda prova li l-valur korrett kien pjuttost tmienja u erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

161 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma pprovawx, permezz ta' elementi konkreti, matul l-investigazzjoni jew quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-medda ta' bejn erbgħin sa disgħa u erbgħin siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa kienet żbaljata. Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 59 iktar 'il fuq, jekk ir-rikorrenti jixtiequ jikkontestaw l-evalwazzjonijiet kumplessi tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-kalkolu tal-valur normali, huma għandhom jipproduċu provi

konkreti li juru l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-elementi meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-imsemmi kalkolu. Ir-rikorrenti jallegaw li s-sigħat ta' xogħol ta' kull ġimgħa huma fir-realtà ogħla fit-Tajlandja, mingħajr madankollu ma jibbażaw ruħhom fuq provi konkreti.

162 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma pproduċewx il-prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni li allegatament wettqet il-Kummissjoni meta adottat il-valur ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa ta' xogħol fit-Tajlandja, sabiex tikkalkola l-ispiża tal-ħaddiema assoċjata mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat.

163 Għalhekk, ir-raba' parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

e) Fuq l-applikazzjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni tal-materji prima

164 Ir-rikorrenti jsostnu li, billi żiedet dazji fuq l-importazzjoni mal-prezz CIF medju, kif indikat fil-Global Trade Atlas (GTA), il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, peress li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jixtru esklużivament il-materji prima fis-suq Ċiniż. Għaldaqstant, l-ispejjeż ikkalkolati b'dan il-mod ma humiex korrispondenti.

165 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-prezz intern Tajlandiż tal-materji prima prinċipali. Fil-fatt, id-data kkomunikata mill-partijiet ikkonċernati kienet ibbażata fuq data relatata mal-bejgħ ta' vireg tal-wajer imwettaq fit-Tajlandja minn Tata Thaïland matul il-perijodu ta' investigazzjoni, kif ippreżentata fir-rapport annwali vverifikat tagħha.

166 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

167 F'dan ir-rigward, mill-premessa 258 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li, sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali tal-prodott ikkonċernat, kellhom jidħlu fil-kalkolu l-ispejjeż li produttur Tajlandiż kien ser iħallas għal materja prima kkunsinnata lill-fabbrika. Għalhekk, jekk id-dazji fuq l-importazzjoni ma jiġux miżjuda mal-prezz CIF medju, il-valur ta' riferiment li jirriżulta minn dan ma jkunx jirrifletti l-prezz mhux distort fis-suq Tajlandiż.

168 Fil-fatt, l-ewwel nett, sa fejn il-Kummissjoni kienet obbligata tikkalkola l-valur normali tal-prodott ikkonċernat, kif iddeterminat għal produttur tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq, hija ġustament ikkunsidrat neċessarju li tieħu inkunsiderazzjoni, f'dan il-kalkolu, l-ispejjeż kollha assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, u b'mod partikolari l-ispejjeż relatati mal-provvista tal-materji prima għall-produtturi Tajlandiżi.

169 Għalhekk, meta l-valur normali jiġi kkalkolat abbażi tal-prezzijiet u tal-ispejjeż ta' pajjiż li ma huwiex il-pajjiż eżaminat, id-data kollha relatata ma' dan is-suq għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2018, Shanxi Taigang Stainless Steel vs Il-Kummissjoni, T-675/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:209, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

170 Minn dan isegwi li l-argument tar-rikorrenti li l-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu jixtru l-materji prima esklużivament fis-suq intern Ċiniż ma huwiex rilevanti.

171 It-tieni nett, kif ikkonstatat il-Kummissjoni, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti fuq dan il-punt fil-kuntest ta' dan ir-rikors, il-prezzijiet interni Ċiniżi kienu influwenzati b'mod qawwi minn intervent tal-awtoritajiet pubbliċi, b'tali mod li ma kinux jikkorrispondu għal dawk tas-suq ħieles.

172 It-tielet nett, ir-rikorrenti jirrikonoxxu li d-data kkomunikata lill-Kummissjoni kienet tikkonċerna produttur wieħed, jiġifieri Tata Thaïland. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni rrilevat li ma kienet ingħatat ebda spjegazzjoni dwar il-mod kif din id-data kienet inkisbet, dwar il-materji prima eżatti li din kienet tikkonċerna u dwar il-perijodu li kienet tkopri u li, fi kwalunkwe każ, id-data ta' produttur wieħed ma kinitx neċessarjament meqjusa bħala rappreżentattiva.

173 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-metodu alternattiv propost mir-rikorrenti intiż sabiex il-Kummissjoni tillimita ruħha għall-prezzijiet interni Tajlandiżi u ma tibbażax ruħha fuq il-prezzijiet ta' importazzjoni, għandu jiġi rrilevat, li l-Kummissjoni spjegat li l-importazzjonijiet kienu kompetittivi mal-prezzijiet tal-produzzjoni nazzjonali, iżda kienu jirriflettu wkoll l-ispejjeż tal-materji prima assoċjati pereżempju mat-trasport, kif kienu ġew identifikati mill-produtturi esportaturi stess, u li għalhekk dawn kienu jikkostitwixxu ġabra ta' data iktar rilevanti għall-kalkolu mhux biss tal-prezz tal-materji prima, iżda wkoll tal-ispejjeż anċillari għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat li d-data dwar il-prezzijiet domestiċi Tajlandiżi li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha kienet tikkonċerna fornitur wieħed biss u li għalhekk ma kinitx ġiet meqjusa bħala data affidabbli.

174 Minn dan isegwi li l-ħames parti tal-ewwel motiv ma huwiex fondat.

175 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-ħames parti tal-ewwel motiv għandu jiġi miċħud u, konsegwentement, l-ewwel motiv kollu kemm hu.

2. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(10)(e) tar-Regolament bażiku

176 Ir-rikorrenti jallegaw ksur tal-Artikolu 2(10)(e) tar-Regolament bażiku, sa fejn il-Kummissjoni ma wettqitx paragun ekwu bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali, peress li hija applikat aġġustamenti biss fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni u mhux fuq il-valur normali.

177 Minn naħa, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma kellhiex rendikont preċiż tal-ispejjeż BAĠ tal-ħames produtturi Tajlandiżi li abbażi tagħhom hija kkalkolat il-valur normali u li għalhekk hija ma kinitx taf x'kienet tinkludi din id-data tal-produtturi Tajlandiżi. Min-naħa l-oħra, ċerti spejjeż marbuta mal-bejgħ, bħall-ispejjeż ta' trasport, ma tnaqqsux miċ-ċifri tal-ispejjeż BAĠ, li jfisser li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-ħames produtturi Tajlandiżi kollha kienu jwettqu l-bejgħ tagħhom skont il-kundizzjonijiet "ex works", ipoteżi li ma hijiex iġġustifikata. Għaldaqstant, fil-kwestjonarju mibgħut lill-produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni kklassifikat l-ispejjeż ta' trasport fl-ispejjeż BAĠ.

178 Ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod żbaljat il-provi li huma kienu pproduċew li juru n-neċessità tal-aġġustament mitlub. Fin-nuqqas ta' data dwar it-tqassim eżatt tal-ispejjeż, il-Kummissjoni kellha tal-inqas tuża indikatur li jagħtiha l-perċentwali tal-ispejjeż tat-trasport. Barra minn hekk, l-approċċ tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward ma jikkorrispondix mal-prassi preċedenti tagħha.

179 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

180 Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku, wara d-determinazzjoni tal-valur normali, għandu jiġi ddeterminat il-prezz tal-esportazzjoni tal-prodotti suġġetti għall-investigazzjoni. L-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-prezz tal-esportazzjoni għandu jkun il-prezz realment imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.

181 Għalhekk, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, għandu jsir paragun ekwu bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, f'forma ta' aġġustamenti, id-differenzi kkonstatati fil-fatturi li jintalbu u jintwera li dawn jaffettwaw il-prezzijiet, u għalhekk, il-paragunabbiltà tagħhom.

182 B'mod partikolari, skont l-Artikolu 2(10)(e) tar-Regolament bażiku invokat mir-rikorrenti, jitwettaq aġġustament għad-differenzi fl-ispejjeż li għandhom rapport dirett mal-prodott u li ġew sostnuti sabiex il-prodott inkwistjoni jinġarr mill-bini tal-esportatur għall-ewwel xerrej indipendenti, meta dawn l-ispejjeż ikunu inklużi fil-prezzijiet mitluba. Dawn l-ispejjeż jinkludu t-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari.

183 Skont il-ġurisprudenza, jekk parti titlob, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, aġġustamenti intiżi biex jirrendu paragunabbli l-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sabiex jiġi ddeterminat il-marġni ta' dumping, din il-parti għandha tipproduċi l-prova li t-talba tagħha hija ġġustifikata. Fil-fatt, l-oneru tal-prova li għandhom isiru l-aġġustamenti speċifiċi elenkati fl-Artikolu 2(10)(a) sa (k) tar-Regolament bażiku jaqa' fuq dawk li jixtiequ jipprevalixxu ruħhom minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 2018, Shanxi Taigang Stainless Steel vs Il-Kummissjoni, T-675/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:209, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

184 Il-ġurisprudenza ppreċiżat ukoll li s-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tal-Kummissjoni minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ġuridiċi li hija għandha teżamina fil-qasam tad-difiża tal-kummerċ testendi wkoll għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill u Il-Kummissjoni vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP, C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punt 63). Għaldaqstant, l-istħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-provi li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża l-konstatazzjonijiet tagħha ma jaffettwax is-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa ta' din l-istituzzjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali, iżda sempliċement jirrileva jekk dawn l-elementi jkunux ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet misluta mill-Kummissjoni (sentenza tas-7 ta' April 2016, ArcelorMittal Tubular Products Ostrava *et* vs Hubei Xinyegang Steel, C-186/14 P u C-193/14 P, EU:C:2016:209, punt 35).

185 Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, huma r-rikorrenti li għandhom, skont din il-ġurisprudenza, juru n-neċessità tal-aġġustament mitlub insostenn tal-provi li huma pproduċew matul l-investigazzjoni.

186 Mill-premessa 279 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-Kummissjoni għamlet aġġustamenti tal-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi għall-manutenzjoni, għat-trasport, għall-assigurazzjoni, għall-ippakkjar, għall-ispiża tal-kreditu u għall-ispejjeż bankarji sabiex jaslu għall-kundizzjonijiet "ex works".

187 Madankollu, il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda aġġustament tal-valur normali, peress li dan tal-aħħar kien diġà ġie kkalkolat fuq bażi ta' "ex works", skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

188 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li għalkemm il-prattika ta' aġġustamenti tista' tkun neċessarja, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi eżistenti bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali li jaffettwaw il-paragunabbiltà tagħhom, tali tnaqqis ma jistax isir fuq valur li ġie kkalkolat u li, għaldaqstant, ma huwiex reali. Fil-fatt, fil-prinċipju, dan il-valur ma huwiex affettwat minn elementi li jistgħu jippreġudikaw il-paragunabbiltà tiegħu, peress li dan ġie ddeterminat artifiċjalment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2009, Shanghai Excell M&E Enterprise u Shanghai Adeptech Precision vs Il-Kunsill, T-299/05, EU:T:2009:72, punt 266).

189 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, b'risposta għall-osservazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa 333 tar-Regolament ikkontestat li l-kalkolu tal-valur normali għal kull tip ta' prodott bil-kundizzjonijiet "ex works" kien jinkludi ammont raġonevoli għall-ispejjeż BAĠ u li ebda informazzjoni disponibbli ma kienet turi li l-ispejjeż BAĠ tal-kumpanniji Tajlandiżi kkonċernati kienu jinkludu l-ispejjeż ta' trasport relatati mal-kunsinna lill-klijenti.

190 Fir-rigward tas-suffiċjenza tal-provi prodotti mir-rikorrenti dwar l-aġġustament mitlub, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 183 iktar 'il fuq, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti Ġenerali jirriżulta, fl-ewwel lok, li r-rikorrenti jirreferu għall-proposta alternattiva ta' Wenzhou, intiża li tikkwantifika l-ispejjeż BAĠ abbażi tad-data tal-produtturi esportaturi. Madankollu, kif issostni ġustament il-Kummissjoni, aġġustament ibbażat fuq l-istruttura tal-ispejjeż tal-produtturi esportaturi ma huwiex xieraq skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, sa fejn dawn il-prezzijiet ma jikkorrispondux għal ekonomija tas-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Jinan Meide Casting vs Il-Kummissjoni, T-650/17, EU:T:2019:644, punti 74 u 75). Għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud.

191 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti pprovdew dokumenti li huma jqisu li jistgħu juru li l-ispejjeż ta' trasport huma, fil-prattika ta' kontabbiltà ordinarja, ittrattati bħala spejjeż BAĠ. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, huma jirreferu, minn naħa, għas-software ta' kompatibbiltà NetSuite ta' Oracle li minnu jirriżulta li l-ispejjeż BAĠ jistgħu jinkludu l-"ispejjeż ta' kunsinna" u, min-naħa l-oħra, għal artiklu ta' Harvard Business Review, tal-1987, li jikklassifika wkoll l-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija fil-kategorija tal-ispejjeż BAĠ. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, dan jirriżulta minn prassi abitwali fil-qasam tal-kontabbiltà, peress li ebda entrata oħra tal-kontabbiltà ma teżisti sabiex jiġu rreġistrati dawn l-ispejjeż.

192 Issa, il-"provi" li jinvokaw ir-rikorrenti jirrigwardaw elementi ta' kontabbiltà ġenerali, u mhux b'mod speċjali d-data użata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni inkwistjoni. Għaldaqstant, dawn ma jistgħux jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżami tad-data tal-produtturi esportaturi Tajlandiżi.

193 It-tieni nett, ir-rikorrenti jippreżentaw ukoll fl-anness tar-replika, minn naħa, ir-rapport tal-awditu ta' Tata Thaïland li jsemmi l-ispejjeż ta' kunsinna u ta' bejgħ, kif ukoll l-ispejjeż bankarji, bħala spejjeż BAĠ, u, min-naħa l-oħra, ir-rapport tal-awditu ta' Ningbo Jinding, li jittratta l-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija għall-esportazzjoni jew interni u l-ispejjeż varji bħala spejjeż BAĠ.

194 Issa, mill-premessa 271 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li Tata Thaïland ma tagħmilx parti mill-ħames kumpanniji Tajlandiżi identifikati. Barra minn hekk, ir-rapport tal-awditu ta' Ningbo Jinding huwa f'dan ir-rigward ineffettiv, sa fejn, kif jirriżulta mill-punt 190 iktar 'il fuq, l-istruttura tal-ispejjeż tal-produtturi esportaturi Ċiniżi ma tistax isservi bħala bażi għal aġġustament mitlub skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

195 It-tielet nett, għandu jiġi miċħud, għall-istess raġunijiet, l-argument tar-rikorrenti dwar il-kwestjonarju mibgħut lill-produtturi esportaturi Ċiniżi li kien inkluda l-ispejjeż ta' trasport fl-ispejjeż BAĠ. Fil-fatt, il-Kummissjoni spjegat li l-għan tal-imsemmi kwestjonarju kien li tinftiehem l-istruttura tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. Għaldaqstant hija ma tistax torbot lill-Kummissjoni fuq l-ipproċessar sussegwenti ta' din id-data.

196 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti jsostnu li, sa fejn il-Kummissjoni ma kinitx taf x'kienu jinkludu l-ispejjeż BAĠ tal-ħames produtturi Tajlandiżi, ma huwiex raġonevoli li jiġi mistenni min-naħa tagħhom li huma jipproduċu provi konkreti dwar dan is-suġġett, fid-dawl tan-nuqqas ta' trasparenza tad-data D & B u tal-fatt li din id-data tikkonċerna pajjiż barrani. Għalhekk, ir-rikorrenti jirrikonoxxu li l-argument tagħhom huwa spekulattiv.

197 Madankollu, il-fatt li l-valur normali jiġi kkalkolat abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku u għalhekk abbażi ta' data ta' produtturi esportaturi tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq ma jtaffix l-oneru tal-prova li jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 183 iktar 'il fuq, fis-sens li hija l-parti li titlob aġġustament abbażi ta' wieħed mill-fatturi msemmija fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku li għandha turi li dan il-fattur huwa ta' natura li jaffettwa l-prezzijiet u, għaldaqstant, il-paragunabbiltà tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kummissjoni, C-666/19 P, EU:C:2022:323, punt 151).

198 Bħala konklużjoni, għandu jiġi rrilevat li huma r-rikorrenti li għandhom jifformulaw, matul il-proċedura amministrattiva, talba għal aġġustament skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku u li jipproduċu provi, li jippermettu li tiġi stabbilita n-neċessità tal-imsemmi aġġustament sabiex tiġi ggarantita l-paragunabbiltà tal-prezzijiet bejn il-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni.

199 Issa, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti bl-ebda mod ma pproduċew il-prova tan-neċessità tal-aġġustament mitlub.

200 Minn dan isegwi li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

3. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fil-kuntest tal-kalkolu tal-ispiża tal-ħaddiema neċessarja għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat

201 Permezz tat-tielet motiv tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw, essenzjalment, il-kalkolu tal-ispiża tal-ħaddiema meħtieġa għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat, abbażi tad-data ta' wieħed biss mit-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, jiġifieri Jiangsu, bi ksur tal-Artikolu 18(1) u (5) tar-Regolament bażiku, kif ukoll tal-Artikolu 6.8 u tal-punti 5 u 7 tal-Anness II tal-Ftehim antidumping.

202 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li dan il-metodu huwa żbaljat sa fejn Jiangsu tuża l-forġa kiesħa, filwaqt li l-forġa sħuna kienet teħtieġ ħafna iktar ħaddiema. Billi applikat il-produttività tal-ħaddiema ta' Jiangsu għal Ningbo Jinding, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni irraġonevoli li l-impjegati ta' din tal-aħħar kienu jaħdmu tnejn u ħamsin siegħa fil-ġimgħa

fis-sena, sitt ijiem fil-ġimgħa u sbatax-il siegħa kuljum. Issa, il-Kummissjoni hija obbligata, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, minn naħa, li tagħżel l-aħjar informazzjoni disponibbli sabiex timla l-vojt li tħalla fil-provi mill-informazzjoni neċessarja nieqsa u, min-naħa l-oħra, tivverifika l-informazzjoni li tirriżulta minnha meta mqabbla ma' sorsi oħra, b'mod partikolari dik tal-produtturi tal-Unjoni.

203 Fit-tieni lok, fir-rigward tad-data l-oħra li fuqha l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha, l-ewwel nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni setgħet tuża s-sigħat ta' xogħol standard ikkomunikati minn Ningbo Jinding u Wenzhou fil-ħin. Dawn il-produtturi ma humiex obbligati li jirreġistraw is-sigħat effettivament maħduma u għalhekk ma għandhomx informazzjoni oħra li huma jistgħu jikkomunikaw lill-Kummissjoni sabiex jikkonfermaw li s-sigħat ta' xogħol standard kienu osservati. Issa, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kienet taf li hija setgħet tibbaża ruħha fuq l-avviżi lill-persunal fir-rigward ta' Ningbo Jinding, li huma speċifiċi għall-workshops ikkonċernati involuti fil-produzzjoni tal-elementi tal-irbit, u fuq in-numru massimu ta' sigħat ta' xogħol awtorizzat mil-liġi Ċiniża fir-rigward ta' Wenzhou. Dan in-numru massimu ta' sigħat ta' xogħol japplika irrispettivament mis-settur ikkonċernat. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni setgħet, fil-passat, tibbaża ruħha fuq spejjeż standard, li huwa normali fil-qasam tad-difiża tal-kummerċ. Hija għamlet dan ukoll f'dan il-każ, billi bbażat ruħha fuq is-sigħat ta' xogħol standard sabiex tiddetermina l-ispiża ta' riferiment Tajlandiża.

204 It-tieni nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq in-numru massimu ta' sigħat ta' xogħol stabbilit mid-dritt Ċiniż. Fil-fatt, l-avviżi ta' Ningbo Jinding lill-persunal kienu jindikaw in-numru ta' sigħat ta' xogħol għal kull workshop u jikkonfermaw li Ningbo Jinding kienet tosserva n-numru massimu ta' sigħat ta' xogħol. Fin-nuqqas ta' provi li jindikaw il-kuntrarju, il-Kummissjoni ma tistax tippreżumi l-aġir illegali ta' produttur esportatur li jkun ikkoopera.

205 It-tielet nett, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq is-sigħat ta' xogħol medji għal kull impjegat ta' Jiangsu. Bil-multiplikazzjoni ta' dawn is-sigħat għal kull impjegat bin-numru ta' impjegati tal-produtturi esportaturi kkunsidrati, il-Kummissjoni setgħet tikkalkola s-sigħat medji ta' xogħol għal kull kilogramma ta' prodott suġġett għal investigazzjoni, b'tali mod li tevita d-distorsjoni li tirriżulta mill-proċess ta' produzzjoni differenti użat. Barra minn hekk, dan jippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru effettiv ta' impjegati kkomunikat minn Ningbo Jinding u Wenzhou, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

206 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

207 L-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jipprevedi li meta parti kkonċernata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni neċessarja jew ma tipprovdix tali informazzjoni fit-termini previsti mir-regolament, jew tostakola b'mod sinjifikattiv l-investigazzjoni, konklużjonijiet preliminari jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jiġu stabbiliti abbażi tad-data disponibbli. Għalhekk, jekk jiġi kkonstatat li parti kkonċernata tkun ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa, dik l-informazzjoni għandha tiġi injorata u jista' jsir użu mid-data disponibbli.

208 Mill-Artikolu 6.8 tal-Ftehim antidumping jirriżulta li, fil-każijiet fejn parti kkonċernata tirrifjuta li tagħti aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex f'terminu raġonevoli, jew tostakola l-iżvolġiment tal-investigazzjoni b'mod sinjifikattiv, konklużjonijiet preliminari jew finali, pożittivi jew negattivi, jistgħu jiġu stabbiliti fuq il-bażi tad-data tal-fatti disponibbli. Barra minn hekk, l-Anness II tal-Ftehim antidumping fih dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-"aqwa

informazzjoni disponibbli" matul l-investigazzjonijiet u jispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet inkarigati bl-investigazzjoni jistgħu joqogħdu fuq l-informazzjoni li toriġina minn sors differenti mill-persuna kkonċernata.

209 Qabelxejn, għandu jitfakkar li l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku jikkostitwixxi t-traspożizzjoni fid-dritt tal-Unjoni tal-kontenut tal-Artikolu 6.8 kif ukoll tal-Anness II tal-Ftehim antidumping, li fid-dawl tagħhom dan għandu jiġi interpretat sa fejn possibbli (ara s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Guangdong Kito Ceramics *et* vs Il-Kunsill, T-633/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:271, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

210 Skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, il-possibbiltà li tintuża d-data disponibbli teżisti f'erba' każijiet, jiġifieri, l-ewwel nett, meta parti kkonċernata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa, it-tieni nett, meta hija ma tipprovdihiex fit-termini previsti, it-tielet nett, meta hija tostakola b'mod sinjifikattiv l-investigazzjoni jew, ir-raba' nett, meta tipprovdi informazzjoni falza jew qarrieqa (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, T-192/08, EU:T:2011:619, punt 268).

211 Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza li l-partijiet ikkonċernati huma obbligati jipprovdu lid-dipartimenti tal-Kummissjoni l-informazzjoni li tippermettilha twettaq l-investigazzjoni antidumping. Għalhekk, informazzjoni titqies bħala "neċessarja", fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, jekk din tkun ta' natura li tippermetti lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-konklużjonijiet li huma meħtieġa fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping, peress li l-evalwazzjoni tan-natura neċessarja ta' informazzjoni għandha ssir każ b'każ (sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017, EBMA vs Giant (China), C-61/16 P, EU:C:2017:968, punt 53).

212 Id-definizzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-għan tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija l-Kummissjoni, bħala awtorità investigatriċi, li għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' dumping, ta' dannu u ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping u d-dannu. Madankollu, peress li l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament bażiku ma tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li ġġiegħel lill-partijiet ikkonċernati jipparteċipaw fl-investigazzjoni jew jipproduċu informazzjoni, din l-istituzzjoni tiddependi fuq il-kooperazzjoni volontarja ta' dawn il-partijiet sabiex jipprovdulha l-informazzjoni neċessarja. F'dan il-kuntest, mill-premessa 27 tar-Regolament bażiku jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies li huwa "meħtieġ li jsir provvediment biex, fejn partijiet ma [jkunux ikkooperaw] b'mod sodisfaċenti [setgħet] tintuża informazzjoni oħra sabiex jiġu stabbiliti konklużjonijiet u li tali informazzjoni [setgħet] tkun inqas favorevoli għall-partijiet milli kieku kienu kkoperaw". Għaldaqstant, l-għan tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku huwa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq l-investigazzjoni minkejja li l-partijiet ikkonċernati jkunu rrifjutaw li jikkooperaw jew ikunu kkooperaw b'mod insuffiċjenti. Għalhekk, peress li huma obbligati jikkooperaw bl-aħjar mod possibbli, il-partijiet ikkonċernati għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom u li l-istituzzjonijiet iqisu li hija meħtieġa sabiex jistabbilixxu l-konklużjonijiet tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017, EBMA vs Giant (China), C-61/16 P, EU:C:2017:968, punti 54 sa 56).

213 Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq id-data disponibbli, fis-sitwazzjonijiet fejn id-data ppreżentata tkun dgħajfa, dik l-istituzzjoni ma hijiex obbligata tispjega kif l-informazzjoni disponibbli użata kienet l-aħjar possibbli, peress li tali obbligu la jirriżulta mill-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u lanqas mill-ġurisprudenza (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, City Cycle Industries vs Il-Kunsill, T-413/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:164, punt 132).

214 Fil-fatt, l-użu tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ma huwiex eskluż fl-assenza ta' aġir intenzjonali (ara s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2021, NLMK vs Il-Kummissjoni, T-752/16, mhux ippubblikata, EU:T:2021:611, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-livell tal-isforzi magħmula minn parti kkonċernata sabiex tippreżenta ċerta informazzjoni mhux bilfors huwa marbut mal-kwalità intrinsika tal-informazzjoni mogħtija, u fi kwalunkwe każ, ma huwiex l-uniku element determinanti. Għalhekk, jekk l-informazzjoni mitluba finalment ma tkunx inkisbet, il-Kummissjoni jkollha d-dritt tagħmel użu mid-data disponibbli f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni mitluba (ara s-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2015, City Cycle Industries vs Il-Kunsill, T-413/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:164, punt 117 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-22 ta' Settembru 2021, NLMK vs Il-Kummissjoni, T-752/16, mhux ippubblikata, EU:T:2021:611, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

215 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-istħarriġ, mill-Qorti Ġenerali, tal-provi li fuqhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jibbażaw il-konstatazzjonijiet tagħhom ma jikkostitwixxix evalwazzjoni ġdida tal-fatti li tissostitwixxi dik ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dan l-istħarriġ ma jinterferixxix fis-setgħa wiesgħa ta' evalwazzjoni tal-imsemmija istituzzjonijiet fil-qasam tal-politika kummerċjali, iżda sempliċement jirrileva jekk dawn l-elementi humiex ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet misluta minnhom (ara s-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Hansol Paper, C-260/20 P, EU:C:2022:370, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

216 F'dan il-każ, mill-premessa 180 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li, waqt kontroverifiki mill-bogħod, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tivverifika x-xogħol reali magħmul mill-ħaddiema għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat għat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u li hija informat lil dawn tal-aħħar li kellha l-intenzjoni tuża d-data disponibbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għall-kalkolu tax-xogħol magħmul mill-ħaddiema. Fil-fatt, il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ikkomunikaw ix-xogħol magħmul mill-ħaddiema tagħhom abbażi ta' numru standard ta' sigħat ta' xogħol effettivi. Madankollu, skont il-premessa 260 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni setgħet tikseb informazzjoni dwar id-differenza bejn is-sigħat iddikjarati u l-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ għand Jiangsu.

217 Għalhekk, abbażi tas-sigħat tax-xogħol "effettivi" ta' Jiangsu, il-Kummissjoni kkalkolat il-produttività "effettiva" ta' din tal-aħħar, jiġifieri n-numru ta' kilogrammi tal-prodott suġġett għal investigazzjoni li impjegat seta' jipproduċi matul il-perijodu tal-investigazzjoni, u qabblitha mal-produttività taż-żewġ produtturi esportaturi l-oħra inklużi fil-kampjun. Il-paragun wera żieda fil-produttività ta' Ningbo Jinding, u dan qiegħed f'dubju l-affidabbiltà tal-kalkolu li kien jieħu inkunsiderazzjoni s-sigħat ta' xogħol standard b'mod ġenerali. Sussegwentement, il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sigħat ta' xogħol medji effettivi għal kull kilogramma tal-prodott suġġett għal investigazzjoni għand Jiangsu u użat din id-data għat-tliet produtturi esportaturi bħala data disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

218 Mill-premessi 181 u 182 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta wkoll li, minn naħa, Ningbo Jinding kienet sostniet li l-Kummissjoni kellha tibbaża ruħha fuq is-sigħat ta' xogħol standard u, min-naħa l-oħra, Wenzhou kienet sostniet li l-jiem ta' xogħol effettivi kienu indikati fuq l-iskedi tal-pagi mensili u li l-Kummissjoni setgħet tuża s-sigħat ta' xogħol standard ta' kuljum stabbiliti mid-dritt industrijali Ċiniż. Madankollu, fil-premessa 184 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni indikat li ma nstabet l-ebda prova li l-ġranet ta' xogħol effettivi kkonvertiti f'sigħat tax-xogħol jikkorrispondu għan-numru ta' sigħat ta' xogħol iddedikati għall-proċess tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat, peress li l-ebda prova ma kienet ġiet prodotta dwar il-bażi li fuqha kienu ġew stabbiliti s-sigħat ta' xogħol standard għall-produzzjoni ta' elementi tal-irbit.

219 Ir-rikorrenti jinvokaw ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u tal-Artikolu 6.8 tal-Ftehim antidumping, peress li, minn naħa, il-Kummissjoni ma ħaditx debitament inkunsiderazzjoni d-differenzi bejn il-proċessi ta' manifattura tal-prodotti suġġetti għall-investigazzjoni u użat b'mod żbaljat iċ-ċifri bbażati fuq Jiangsu li kienu maqtugħin mir-realtà ladarba ġew applikati għal Ningbo Jinding. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni data oħra li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tikkalkola l-produttività tal-ħaddiema.

220 Għalhekk, fl-ewwel lok, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-eventwali impatt f'termini ta' produttività tal-proċess ta' produzzjoni magħżul minn kull produttur esportatur, il-Kummissjoni spjegat fil-premessa 317 tar-Regolament ikkontestat li hija ma kinitx f'pożizzjoni li tistabbilixxi d-differenza bejn is-sigħat ta' xogħol meħtieġa għad-diversi metodi ta' produzzjoni għal kwalunkwe wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u li l-partijiet ikkonċernati lanqas ma kienu pproduċew provi dwar il-mod kif l-imsemmija differenzi kellhom jiġu stmati.

221 Mistoqsija f'dan ir-rigward waqt is-seduta, ir-rikorrenti kkonfermaw, minn naħa, li kemm Jiangsu kif ukoll Ningbo Jinding kienu jużaw iż-żewġ proċessi ta' manifattura tal-prodott ikkonċernat u, min-naħa l-oħra, li, fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, it-tliet produtturi esportaturi kienu ddeterminaw il-produttività biss abbażi tal-ispiża tal-ħaddiema għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, indipendentement mill-proċess ta' produzzjoni. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma kinux f'pożizzjoni li jiddeterminaw kif il-Kummissjoni setgħet tiddistingwi bejn iż-żewġ proċessi sabiex tistabbilixxi l-ispiża tal-ħaddiema.

222 Barra minn hekk, kif irrilevat il-Kummissjoni, mingħajr ma ġiet ikkontestata mir-rikorrenti fuq dan il-punt, l-ebda wieħed mit-tliet produtturi esportaturi ma kellu dokumentazzjoni preċiża li tiddefinixxi r-rekwiżiti fil-qasam tal-ispiża tal-ħaddiema fuq il-bażi tal-metodu ta' forġa tal-prodott.

223 Minn dan isegwi li, sa fejn ir-rikorrenti ma kinux f'pożizzjoni li jipprovdu lill-Kummissjoni data f'dan ir-rigward, l-argument tagħhom ibbażat fuq l-eventwali differenza bejn is-sigħat ta' xogħol neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat skont il-proċess ta' manifattura magħżul għandu jiġi miċħud.

224 It-tieni nett, ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li l-Kummissjoni kkalkolat abbażi tad-data ta' Jiangsu l-ispiża tal-ħaddiema ta' Ningbo Jinding, peress li dan kien wassal għal riżultati li, fil-fehma tagħhom, ma kinux realistiċi, jiġifieri li l-impjegati ta' Ningbo Jinding kienu jaħdmu tnejn u ħamsin ġimgħa fis-sena, sitt ijiem fil-ġimgħa u sbatax-il siegħa kuljum.

225 Madankollu, mill-osservazzjonijiet ta' Ningbo Jinding dwar il-konklużjonijiet definittivi jirriżulta li, sabiex waslet għaċ-ċifra ta' sbatax-il siegħa ta' xogħol għal kull impjegat u għal kull jum, Ningbo Jinding użat is-sigħat ta' xogħol meħtieġa għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat kif ikkalkolati abbażi tad-"data disponibbli" użata mill-Kummissjoni u mmultiplikathom bin-numru ta' impjegati indikat fit-tabella C5 tat-tweġiba għall-kwestjonarju. F'dan ir-rigward għandu jiġi kkonstatat li, qabel kollox, din id-data ma ġietx ivverifikata mill-Kummissjoni. Sussegwentement, ir-rikorrenti rrikonoxxew li n-numru ta' impjegati ta' Ningbo Jinding kien varja b'mod sinjifikattiv matul l-investigazzjoni, b'tali mod li l-Kummissjoni ma setgħetx tuża n-numru ta' sigħat ta' xogħol għal kull impjegat ta' Jiangsu, immultiplikat bin-numru ta' impjegati taż-żewġ produtturi esportaturi l-oħra, sabiex tikkalkola l-ispiża tal-ħaddiema. Għaldaqstant, iċ-ċifra ta' sbatax-il siegħa ta' xogħol kuljum ma hijiex ikkorroborata minn provi konkreti u tibqa', fi kwalunkwe każ, ipotetika.

226 Fl-aħħar nett, kif irrilevat il-Kummissjoni, mill-Anness R.3 tar-replika jirriżulta li fil-kalkolu tagħha Ningbo użat biss il-"ħaddiema diretti" neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat kif ukoll il-"persunal ta' assistenza fil-qasam tar-R & D", filwaqt li l-Kummissjoni ppreċiżat fl-istruzzjonijiet ipprovduti flimkien mal-kwestjonarju antidumping li l-"ħaddiema" użati għall-kalkolu tal-ispiża ta' produzzjoni kellhom jinkludu kemm il-"ħaddiema diretti kif ukoll dawk indiretti". Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma setgħux jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni li hija qieset li kellha bżonn.

227 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sa fejn l-istituzzjonijiet jiddependu mill-kooperazzjoni volontarja tal-partijiet sabiex jipprovdulhom l-informazzjoni neċessarja fit-termini stabbiliti, ir-risposti ta' dawn il-partijiet għall-kwestjonarju previst fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament bażiku, kif ukoll il-verifika sussegwenti li l-Kummissjoni tista' twettaq, huma essenzjali għall-iżvolġiment tal-proċedura antidumping. Ir-riskju li, fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni mill-impriżi kkonċernati mill-investigazzjoni, l-istituzzjonijiet jieħdu inkunsiderazzjoni data differenti minn dik ipprovduta b'risposta għall-kwestjonarju hija inerenti għall-proċedura antidumping u huwa intiż biex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni leali u diliġenti ta' dawn l-impriżi (ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Shandong Reipu Biochemicals vs Il-Kunsill, T-413/03, EU:T:2006:211, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

228 Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset, fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tagħha, li, sa fejn kemm Jiangsu kif ukoll Ningbo Jinding kienu jużaw il-forġa kiesħa u sħuna, hija ma kinitx obbligata tivverifika jekk dawn il-proċessi kinux iwasslu għal differenzi fir-rigward tas-sigħat ta' xogħol neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat meta mqabbla ma' sorsi oħra, u b'mod partikolari s-sigħat ta' xogħol neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi tal-Unjoni. F'dan ir-rigward u fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni spjegat li s-sigħat ta' xogħol ma kinux mitluba fil-kwestjonarji tal-produtturi tal-Unjoni. Għaldaqstant din l-informazzjoni ma kinitx disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18(5) tar-Regolament bażiku.

229 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tikkonkludi li d-data inkwistjoni kellha kontradizzjonijiet u lakuni u li hija ma setgħetx tużaha.

230 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni għażlitx l-aħjar data li kellha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tikkalkola l-ispiża tal-ħaddiema, għandu jitfakkar, qabel kollox, li l-possibbiltà ta' kalkoli alternattivi ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

231 Fil-fatt, l-għan tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku huwa li jippermetti lill-Kummissjoni ttemm l-investigazzjoni fil-kuntest tar-restrizzjonijiet temporanji imposti fuqha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa fir-rigward tan-neċessità li tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fl-eżami tad-data li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ġuridiċi li hija għandha teżamina.

232 B'mod iktar preċiż, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-possibbiltà li tibbaża ruħha fuq is-sigħat ta' xogħol standard, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni setgħet tikkonstata, mingħajr ma tiġi kontradetta mir-rikorrenti fuq dan il-punt, li s-sigħat ta' xogħol standard ma kinux neċessarjament jirriflettu r-realtà tas-sigħat iddedikati speċifikament għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat.

233 Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrenti li s-sigħat standard intużaw fil-kuntest ta' investigazzjonijiet oħra ma jistax jintlaqa'. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-legalità ta' regolament li jistabbilixxi dazju antidumping għandu jiġi evalwat fid-dawl tar-regoli ta' dritt u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, u mhux abbażi tal-allegata prassi deċiżjonali preċedenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler vs Il-Kunsill, T-351/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:616, punt 107, ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Frar 2021, RFA International vs Il-Kummissjoni, C-56/19 P, EU:C:2021:102, punt 79, u tal-4 ta' Ottubru 2006, Moser Baer India vs Il-Kunsill, T-300/03, EU:T:2006:289, punt 45).

234 Fil-fatt, ir-Regolament bażiku ma jiddefinixxix x'inhi informazzjoni "neċessarja" fis-sens tal-Artikolu 18(1) tiegħu (sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, Guangdong Kito Ceramics *et* vs Il-Kunsill, T-633/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:271, punt 46).

235 Għaldaqstant, peress li element ta' informazzjoni jista' jippermetti li jiġu stabbiliti l-imsemmija konklużjonijiet f'investigazzjoni u jkun inutli f'investigazzjoni oħra, għandu jitqies li l-evalwazzjoni li tippermetti li jiġi ddeterminat jekk element ta' informazzjoni partikolari jikkostitwixxix "informazzjoni neċessarja", fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, jew le, għandha titwettaq b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull investigazzjoni, u mhux b'mod astratt (sentenza tal-14 ta' Diċembru 2017, EBMA vs Giant (China), C-61/16 P, EU:C:2017:968, punt 49).

236 F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset neċessarju li tiddetermina n-numru ta' sigħat ta' xogħol "effettivi" neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Ir-rikorrenti ma jikkontestawx li n-numru ta' sigħat ta' xogħol neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat jikkostitwixxi informazzjoni neċessarja għall-investigazzjoni, iżda jqisu li l-komunikazzjoni tas-sigħat standard kienet suffiċjenti. Għaldaqstant, huma ma jipproduċux prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar iċ-ċaħda tal-kalkolu tal-ispiża tal-ħaddiema abbażi tas-sigħat ta' xogħol standard fiċ-Ċina.

237 Għall-istess raġunijiet, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li ebda obbligu legali Ċiniż ma jimponi r-reġistrazzjoni tas-sigħat effettivament maħduma, sa fejn il-Kummissjoni qieset li s-sigħat ta' xogħol effettivi neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat kienu informazzjoni neċessarja għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat.

238 Din il-konstatazzjoni ma hijiex invalidata mill-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni setgħet tuża s-sigħat leġiżlattivi sabiex tikkalkola s-sigħat ta' xogħol neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat u sabiex ma tippreżumix aġir illegali. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni fil-premessa 183 tar-Regolament ikkontestat, is-sempliċi eżistenza ta' dispożizzjoni tad-dritt industrijali li tillimita n-numru ta' sigħat ta' xogħol standard li ħaddiem jista' jaħdem ma hijiex prova suffiċjenti sabiex turi s-sigħat effettivament maħduma, peress li ebda element ma wera matul l-investigazzjoni li d-dritt industrijali Ċiniż kien osservat jew applikat u li l-ġranet ta' xogħol effettivi ddikjarati mill-produtturi esportaturi kienu jikkorrispondu għar-remunerazzjoni effettivament imħallsa lill-persunal.

239 It-tieni nett, fir-rigward tal-possibbiltà proposta mir-rikorrenti li jużaw in-numru massimu ta' sigħat ta' xogħol skont id-dritt Ċiniż, il-Kummissjoni spjegat li hija kienet sabet, għand Jiangsu, provi dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' din ir-regola u l-assenza apparenti ta' kontroll tal-osservanza tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan il-valur ta' riferiment ma kienx rilevanti.

240 It-tielet nett, fir-rigward tal-possibbiltà li wieħed jibbaża ruħu fuq in-numru ta' sigħat ta' xogħol medji għal kull impjegat ta' Jiangsu, immultiplikat bin-numru ta' impjegati taż-żewġ produtturi esportaturi l-oħra, kif spjegat il-Kummissjoni, tali kalkolu ma huwiex xieraq peress li n-numru ta' impjegati li jaħdmu ma' Ningbo Jinding varja matul il-perijodu ta' investigazzjoni kollu. Għalhekk, l-informazzjoni pprovduta minn dan il-produttur esportatur f'dan ir-rigward ma kinitx tippermetti lill-Kummissjoni tadotta valur għall-kalkolu tal-ispiża tal-ħaddiema. Konsegwentement, ir-rikorrenti ma pprovdewx lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li din tal-aħħar qieset li kellha bżonn għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat.

241 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti baqgħu ma pproduċewx elementi suffiċjenti sabiex iċaħħdu mill-plawżibbiltà l-evalwazzjonijiet tal-fatti stabbiliti fir-Regolament ikkontestat dwar is-sigħat effettivi ta' xogħol neċessarji għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Issa, tali prova hija meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni ta' natura li jiġġustifika l-annullament tar-Regolament ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Jinan Meide Casting vs Il-Kummissjoni, T-650/17, EU:T:2019:644, punt 110).

242 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tagħha, il-Kummissjoni kellha dritt tqis, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li, peress li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma setgħux jipprovdulha n-numru ta' sigħat ta' xogħol konkreti tal-impjegati tagħhom li pparteċipaw fil-proċess kollu ta' manifattura tal-prodott ikkonċernat, hija setgħet tibbaża ruħha fuq id-data vverifikata ta' wieħed minn dawn it-tliet produtturi esportaturi, sabiex tikkalkola l-valur normali tal-prodott ikkonċernat.

243 Għalhekk it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

4. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku

244 Ir-rikorrenti jallegaw, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku sabiex tistabbilixxi l-marġni ta' dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, sa fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni marġni stabbiliti fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament. L-istess limitazzjoni tirriżulta mill-Artikolu 9.4 tal-Ftehim antidumping li jipprova jipprekludi li l-produtturi esportaturi, li ma ntalbux jikkooperaw fl-investigazzjoni, jiġu affettwati mill-informazzjoni nieqsa jew insuffiċjenti prodotta mill-produtturi esportaturi suġġetti għall-investigazzjoni.

245 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

246 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fl-Artikolu 1(2) tiegħu, ir-Regolament ikkontestat stabbilixxa r-rati tad-dazju antidumping definittiv, l-ewwel nett, tat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, jiġifieri 22.1 % għal Jiangsu, 46.1 % għal Ningbo Jinding u 48.8 % għal Wenzhou, sussegwentement, ir-rata għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun għal 39.6 % u, fl-aħħar nett, 86.5 % għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha tal-pajjiż ikkonċernat. Ir-rata kkontestata fil-kuntest tar-raba' motiv hija dik ta' 39.6 %.

247 L-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku huwa fformulat kif ġej:

"Meta l-Kummissjoni tkun illimitat l-eżami tagħha skont l-Artikolu 17, kwalunkwe dazju anti-dumping applikat għall-importazzjonijiet minn esportaturi jew produtturi li jkunu ressqu d-dettalji tagħhom skont l-Artikolu 17 iżda li ma kinux ġew inklużi fl-eżami ma għandux jaqbeż il-marġini medju peżat ta' dumping stabbilit fir-rigward tal-partijiet fil-kampjun, irrispettivament minn jekk il-valur normali għal tali partijiet huwiex determinat abbażi tal-Artikolu 2(1) sa (6) jew tal-punt (a) tal-Artikolu 2(7).

Għall-għan ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tinjora kwalunkwe marġini żero u de minimis, u marġini stabbiliti fiċ-ċirkustanzi msemmijin fl-Artikolu 18."

248 Għalhekk, din id-dispożizzjoni tapplika biss fil-każijiet fejn il-Kummissjoni tadotta l-metodu ta' teħid ta' kampjuni, jiġifieri, biss meta hija tkun illimitat l-investigazzjoni tagħha għal grupp partikolari ta' produtturi esportaturi, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, kif hija għamlet fil-proċedura li hija s-suġġett ta' din it-tilwima.

249 Sussegwentement, għandu jiġi ppreċiżat li l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku huwa sostanzjalment identiku għall-Artikolu 9(4) tal-Ftehim antidumping li jipprovdi dan li ġej:

"Meta l-awtoritajiet illimitaw l-eżaminazzjoni tagħhom skond it-tieni sentenza tal-paragrafu 10 ta' l-Artikolu 6, kwalunkwe dazju kotra d-damping applikat għall-importazzjoni mill-esportaturi jew produtturi mhux inklużi fl-eżaminazzjoni m'għandux jeċċedi:

i) il-medja meqjusa tal-marġini tad-damping stabbilit fir-rigward ta' l-esportaturi magħżula jew il-produtturi jew

[…]

sakemm għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu l-awtoritajiet jinjoraw kwalunkwe żero u marġini de minimis kif ukoll marġini li jistab- bilixxu taħt iċ-ċirkostanzi b'referenza għall-paragrafu 8 ta' l-Artikolu 6. L-awtoritajiet għandhom japplikaw id-dazju individwali jew il-valuri normali lill-importazzjoni minn kwalunkwe esportatur jew produttur li ma kienx inkluż fl-eżaminazzjoni li pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa waqt il-kors ta' l-investigazzjoni, kif pprovduta fis-subparagrafu 10.2 ta' l-Artikolu 6".

250 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-prinċipju tad-dritt internazzjonali ġenerali ta' osservanza tal-impenji kuntrattwali (*pacta sunt servanda*), stabbilit fl-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna fuq id-Dritt tat-Trattati, tat-23 ta' Mejju 1969 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, vol. 1155, p. 331), jimplika li, għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tal-Ftehim antidumping, il-qorti tal-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni tad-diversi dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim li l-Korp ta' Riżoluzzjoni ta' Tilwim tal-WTO adotta (ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

251 Skont il-premessa 3 tar-Regolament bażiku, sabiex tiġi żgurata applikazzjoni xierqa u trasparenti tar-regoli tal-Ftehim antidumping, it-termini ta' dan il-ftehim għandhom jiġi trasposti, sa fejn ikun possibbli, fid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, il-qorti tal-Unjoni tista' tibbaża ruħha fuq ir-rapporti tal-Korp tal-Appell tal-WTO sabiex tipproċedi għall-interpretazzjoni

tad-dispożizzjonijiet, sostanzjalment identiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punti 33 u 34).

252 Fir-rapport tiegħu dwar it-tilwima "L-Istati – Miżuri antidumping applikati għal ċerti prodotti tal-azzar irrumblati bis-sħana li joriġinaw mill-Ġappun", tal-24 ta' Lulju 2001 (WT/DS 184/AB/R), il-Korp tal-Appell tal-WTO qies li l-Artikolu 9(4) tal-Ftehim antidumping kien jistabbilixxi limitu massimu għall-awtoritajiet ikkonċernati għad-determinazzjoni tal-limitu massimu għar-rata "residwa globali", jiġifieri, il-fatt li l-marġni ffissat għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ma kienx jaqbeż il-marġni medju ponderat tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Il-Korp tal-Appell irrileva wkoll li l-Artikolu 9(4) kien jistabbilixxi żewġ projbizzjonijiet. L-ewwel waħda tipprekludi lill-awtoritajiet inkarigati mill-investigazzjoni milli jikkalkolaw ir-rata residwa globali billi jużaw marġni żero jew *de minimis*, filwaqt li t-tieni waħda tipprekludihom milli jikkalkolaw dan il-limitu massimu billi jużaw "marġnijiet stabbiliti fiċ-ċirkustanzi indikati" fl-Artikolu 6(8) tal-Ftehim.

253 B'mod iktar preċiż, il-Korp tal-appell tal-WTO ċaħad b'mod espliċitu l-affermazzjoni li t-tieni limitazzjoni kienet tirrigwarda biss il-marġnijiet ikkalkolati kompletament abbażi tad-data fattwali disponibbli. Għalhekk, iċ-"ċirkustanzi indikati" fl-Artikolu 6(8) tal-Ftehim antidumping huma ċirkustanzi li fihom l-awtoritajiet inkarigati mill-investigazzjoni debitament jużaw id-data disponibbli sabiex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' informazzjoni neċessarja fil-fajl u dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu, fil-fatt, jinvolvu biss ftit informazzjoni li għandha tintuża għall-kalkolu tal-marġni ta' dumping individwali għal esportatur jew produttur.

254 Barra minn hekk, il-Korp tal-Appell tal-WTO qies li din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(4) tal-Ftehim antidumping kienet kompatibbli mal-għan tad-dispożizzjoni. Fil-fatt, sa fejn l-Artikolu 6(8) tal-Ftehim antidumping jippermetti lill-awtoritajiet jimlew il-lakuni fil-fajl li jirriżultaw mill-insuffiċjenza jew min-nuqqas ta' informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata mill-esportaturi suġġetti għall-investigazzjoni, l-Artikolu 9(4) tal-Ftehim antidumping jipprova jimpedixxi li l-esportaturi, li ma ntalbux jikkooperaw matul l-investigazzjoni, isofru dannu minħabba lakuni jew insuffiċjenzi fl-informazzjoni kkomunikata mill-esportaturi inklużi fil-kampjun. Għaldaqstant, dan l-għan jiġi kompromess jekk il-marġni medju ponderat jiġi kkalkolat, anki parzjalment, abbażi tad-data tal-fatti disponibbli.

255 Il-korp tal-Appell tal-WTO kkonstata espliċitament li t-tilwima li kellu jeżamina ma kinitx tqajjem il-kwistjoni dwar kif għandha tiġi rrimedjata sitwazzjoni bħal dik f'dan il-każ, fejn il-marġni kollha li insostenn tagħhom il-Kummissjoni kellha tikkalkola l-marġni medju ponderat għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun kellhom jiġu eskluži mill-kalkolu abbażi tat-tieni projbizzjoni. Għaldaqstant, wara li kkonstata l-eżistenza ta' lakuna, huwa spjega li t-tilwima li kien qiegħed jeżamina ma kinitx timplika d-dmir li tiġi riżolta din il-kwistjoni.

256 F'dan il-każ, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq dan ir-rapport sabiex tiddefendi l-argument tal-eżistenza ta' lakuna fir-Regolament bażiku, li, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, imponitilha limitazzjoni mingħajr ma tagħtiha alternattiva. Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet quddiem il-Qorti Ġenerali li l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku kien intiż sabiex jirrimedja din il-lakuna identifikata fir-rigward tal-iffissar tal-marġni ta' dumping tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun.

257 L-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku jipprevedi dan li ġej:

"Fejn huwa deċiż li jittieħed kampjun u jkun hemm grad ta' nuqqas ta' kooperazzjoni minn ftit jew ħafna mill-partijiet magħżula b'mod li probabbilment jaffettwa materjalment ir-riżultat tal-investigazzjoni, jista' jiġi magħżul kampjun ġdid.

Madanakollu, jekk ikun jippersisti grad materjali ta' nuqqas ta' kooperazzjoni jew ma jkunx hemm ħin biżżejjed biex jiġi magħżul kampjun ġdid, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 18 għandhom japplikaw."

258 Għaldaqstant, il-Kummissjoni sostniet li ma kellhiex "biżżejjed żmien" fis-sens tal-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku u li kienet obbligata tistabbilixxi l-marġni medju ponderat għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun abbażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, kif hija għamlet għall-produtturi esportaturi li ma kinux ikkooperaw. Il-Kummissjoni sostniet li, li kieku ma setgħetx tibbaża ruħha fuq il-marġni tat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għall-kalkolu tal-marġni medju ponderat ta' dawk li kkooperaw, iżda mhux inklużi fil-kampjun, dan kien ipoġġi lil dawn tal-aħħar f'sitwazzjoni ferm iktar sfavorevoli, peress li r-rata antidumping applikabbli kienet tiġi stabbilita għal 86.5 %, bħal fil-każ tal-produtturi esportaturi Ċiniżi l-oħra kollha li ma pparteċipaw b'ebda mod fl-investigazzjoni, minflok 39.6 %.

259 Fir-replika, ir-rikorrenti kkontestaw dan l-argument sa fejn ir-raġunament ibbażat fuq l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku huwa kompletament ġdid u ma jistax jiġġustifika r-Regolament ikkontestat *a posteriori*. Għaldaqstant, huma qiesu li din kienet motivazzjoni ġdida tal-Kummissjoni. Waqt is-seduta, ir-rikorrenti sostnew li l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku kien jipprevedi żewġ stadji, jiġifieri, qabelxejn, il-konstatazzjoni ta' livell ta' nuqqas ta' kooperazzjoni li seta' jkollu effett materjali u, imbagħad, il-kostituzzjoni ta' kampjun ġdid. Jekk, wara dan il-kampjun il-ġdid, xorta ma kienx hemm kooperazzjoni jew jekk iż-żmien kien insuffiċjenti, setgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 18. Din l-ipoteżi ma tikkorrispondix għas-sitwazzjoni f'dan il-każ. Skont ir-rikorrenti, l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku jirrispondi għal sitwazzjonijiet ta' bblokkar, fejn il-produtturi esportaturi kollha ma jikkooperawx jew ma jipprovdu ebda data.

260 L-ewwel nett, il-Kummissjoni sostniet waqt is-seduta li l-kostituzzjoni ta' kampjun ġdid kienet tikkostitwixxi possibbiltà, iżda mhux obbligu, sa fejn l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku jindika li hija "[t]ista'" tagħżel kampjun ġdid. It-tieni nett, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-konstatazzjoni tal-lakuna ma teżentahiex mill-obbligu ġenerali tagħha li tosserva barra minn hekk ir-Regolament bażiku, kif inhu l-każ hawnhekk. It-tielet nett, il-Kummissjoni rrilevat li, fil-preżenza ta' lakuna, hija setgħet tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-imsemmi regolament. Ir-raba' nett, il-Kummissjoni sostniet ukoll li l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku ma kienx neċessarjament jikkostitwixxi protezzjoni għall-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li ma kinux inklużi fil-kampjun. Fil-fatt, fis-sitwazzjoni ipotetika fejn tnejn biss mit-tliet marġni jkollhom jiġu esklużi sa fejn huma bbażati fuq l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tapplika l-marġni rimanenti għall-produtturi esportaturi inkwistjoni, anki meta dan ikun l-ogħla mit-tliet marġni inkwistjoni. Għalhekk, il-marġni ta' dumping ta' dawn il-produtturi jista' jiżdied jekk wieħed mill-marġni tal-kampjun ma jkunx jista' jiġi kkunsidrat, peress li dan jiġi ffissat bl-użu ta' data disponibbli, fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

261 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li, fl-ewwel lok, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att b'tali

mod li l-persuni kkonċernati jkunu jafu bil-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Madankollu, ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmi tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu iżda fid-dawl ukoll tal-kuntest tiegħu u tat-totalità tar-regoli legali li jirregolaw il-materja kkonċernata. B'mod partikolari, ikun eċċessiv li tintalab deskrizzjoni ddettaljata ta' kull wieħed mill-aspetti li fuqhom huwa bbażat l-att kontenzjuż, b'mod partikolari meta r-rikorrenti, bħal f'dan il-każ, kienu involuti mill-qrib fil-proċedura amministrattiva. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' April 2011, Far Eastern New Century vs Il-Kunsill, T-167/07, mhux ippubblikata, EU:T:2011:165, punt 103).

262 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat ukoll li jekk id-data tat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ma setgħetx tintuża minħabba l-limitazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku, il-kampjun tal-Kummissjoni ma kienx ikun jista' jintuża għall-investigazzjoni inkwistjoni.

263 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 201 sa 243 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni użat l-aħjar data disponibbli dwar ix-xogħol magħmul mill-ħaddiema meħtieġ għall-manifattura tal-prodott ikkonċernat, sa fejn id-data li l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienu kkomunikawlha kienet nieqsa jew inkoerenti. Issa, din il-konstatazzjoni saret f'mument avvanzat tal-investigazzjoni, peress li l-Kummissjoni kkonstatat l-insuffiċjenza tal-informazzjoni pprovduta biss waqt kontroverifiki mill-bogħod. Sa fejn il-proċedura li twassal għall-impożizzjoni ta' dazju antidumping skont ir-Regolament bażiku ssegwi approċċ gradwali, il-marġni ta' dumping tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ġie stabbilit biss meta ġew ikkomunikati l-konklużjonijiet definittivi. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni hija obbligata tikkonkludi l-investigazzjoni f'termini relattivament qosra, strettament limitati mir-Regolament bażiku kif ukoll min-notifika ta' bidu tal-investigazzjoni inkwistjoni. Għalhekk, hija ma kellhiex biżżejjed żmien sabiex tagħżel kampjun ġdid, skont l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku.

264 Fit-tielet lok, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessa 336 tar-Regolament ikkontestat, ebda waħda mir-rikorrenti kkonċernati minn dan il-marġni, jiġifieri l-membri kkonċernati taċ-CCCME jew il-ħames produtturi esportaturi l-oħra li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, ma kkontestat il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-marġni ffissat għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun.

265 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi indikat li l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku, li għalih jirreferi l-Artikolu 9(6) ta' dan ir-regolament, jipprevedi l-kalkolu ta' marġni ta' dumping individwali għal kull esportatur jew produttur mhux inkluż fil-kampjun li jitlob dan, billi jippreżenta kwestjonarju komplet.

266 Fil-fatt, skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku, meta l-Kummissjoni twettaq it-teħid ta' kampjuni, marġni ta' dumping individwali għandu jiġi kkalkolat għal kull produttur esportatur li ma kienx inizjalment intgħażel, li jippreżenta l-informazzjoni neċessarja fit-termini previsti, ħlief fil-każ fejn in-numru ta' esportaturi jew ta' produtturi jkun tant kbir li eżaminazzjonijiet individwali jikkomplikaw b'mod indebitu l-kompitu u jipprekludu t-tlestija tal-investigazzjoni fi żmien utli. Fi kwalunkwe każ, kif ikkonfermaw il-partijiet waqt is-seduta, ebda waħda mir-rikorrenti kkonċernati ma esprimiet lill-Kummissjoni r-rieda li jiġi applikat għaliha marġni individwali.

267 Fir-raba' lok, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni spjegat fir-Regolament ikkontestat li l-livell ta' kooperazzjoni kien ġie ġeneralment ikkunsidrat baxx u li hija kellha tibbaża l-kalkolu tal-livell tad-drittijiet fuq skala nazzjonali fuq id-data disponibbli fil-fajl.

268 Fil-ħames lok, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni użat id-data disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għall-kalkolu tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat. Issa, il-valur normali tal-prodott ikkonċernat huwa l-istess għall-produtturi esportaturi kollha tal-imsemmi prodott li joriġina miċ-Ċina, sa fejn dan ġie kkalkolat abbażi tal-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, dak li jiddistingwi l-marġni ta' dumping tad-diversi produtturi esportaturi huwa l-paragun tal-imsemmi valur normali mal-prezzijiet ta' esportazzjoni tagħhom stess, minflok ma jiġi pparagunat il-valur normali "ġenerali" mal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-industrija. Għalhekk, il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun eventwalment jiksbu marġni differenti, skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku, billi il-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom jiġu pparagunati mal-valur normali kkostitwit abbażi ta' "fatti disponibbli" skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, fin-nuqqas tal-kostituzzjoni ta' kampjun ġdid ta' produtturi esportaturi fit-totalità tiegħu, il-limitazzjoni tal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku ma setgħetx titneħħa f'dan il-każ.

269 Għaldaqstant, billi aċċettat l-ipoteżi li l-Kummissjoni kienet obbligata tuża l-"fatti disponibbli" fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għall-kalkolu tal-valur normali, sa fejn l-informazzjoni kkomunikata mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienet insuffiċjenti, jista' jiġi sostnut li dan l-istadju kien indispensabbli fil-kuntest tal-investigazzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, huwa stabbilit ukoll li l-Kummissjoni użat it-teħid ta' kampjuni għall-investigazzjoni inkwistjoni, fatt li, barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat fil-kuntest ta' dan ir-rikors, minħabba l-volum ta' produtturi esportaturi kkonċernati, li d-data tagħhom ma setgħetx tiġi eżaminata individwalment fi żmien xieraq. Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 227 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma għandha ebda mezz sabiex iġġiegħel lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jipprovdulha l-informazzjoni li hija tqis neċessarja għall-konklużjoni tal-investigazzjoni tagħha.

270 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-marġni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ġie ddeterminat mill-Kummissjoni mhux b'mod arbitrarju jew punittiv, iżda wara li hija kienet ikkonstatat, fi stadju tardiv tal-proċedura amministrattiva, li, minħabba, minn naħa, il-fatt li d-data pprovduta mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun kienet inkoerenti u, min-naħa l-oħra, minħabba l-fatt li l-kuntest dinji affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19 kien jipprekludiha milli twettaq verifiki fuq il-post, hija kienet obbligata tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għal parti mir-rikorrenti.

271 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma stabbilixxewx li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku sabiex tistabbilixxi l-marġni medju ponderat tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun.

272 Għaldaqstant, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

5. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 3(2), (3), (5) u (6) tar-Regolament bażiku, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament

273 Permezz tal-ħames motiv tagħhom, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni analizzat b'mod żbaljat id-dannu u r-rabta kawżali, l-ewwel nett, peress li hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-maġġoranza tal-produtturi tal-Unjoni kienu jimmanifatturaw essenzjalment elementi tal-irbit

mhux standard, filwaqt li l-maġġoranza tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu jikkonċernaw elementi tal-irbit standard. Il-Kummissjoni kellha għalhekk teżamina jekk l-industrija tal-Unjoni u l-esportaturi Ċiniżi kinux ikkonċentrati b'mod ugwali fiż-żewġ segmenti jew jekk segment wieħed jew iktar setgħux ikunu iktar ikkonċernati minn oħrajn mill-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping. Barra minn hekk, ir-rifjut tal-Kummissjoni ma huwiex ibbażat fuq elementi li jindikaw li t-tipi ta' prodotti inkwistjoni kienu interkambjabbli jew li kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jżidu li, minbarra d-differenzi ta' prezz sinjifikattivi, iż-żewġ tipi ta' prodotti għandhom destinazzjonijiet differenti u jinbiegħu lil industriji differenti. Fil-fatt, l-elementi tal-irbit mhux standard jintużaw fis-setturi fejn is-sigurtà għandha rwol essenzjali u fl-industriji sensittivi għall-kwalità, filwaqt li l-elementi tal-irbit standard jintużaw fis-setturi tal-kostruzzjoni, tal-għamara u tad-DIY. Ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li, minkejja t-talbiet ripetuti tal-partijiet ikkonċernati li jitolbu analiżi segmentata, il-Kummissjoni rrifjutat li twettaq tali analiżi.

274 It-tieni nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma tibbaża l-allegazzjoni tagħha li l-produtturi esportaturi Ċiniżi kellhom il-kapaċità li jipproduċu u li jesportaw elementi tal-irbit mhux standard fuq ebda prova u li, fi kwalunkwe każ, hija kellha tanalizza l-impatt reali tal-importazzjonijiet matul il-perijodu kkunsidrat. Issa, skont l-investigazzjoni mwettqa miċ-CCCME, kienu biss erba' produtturi Ċiniżi li kellhom l-intenzjoni li jesportaw elementi tal-irbit mhux standard fis-snin ta' wara l-perijodu kkunsidrat u tmienja u għoxrin produttur ma kinux ipprevedew tali possibbiltà.

275 It-tielet nett, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li s-segmentazzjoni hija pprovata wkoll mill-fatt li l-Kummissjoni kienet obbligata tkabbar il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, peress li l-informazzjoni, preċedentement miksuba mill-erba' impriżi inklużi fil-kampjun inizjali, ma kinitx tkopri l-produzzjoni ta' elementi tal-irbit standard. Il-korrispondenza bejn il-prodotti ġiet fl-aħħar nett ikkonstatata biss fir-rigward ta' 24 % tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

276 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-użu tal-metodu tan-numri ta' kontroll tal-prodotti (iktar 'il quddiem in-"NKP") għall-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, ir-rikorrenti jikkontestaw il-perċentwali ta' 90 % ta' korrispondenza msemmi mill-Kummissjoni, billi jsostnu li din tal-aħħar ma kellhiex tiffoka fuq l-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda fuq il-bejgħ tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha teżamina jekk il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kienx is-suġġett ta' twaqqigħ tal-prezz u tieħu inkunsiderazzjoni l-perċentwali ta' korrispondenza mill-perspettiva tal-industrija tal-Unjoni sabiex tevalwa l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezzijiet sinjifikattiv ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni stabbilixxiet twaqqigħ tal-prezzijiet biss għal frazzjoni żgħira tal-industrija tal-Unjoni li tipproduċi elementi tal-irbit standard, u sussegwentement estendiet dawn il-konstatazzjonijiet għall-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha.

277 Il-ħames nett, ir-rikorrenti jqajmu l-istess tħassib f'dak li jirrigwarda l-gruppi prinċipali ta' elementi tal-irbit, jiġifieri l-viti, il-boltijiet u l-woxers, li kull wieħed minnhom huwa intiż għal użu finali differenti ħafna, li jiġġustifika analiżi ssegmentata tad-dannu. It-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun jesportaw biss viti u boltijiet. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 3(2) u (6) tar-Regolament bażiku sa fejn hija stabbilixxiet l-eżistenza ta' dannu għall-produtturi ta' woxers fl-Unjoni.

278 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

279 Qabelxejn, għandu jiġi kkonstatat li, sabiex jiġi ddeterminat id-dannu, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku jipprevedi li għandu jitwettaq eżami oġġettiv tal-volum tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping u tal-effett tagħhom fuq il-prezzijiet ta' prodotti simili fis-suq tal-Unjoni kif ukoll tal-effett tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni.

280 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-effett tal-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet li huma s-suġġett ta' dumping, it-tieni sentenza tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku tispeċifika l-obbligu li jiġi eżaminat, fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet, twaqqigħ sinjifikattiv tal-prezz meta mqabbel mal-prezz ta' prodott simili tal-industrija tal-Unjoni jew jekk dawn l-importazzjonijiet għandhomx, b'xi mod ieħor, l-effett li jwaqqgħu l-prezzijiet b'mod sinjifikattiv jew li jostakolaw b'mod sinjifikattiv żidiet fil-prezzijiet li altrimenti kienu jseħħu.

281 L-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku jippreċiża, fir-rigward tiegħu, li l-eżami tal-effett tal-importazzjonijiet suġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kkonċernata jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi u tal-indizji ekonomiċi rilevanti kollha li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni ta' din l-industrija. Din id-dispożizzjoni tinkludi lista ta' fatturi differenti li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni u tippreċiża li din il-lista ma hijiex eżawrjenti u li fattur wieħed jew diversi minn dawn il-fatturi ma jikkostitwixxux neċessarjament bażi determinanti ta' evalwazzjoni (ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2017, Yingli Energy (China) *et* vs Il-Kunsill, T-160/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:125, punt 188 u l-ġurisprudenza ċċitata).

282 Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għandha turi li l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping jikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, fid-dawl tal-volum tagħhom u tal-livelli tal-prezzijiet, fuq il-bażi tal-provi rilevanti kollha.

283 Barra minn hekk, mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku jirriżulta li d-determinazzjoni tad-dannu għandha ssir fil-livell tal-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha.

284 Sussegwentement, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa rrikonoxxuta lill-Kummissjoni minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li hija għandha teżamina fil-kuntest ta' proċedura antidumping, tirrigwarda wkoll id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 112 u l-ġurisprudenza ċċitata). Bl-istess mod, peress li l-eżami tal-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezzijiet huwa kwistjoni ekonomikament kumplessa li għaliha r-Regolament bażiku ma jimponi ebda metodu partikolari, il-Kummissjoni tgawdi minn setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa f'dan ir-rigward (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Hansol Paper, C-260/20 P, EU:C:2022:370, punt 99).

285 Għalhekk, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni għandu għalhekk ikun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli proċedurali, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati, tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter. Dan huwa, b'mod partikolari, il-każ f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-fatturi li jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping (ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

286 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet repetutament li l-istħarriġ, mill-Qorti Ġenerali, tal-provi li fuqhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jibbażaw il-konstatazzjonijiet tagħhom ma jikkostitwixxix evalwazzjoni ġdida tal-fatti li tissostitwixxi dik ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dan l-istħarriġ ma jinterferixxix fis-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tal-imsemmija istituzzjonijiet fil-qasam tal-politika kummerċjali, iżda sempliċement jirrileva jekk dawn l-elementi humiex ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet misluta minnhom. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali għandha mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data rilevanti kollha li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk dawn humiex ta' natura li jkunu ta' bażi għall-konklużjonijiet misluta minnhom (ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

287 Mill-kliem stess tal-Artikolu 3(3) tar-Regolament bażiku jirriżulta li l-metodu segwit sabiex jiġi ddeterminat eventwali twaqqigħ tal-prezzijiet għandu, bħala prinċipju, jintuża fil-livell tal-"prodott simili", fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-imsemmi regolament, anki jekk dan jista', bħal f'dan il-każ, ikun kompost minn tipi differenti ta' prodotti li jaqgħu taħt diversi segmenti tas-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 74). Għaldaqstant, ir-Regolament bażiku, bħala prinċipju, ma jobbligax lill-Kummissjoni twettaq analiżi tal-eżistenza tat-twaqqigħ tal-prezzijiet f'livell differenti minn dak tal-prodott simili (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 75).

288 L-istess interpretazzjoni tirriżulta wkoll mill-ftehim antidumping, li għalih jagħmlu riferiment ir-rikorrenti, peress li l-awtorità inkarigata mill-investigazzjoni antidumping ma hijiex obbligata, skont il-paragrafu 3.2 tal-Artikolu 3 tal-ftehim antidumping, tistabbilixxi l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezzijiet għal kull wieħed mit-tipi ta' prodotti koperti mill-investigazzjoni jew fir-rigward tal-firxa kollha tal-prodotti li jikkostitwixxu l-prodott nazzjonali simili (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 76).

289 Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-oġġettività tal-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, il-Kummissjoni tista', f'ċerti ċirkustanzi, tkun obbligata twettaq tali analiżi fil-livell tas-segmenti tas-suq tal-prodott inkwistjoni, anki jekk is-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li hija għandha sabiex tiddetermina, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' dannu testendi, tal-inqas, għad-deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-metodu ta' analiżi, għad-data u għall-provi li għandhom jinġabru, għall-metodu ta' kalkolu li għandu jintuża sabiex jiġi ddeterminat il-marġni ta' twaqqigħ tal-prezz kif ukoll għall-interpretazzjoni u għall-evalwazzjoni tad-data miġbura (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 78).

290 Dan jista' jkun il-każ f'sitwazzjoni kkaratterizzata mill-eżistenza ta' segmentazzjoni sinjifikattiva tas-suq tal-prodott inkwistjoni u mill-fatt li l-importazzjonijiet li huma s-suġġett tal-investigazzjoni antidumping kienu fil-parti kbira ferm tagħhom ikkonċentrati f'wieħed mis-segmenti tas-suq tal-prodott inkwistjoni, bil-kundizzjoni, iżda, li l-prodott simili fl-intier tiegħu jittieħed debitament inkunsiderazzjoni. Dan jista' jkun il-każ ukoll f'sitwazzjoni partikolari kkaratterizzata minn konċentrazzjoni qawwija ta' bejgħ intern u ta' importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping f'segmenti distinti kif ukoll minn differenzi fil-prezz kompletament sinjifikattivi bejn dawn is-segmenti. Fil-fatt, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tista' tkun meħtieġa tieħu inkunsiderazzjoni l-ishma tas-suq ta' kull tip ta' prodott u dawn id-differenzi fil-prezz sabiex tiggarantixxi n-natura oġġettiva tal-analiżi dwar l-eżistenza tat-twaqqigħ

tal-prezzijiet (ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 167 u l-ġurisprudenza ċċitata).

291 Fir-rigward tal-provi li fuqhom il-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha sabiex tikkonkludi li jeżisti dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku jirriżulta li hija obbligata tieħu inkunsiderazzjoni, fl-analiżi tagħha tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, il-provi pożittivi rilevanti kollha (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 77). Madankollu, ir-Regolament bażiku ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "provi pożittivi". Fid-dawl tat-tifsira letterali ta' dan il-kunċett, tal-kuntest tiegħu, li jinkludi b'mod partikolari r-rekwiżit ta' eżami oġġettiv previst fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament, u tal-għan tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu, jiġifieri li tiġi permessa l-impożizzjoni ta' dazju antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping, l-imsemmi kunċett jirreferi għal provi materjali li jistabbilixxu b'mod affermattiv, oġġettiv u verifikabbli r-realtà tal-indikaturi ta' dan id-dannu. Hija teskludi b'tali mod li sempliċi affermazzjonijiet, konġetturi jew kunsiderazzjonijiet aleatorji jistgħu jikkostitwixxu tali indikaturi (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 118).

292 Huwa fid-dawl ta' dan it-tfakkir u preċiżazzjonijiet li għandha tiġi eżaminata l-fondatezza tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li wettqet il-Kummissjoni billi bbażat ruħha fuq il-prodott simili fl-intier tiegħu għall-analiżi tad-dannu u billi ma eżaminatx lil dan tal-aħħar skont is-segmenti.

293 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, skont il-premessa 110 tar-Regolament ikkontestat, fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u tal-użi finali tagħhom, l-elementi tal-irbit kollha jitqiesu li jikkostitwixxu prodott wieħed għall-finijiet tal-proċedura inkwistjoni.

294 Mill-ġurisprudenza jirriżulta, minn naħa, li, għad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni diversi fatturi bħall-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodotti, l-użu tagħhom, l-interkambjabbiltà tagħhom, il-perċezzjoni li l-konsumaturi għandhom tagħhom, il-kanali ta' distribuzzjoni, il-proċess tal-manifattura, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-kwalità (sentenzi tat-13 ta' Settembru 2010, Whirlpool Europe vs Il-Kunsill, T-314/06, EU:T:2010:390, punt 138, u tas-17 ta' Diċembru 2010, EWRIA *et* vs Il-Kummissjoni, T-369/08, EU:T:2010:549, punt 82). Sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex prodotti differenti, jeħtieġ b'mod partikolari, li jiġi vverifikat, jekk dawn jikkondividux l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, l-istess użi finali fundamentali u l-istess relazzjoni bejn il-kwalità tagħhom u l-prezz tagħhom. F'dan ir-rigward, l-interkambjabbiltà u l-kompetizzjoni bejn dawn il-prodotti għandhom jiġu evalwati wkoll (sentenza tat-18 ta' April 2013, Steinel Vertrieb, C-595/11, EU:C:2013:251, punt 44).

295 Madankollu, fid-dawl tan-natura indikattiva tal-lista tal-kriterji indikati fil-punt 294 iktar 'il fuq, xejn ma jobbliga lill-Kummissjoni tiddetermina l-prodott ikkonċernat billi tagħmel użu mill-imsemmija kriterji kollha. Lanqas ma huwa indispensabbli li l-analiżi ta' kull wieħed mill-kriterji tkun tista' twassal għall-istess riżultat (ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2017, Yingli Energy (China) *et* vs Il-Kunsill, T-160/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:125, punt 114 u l-ġurisprudenza ċċitata).

296 Fil-fatt, ir-Regolament bażiku ma jippreċiżax kif għandu jiġi ddefinit il-prodott jew il-firxa ta' prodotti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni ta' dumping, u lanqas ma jeżiġi li ssir klassifikazzjoni kumplessa (sentenza tal-25 ta' Settembru 1997, Shanghai Bicycle vs Il-Kunsill, T-170/94, EU:T:1997:134, punt 61).

297 Minn dan isegwi li prodotti li ma humiex identiċi jistgħu jingħabru fl-istess definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u jkunu s-suġġett, flimkien, ta' investigazzjoni antidumping (sentenza tal-10 ta' Ottubru 2012, Gem-Year u Jinn-Well Auto-Parts (Zhejiang) vs Il-Kunsill, T-172/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:532, punt 60). Għalhekk, id-determinazzjoni ta' "prodotti simili" taqa' fil-kuntest tal-marġni ta' evalwazzjoni wiesa' li għandha l-Kummissjoni fl-analiżi ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi. L-eżami tal-fondatezza tal-inklużjoni ta' prodott speċifiku fil-lista tal-prodotti għandu jitwettaq fid-dawl tal-karatteristiċi tal-prodott ikkonċernat kif iddefinit mill-Kummissjoni u mhux fid-dawl ta' dawk tal-prodotti li jikkomponu l-prodott ikkonċernat jew tas-subkategoriji tiegħu (sentenza tat-18 ta' Novembru 2014, Photo USA Electronic Graphic vs Il-Kunsill, T-394/13, mhux ippubblikata, EU:T:2014:964, punt 30).

298 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jikkontestawx id-distinzjoni magħmula mill-Kummissjoni bejn l-elementi tal-irbit standard u mhux standard fir-rigward tal-konformità jew le ma' standard internazzjonali. Għalhekk, l-elementi tal-irbit huma kklassifikati bħala standard meta jkunu jissodisfaw standards internazzjonali speċifiċi, filwaqt li dawk li huma kklassifikati bħala mhux standard ma jkunux jikkorrispondu għal standard preċiż irrikonoxxut internazzjonalment. Fil-fatt, skont il-premessa 372 tar-Regolament ikkontestat, l-elementi tal-irbit standard huma dawk deskritti fid-dettall mill-istandards tal-industrija, bħal, pereżempju, l-istandards tad-Deutsches Institut für Normung (DIN), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) jew l-istandards Ewropej (EN) stabbiliti u aġġornati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Għall-kuntrarju, l-elementi tal-irbit mhux standard huma dawk li juru differenzi fl-istandards irrikonoxxuti mill-industrija u li spiss jikkonformaw mad-disinn jew mar-rekwiżiti ta' utent partikolari. Għalhekk, id-disinni tal-klijenti li jiddevjaw minn standard internazzjonali rrikonoxxut jikkostitwixxu elementi tal-irbit mhux standard. Bl-istess mod, l-elementi tal-irbit li huma prodotti fuq linji ta' produzzjoni standard jitqiesu bħala elementi tal-irbit mhux standard meta ma jkunux jikkonformaw għalkollox ma' standard speċifiku tal-industrija rrikonoxxut internazzjonalment.

299 Minn dan isegwi li dawn l-elementi jeżistu f'kategorija wiesgħa ta' setturi, li jużaw elementi tal-irbit ta' diversi tipi. Fil-fatt, id-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi element tal-irbit standard u mhux standard ma tiħux inkunsiderazzjoni l-kumplessità jew l-ispiża ta' produzzjoni tal-industriji kkonċernati jew tal-materja prima użata. Minn dan jirriżulta wkoll li l-istess oġġett, bħal għamara jew vettura, jista' jkun kompost kemm minn elementi tal-irbit standard kif ukoll minn elementi tal-irbit mhux standard.

300 Din l-analiżi ma hijiex invalidata mill-argumenti l-oħra tar-rikorrenti. Fil-fatt, ir-rikorrenti sostnew li l-elementi tal-irbit mhux standard kienu intiżi b'mod partikolari għall-industriji fejn is-sigurtà kienet iktar importanti, filwaqt li l-elementi standard kienu prinċipalment użati f'oqsma bħall-kostruzzjoni. Issa, ebda prova ma ġiet prodotta fir-rigward ta' din id-distinzjoni magħmula mir-rikorrenti, b'tali mod li huwa possibbli li jiġi kkonstatat li kull tip ta' element tal-irbit kienet intiża esklużivament għal industrija partikolari waħda jew oħra. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pproduċew ebda prova li turi li l-elementi tal-irbit standard u mhux standard ma kinux f'kompetizzjoni ma' xulxin.

301 Il-Kummissjoni għaqqdet l-elementi tal-irbit standard u mhux standard fi ħdan l-istess kategorija minħabba li kellhom jissodisfaw l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li dawn il-fatturi jinsabu fost dawk irrikonoxxuti mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 294 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-preċiżazzjonijiet magħmula fil-punt 298 iktar 'il fuq, il-proċess ta' manifattura jew ta' distribuzzjoni tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard jistgħu jikkoinċidu ma' xulxin. Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat fil-premessa 402 tar-Regolament ikkontestat li l-investigazzjoni kienet żvelat ukoll koinċidenza bejn l-applikazzjonijiet u tal-użi finali taż-żewġ tipi ta' elementi tal-irbit.

302 Issa, ir-rikorrenti baqgħu ma pproduċewx provi suffiċjenti sabiex iċaħħdu mill-plawżibbiltà l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fir-Regolament ikkontestat dwar id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Konsegwentement, l-approċċ tal-Kummissjoni huwa konformi mal-ġurisprudenza li rrikonoxxiet li l-appartenenza ta' prodotti għal firxiet differenti ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita, fiha nnifisha, l-assenza ta' interkambjabbiltà tagħhom u għalhekk l-opportunità li titwettaq analiżi segment b'segment, peress li prodotti li jappartjenu għal firxiet distinti jista' jkollhom funzjonijiet identiċi jew jissodisfaw l-istess bżonnijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 383 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li għalkemm id-differenza fil-prezzijiet bejn id-diversi segmenti tas-suq hija spjegata minn użu differenti tal-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, din id-differenza fil-prezz hija fi kwalunkwe każ meħuda inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezzijiet skont il-metodu tan-NKP, b'tali mod li ma huwiex neċessarju li ssir analiżi tad-dannu segment b'segment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punti 112 sa 114).

303 Għaldaqstant, il-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tqis li l-elementi tal-irbit standard u mhux standard kienu prodotti simili.

304 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li, l-ewwel nett, il-Kummissjoni ppreċiżat fil-premessa 402 tar-Regolament ikkontestat li l-investigazzjoni kienet żvelat li l-industrija tal-Unjoni kienet tipproduċi u tbiegħ elementi tal-irbit standard u mhux standard u li l-produtturi esportaturi kienu jesportaw elementi standard u mhux standard lejn l-Unjoni. It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonstatat li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kienu jikkompetu mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni għall-istess użi u applikazzjonijiet. It-tielet nett, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq evidenza fil-fajl li kienet uriet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi kellhom il-kapaċità li jipproduċu u jesportaw elementi tal-irbit mhux standard, minkejja li dawk inklużi fil-kampjun kienu jesportaw ftit elementi mhux standard. Fil-fatt, it-tipi tal-prodotti importati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu jikkorrispondu sa iktar minn 90 % mat-tipi tal-prodotti mmanifatturati u mibjugħin mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u kienu jinkludu paragun tal-prezzijiet tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard li wrew b'mod invarjabbli twaqqigħ tal-prezz sinjifikattiv tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi. Ir-raba' nett, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi kollha tal-Unjoni, inklużi dawk li jipproduċu elementi tal-irbit mhux standard, irrispettivament mill-assortiment ta' prodotti, urew xejra 'l isfel fil-volum tal-produzzjoni u l-bejgħ u l-marġnijiet ta' profitt u li dan wera li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kellhom effetti negattivi fuq il-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-ħames nett, il-Kummissjoni rrilevat li l-fajl kien jinkludi elementi li juru li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jespandu l-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom tal-elementi tal-irbit standard minħabba l-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet miċ-Ċina fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Is-sitt nett, id-deterjorament tal-indikaturi makroekonomiċi tad-dannu, b'mod parallel maż-żieda

fl-importazzjonijiet miċ-Ċina, kif ukoll ix-xejra ’l isfel tal-indikaturi mikroekonomiċi tal-produtturi kollha tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, urew li kien hemm kompetizzjoni fis-suq bejn l-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-livell tal-prodott simili.

305 Il-Qorti Ġenerali talbet lill-Kummissjoni tippreċiża liema kienu l-elementi tal-fajl li kienu ppermettewlha tikkonstata l-kapaċità tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li jesportaw elementi tal-irbit mhux standard lejn l-Unjoni, sa fejn ir-rikorrenti kienu kkontestaw din l-affermazzjoni.

306 F’dan ir-rigward, qabel kollox, il-Kummissjoni spjegat li, matul l-investigazzjoni, numru sinjifikattiv ta’ importaturi u produtturi esportaturi Ċiniżi, fosthom membru kkonċernat wieħed taċ-CCCME u wieħed mill-persuni ġuridiċi li isimhom jidher fl-anness, kienu talbu li jiġu eskużi mill-investigazzjoni billi sostnew li l-elementi tal-irbit li huma kienu jipproduċu kellhom karatteristiċi speċjali f’aspetti bħall-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tagħhom, l-użu tagħhom, l-interkambjabbiltà tagħhom, il-proċess ta’ produzzjoni tagħhom, il-prezz tagħhom u l-proċess ta’ ċertifikazzjoni tagħhom u kienu intiżi għal użu differenti minn dak tal-elementi tal-irbit standard. Il-Kummissjoni pproduċiet ukoll il-prova tal-imsemmija talbiet, li kienu juru r-rabta mill-qrib bejn iż-żewġ segmenti kkonċernati.

307 Għalhekk, mill-Anness E.1 tat-tweġibiet bil-miktub tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li żewġ importaturi distributuri tal-Unjoni kienu talbu l-esklużjoni tal-viti għall-injam mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni, billi affermaw li 40 % sa 60 % tat-total tal-importazzjonijiet tal-viti għall-injam fl-Unjoni kienu ġejjin miċ-Ċina. Huma sostnew li l-viti għall-injam tal-ħadid jew tal-azzar minbarra dawk tal-azzar inossidabbli kellhom jiġu eskużi mill-investigazzjoni, abbażi tal-kriterji ċċitati fil-punt 294 iktar ’il fuq, billi sostnew ukoll li dawn il-prodotti kienu jeħtieġu ċertifikazzjoni addizzjonali sabiex jinbiegħu fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, skont id-definizzjoni adottata mill-Kummissjoni, il-viti għall-injam importati miċ-Ċina minn dawn iż-żewġ importaturi distributuri ma humiex elementi tal-irbit standard sa fejn l-imsemmija viti ma jikkonformawx mal-istandards internazzjonali. Bl-istess mod, żewġ produtturi Ċiniżi sostnew li kienu jesportaw viti għall-strutturi tal-injam li kienu elementi tal-irbit mhux standard, immanifatturati apposta, filwaqt li membru kkonċernat taċ-CCCME talab ukoll li l-viti confirmat (jew self-drive dowels) jiġu eskużi mid-definizzjoni tal-prodott minħabba l-użi finali speċifiċi tagħhom.

308 Sussegwentement, l-Anness E.6 prodott mill-Kummissjoni jippreżenta l-pożizzjoni tal-intervenjenti li kienet ikkonstatat li ħafna prodotti esportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu ġew ikklassifikati b’mod żbaljat fil-kategorija tal-elementi tal-irbit standard u li, fir-realtà, l-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit mhux standard kienu ħafna iktar matul il-perijodu ta’ investigazzjoni. Għalhekk, minn naħa, l-intervenjenti qieset li, ċerti elementi tal-irbit mhux standard kienu ġew ikklassifikati b’mod żbaljat bħala elementi standard fit-tweġibiet għall-kwestjonarju pprovduti mill-EFDA, li kienet użat kriterji oħra minbarra dawk tal-kwestjonarju tal-Kummissjoni dwar dak li kien jiddistingwi l-elementi tal-irbit standard u dawk mhux standard. Min-naħa l-oħra, it-tweġibiet għall-imsemmi kwestjonarju jinjoraw li elementi tal-irbit standard importati fl-Unjoni jeħtieġu proċedura ta’ ċertifikazzjoni addizzjonali qabel il-kunsinna tal-prodotti lill-manifatturi ta’ tagħmir oriġinali. It-tweġibiet tal-EFDA annessi mill-intervenjenti mal-ittra tagħha jikkonfermaw dawn l-allegazzjonijiet.

309 Fl-aħħar nett, mill-provi prodotti mill-Kummissjoni jirriżulta wkoll li tnejn mit-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni elementi tal-irbit mhux standard matul il-perijodu ta’ investigazzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti rrikonoxxew li l-produtturi tal-Unjoni u l-produtturi Ċiniżi kienu jipproduċu kemm elementi tal-irbit standard kif ukoll mhux

standard. Madankollu, ir-rikorrenti allegaw li din l-osservazzjoni ma kinitx rilevanti u li l-Kummissjoni kellha teżamina jekk l-industrija tal-Unjoni u l-produtturi esportaturi Ċiniżi kinux ikkonċentrati b'mod ugwali fuq iż-żewġ segmenti, jew jekk segment wieħed kienx iktar probabbli li jkun affettwat minn oħrajn.

310 Issa, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 289 u 290 iktar 'il fuq jirriżulta b'mod ċar li l-Kummissjoni hija obbligata twettaq analiżi segment b'segment tad-dannu biss meta provi juru segmentazzjoni partikolarment serja tal-importazzjonijiet ikkonċernati, bil-kundizzjoni, madankollu, li l-prodott simili kollu kemm hu jittieħed debitament inkunsiderazzjoni (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 80).

311 Fi kwalunkwe każ, tali segmentazzjoni partikolarment ikkaratterizzata ma tirriżultax mill-provi prodotti mill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali.

312 Fil-fatt, minn naħa, ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti li l-produtturi tal-Unjoni u b'mod partikolari dawk inklużi fil-kampjun jipproduċu kemm elementi tal-irbit standard kif ukoll elementi tal-irbit mhux standard. Skont l-investigazzjoni tal-Kummissjoni, din il-produzzjoni seħħet fl-istess siti ta' produzzjoni. Minn dan isegwi li l-importazzjonijiet Ċiniżi ta' elementi tal-irbit jistgħu jikkompetu mal-produzzjoni mill-industrija tal-Unjoni tal-elementi tal-irbit kollha.

313 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti sostnew li l-fatt li l-elementi tal-irbit importati kienu jikkorrispondu għal 90 % għall-elementi tal-irbit prodotti mill-industrija tal-Unjoni kien irrilevanti sa fejn il-Kummissjoni kellha teżamina jekk il-bejgħ tal-Unjoni, u mhux l-importazzjonijiet Ċiniżi, kienx is-suġġett ta' twaqqigħ tal-prezz sabiex jiġi evalwat id-dannu. Issa, tali argument ma huwiex sostnut b'mod ċar mill-ġurisprudenza rilevanti. Fil-fatt, minn qari flimkien tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku jirriżulta li d-dannu għandu jiġi evalwat mar-"rilaxx [...] għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni" tal-prodott li huwa s-suġġett ta' dumping. Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezzijiet għandu, bħala prinċipju, isir fil-livell tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Hansol Paper, C-260/20 P, EU:C:2022:370, punt 102).

314 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq il-kapaċità tal-produtturi esportaturi Ċiniżi li jesportaw lejn l-Unjoni elementi tal-irbit mhux standard fuq provi pożittivi, li juru barra minn hekk l-interferenza bejn iż-żewġ segmenti tas-suq.

315 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni sabet ruħha mġiegħla tkabbar il-kampjun ta' produtturi tal-Unjoni sitt xhur wara l-ftuħ tal-investigazzjoni minħabba l-fatt li l-produtturi inklużi fil-kampjun inizjalment ma kinux jipproduċu jew ma kinux ibiegħu biżżejjed elementi tal-irbit standard, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punti 6 u 7 iktar 'il fuq, il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kellu jiġi rrivedut minħabba nuqqas ta' informazzjoni minn dawk inizjalment magħżula. Din l-informazzjoni kienet tinsab fil-fajl tal-każ mhux kunfidenzjali.

316 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni osservat ir-rekwiżiti tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku f'dak li jirrigwarda t-teħid ta' kampjuni, li jipprevedi li, fil-każijiet fejn in-numru ta' lanjanti, ta' esportaturi jew ta' importaturi, ta' tipi ta' prodotti jew ta' tranżazzjonijiet ikun kbir, l-investigazzjoni tista' tiġi limitata għal numru raġonevoli ta' partijiet,

ta' prodotti jew ta' tranżazzjonijiet bl-użu ta' kampjuni li huma statistikament validi abbażi tal-informazzjoni disponibbli fil-mument tal-għażla, jew l-ikbar volum ta' produzzjoni, ta' bejgħ jew ta' esportazzjonijiet li l-investigazzjoni tista' tkopri b'teħid inkunsiderazzjoni taż-żmien disponibbli.

317 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-għażla finali tal-kampjun hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni, li fir-rigward tiegħu hija għandha setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa (ara s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 293 u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni f'dan ir-rigward huwa limitat skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 285 iktar 'il fuq.

318 F'tali kuntest, huma r-rikorrenti, skont il-ġurisprudenza, li għandhom jipproduċu l-provi li jippermettu lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kummissjoni, minħabba l-kompożizzjoni tal-kampjun tal-industrija tal-Unjoni magħżul, wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kunsiderazzjoni tad-dannu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 295 u l-ġurisprudenza ċċitata).

319 Issa, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma pproduċew provi intiżi sabiex jiġi kkonstatat żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-għażla tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u sabiex juru li l-Kummissjoni ma kinitx osservat ir-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament bażiku jew mill-ġurisprudenza f'dan ir-rigward.

320 Barra minn hekk, jekk produttur tal-Unjoni inizjalment magħżul ma jkunx jista' jew ma jkunx jixtieq jipparteċipa fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni, din tal-aħħar ma għandha l-ebda setgħa ta' investigazzjoni li tippermettilha tobbligah jipparteċipa fl-investigazzjoni jew jipproduċi informazzjoni skont ir-Regolament bażiku (ara s-sentenza tal-20 ta' Mejju 2015, Yuanping Changyuan Chemicals vs Il-Kunsill, T-310/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:295, punt 152 u l-ġurisprudenza ċċitata).

321 Madankollu, għalkemm il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kien jinkludi fl-aħħar nett iktar produtturi ta' elementi tal-irbit standard milli fil-kostituzzjoni inizjali tiegħu, għandu jiġi kkonstatat li dan kien, għaldaqstant, iktar rappreżentattiv taż-żewġ segmenti tas-suq tal-elementi tal-irbit. Fil-fatt, il-Kummissjoni spjegat li, peress li tnejn mis-sitt produtturi tal-Unjoni inizjalment magħżula kienu waqfu jikkooperaw, hija kienet obbligata, sabiex tiżgura r-rappreżentattività tal-kampjun li kien fadal, inkluż fil-livell tal-firxa ta' prodotti, li tagħżel żewġ produtturi ġodda. Għaldaqstant, din iċ-ċirkustanza ma tistax tikkostitwixxi l-prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-analiżi tal-eżistenza ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni.

322 Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma pproduċew ebda prova li tippermetti lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kummissjoni kienet immanipulat il-kompożizzjoni tal-kampjun tal-industrija tal-Unjoni magħżul, b'tali mod li dan kien inqas rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

323 Konsegwentement, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-emenda tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni matul il-proċedura turi produzzjoni insuffiċjenti ta' elementi tal-irbit standard mill-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi għandha tiġi miċħuda.

324 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti dwar il-korrispondenza dgħajfa tan-NKP, għandu jitfakkar li n-NKP huma kodiċijiet alfanumeriċi użati fl-investigazzjonijiet antidumping sabiex tiġi stabbilita korrispondenza bejn it-tipi ta' prodotti. Matul l-investigazzjoni, l-intrapriżi kkuntattjati jintalbu jikklassifikaw il-prodotti tagħhom f'kategoriji li jikkorrispondu għal dawn il-kodiċi. Ma' dawn tal-aħħar huma marbuta karatteristiċi speċifiċi tal-prodott li tqiesu rilevanti, minħabba li influwenzaw l-ispiża tal-produzzjoni jew l-ispiża tal-bejgħ.

325 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li meta l-prodott ikkonċernat ikun fih firxa wiesgħa ta' oġġetti, jista' jirriżulta indispensabbli li dawn jinġabru taħt kategoriji ftit jew wisq omoġenji, sabiex ikun jista' jsir paragun ekwu bejn prodotti paragunabbli u b'hekk jiġi evitat kalkolu żbaljat tad-dannu minħabba paraguni inadegwati (sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punti 550 u 551).

326 Għalhekk, l-analiżi tad-dannu skont metodu NKP b'NKP hija meqjusa bħala adegwata, b'mod partikolari meta dawn ikunu prodotti kumplessi, li l-mudelli tagħhom ikollhom karatteristiċi tekniċi differenti u prezzijiet li jistgħu jvarjaw b'mod sinjifikattiv (ara s-sentenza tat-22 ta' Settembru 2021, Severstal vs Il-Kummissjoni, T-753/16, mhux ippubblikata, EU:T:2021:612, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

327 Jekk huma jkollhom l-intenzjoni li jikkontestaw b'mod effettiv l-approċċ tal-Kummissjoni f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom juru li l-kodifikazzjoni proposta mill-Kummissjoni kienet manifestament inadegwata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 552).

328 Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jagħmlux tali allegazzjoni. Għall-kuntrarju, huma jsostnu li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx korrispondenza għal 138 minn 267 min-NKP tal-produtturi inklużi fil-kampjun.

329 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni spjegat li, f'dan il-każ, kull NKP fir-realtà kellu sensiela ta' sitt karatteristiċi, li kienu jinkludu n-natura standard jew mhux standard, iżda wkoll karatteristiċi oħra bħar-reżistenza, id-dijametru, it-tul jew il-kisi. Għalhekk, tip ta' prodott jikkonsisti f'taħlita ta' karatteristiċi u jkun hemm korrispondenza biss meta l-karatteristiċi kollha tat-tip ta' prodott immanifatturat mill-industrija tal-Unjoni jikkorrispondu għat-tip ta' prodott esportat. Għalhekk, l-allegazzjoni tar-rikorrenti bbażata fuq korrispondenza ta' 24 % tikkonċerna biss it-tranżazzjonijiet korrispondenti għall-kombinazzjoni sħiħa ta' karatteristiċi. Madankollu, li kieku kellha tittieħed inkunsiderazzjoni biss il-karatteristika li tirrigwarda n-natura standard jew mhux standard ta' elementi tal-irbit, il-korrispondenza tkun ta' 44 % peress li 44 % tal-bejgħ inkluż fil-kampjun huwa bejgħ ta' elementi tal-irbit standard.

330 Fil-fatt, il-Kummissjoni ġustament sostniet li l-fatt li l-industrija tal-Unjoni kienet tbiegħ ukoll tipi oħra ta' prodotti li ma jikkorrispondux mal-esportazzjonijiet ta' produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun ma jinvalidax il-konklużjoni ta' kompetizzjoni bejn il-prodott importat u l-prodott immanifatturat fit-territorju tal-Unjoni, iżda kien biss il-konsegwenza tal-għażla tal-metodu NKP u tal-użu tat-teħid ta' kampjuni, li barra minn hekk ma huwiex ikkontestat f'dan il-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 144).

331 Fi kwalunkwe każ, mit-tabelli ta' korrelazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni jirriżulta b'mod ċar li l-perċentwali ta' 90 % ta' korrispondenza abbażi tal-metodu NKP hija pprovata.

332 Minn dan isegwi li l-oġġezzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezz għal parti żgħira tal-bejgħ tal-Unjoni biss, li twassal, essenzjalment, għall-kontestazzjoni tal-possibbiltà li l-Kummissjoni tibbaża fuq kampjuni rappreżentattivi, għandha tiġi miċħuda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 412).

333 Dan huwa kkorroborat mill-fatt li l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, li għandu jitwettaq sabiex jiġi ddeterminat dannu, ma jinvolvix paragun tal-bejgħ tal-istess impriża, iżda jinvolvi paragun ta' diversi impriżi, jiġifieri l-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u l-impriżi li jagħmlu parti mill-industrija tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Issa, paragun tal-bejgħ ta' dawn l-impriża ħafna drabi jkun iktar diffiċli fil-kuntest tal-analiżi ta' twaqqigħ tal-prezzijiet milli fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-marġni ta' dumping peress li l-firxa tat-tipi ta' prodotti mibjugħa minn dawn id-diversi impriżi x'aktarx tikkoinċidi biss parzjalment (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 195).

334 Tali riskju li ċerti tipi ta' prodotti ma jkunux jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-analiżi ta' twaqqigħ tal-prezzijiet minħabba d-differenza fil-firxa tal-prodotti mibjugħa minn dawn id-diversi impriżi jkun saħansitra ogħla meta n-NKP ikunu iktar iddettaljati. Fil-fatt, għalkemm granularità ikbar tan-NKP għandha l-vantaġġ li jiġu pparagunati tipi ta' prodotti li jkollhom iktar karatteristiċi fiżiċi u tekniċi komuni, dan għandu, għall-kuntrarju, l-iżvantaġġ li jżid il-possibbiltà li ċerti tipi ta' prodotti mibjugħa minn uħud mill-kumpanniji kkonċernati ma jkollhomx ekwivalenti u għalhekk la jkunu jistgħu jiġu pparagunati u lanqas ma jkunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni f'din l-analiżi (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 196).

335 Għalhekk, l-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tagħha fir-rigward tal-għażla tal-metodu li għandu jiġi segwit għall-analiżi ta' twaqqigħ tal-prezzijiet jista' jkollu bħala konsegwenza inevitabbli, kif huwa l-każ tal-metodu NKP, li ċerti tipi ta' prodotti ma jkunux jistgħu jiġu pparagunati u, għaldaqstant, ma jittieħdux inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-imsemmija analiżi. L-eżerċizzju ta' din is-setgħa ta' evalwazzjoni huwa madankollu llimitat mill-obbligu, impost fuq il-Kummissjoni mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, li twettaq eżami oġġettiv tal-effetti tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 197).

336 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma pproduċewx il-prova ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-użu tal-metodu tan-NKP sabiex turi l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezzijiet li jikkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni.

337 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kellha tanalizza separatament id-dannu għat-tliet segmenti tal-viti, tal-boltijiet u tal-woxers, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment ma huwiex suffiċjentement issostanzjat, peress li l-argument tar-rikorrenti huwa essenzjalment ibbażat fuq il-fatt li dawn huma prodotti differenti ħafna li

jappartjenu għal segmenti distinti. Issa, lil hinn mill-allegazzjoni tagħhom dwar id-differenza bejn il-viti, il-boltijiet u l-woxers li jeħtieġu analiżi ssegmentata tad-dannu, ir-rikorrenti ma pproduċew ebda prova intiża sabiex jiġi kkonstatat żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

338 Għalhekk, peress li ma hijiex sostnuta minn provi konkreti, tali allegazzjoni ma hijiex suffiċjenti sabiex tinvalida d-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-investigazzjoni mill-Kummissjoni jew l-analiżi tad-dannu għal dawn l-elementi tal-irbit kollha.

339 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

340 Minn dan isegwi li l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li allegatament wettqet il-Kummissjoni meta rrifjutat li tanalizza l-eventwali dannu tal-importazzjonijiet Ċiniżi ta' elementi tal-irbit segment b' segment ma humiex fondati.

341 Għaldaqstant, għar-raġunijiet preċedenti kollha, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

6. Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 3(2) u (3) u tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku

342 Permezz tas-sitt motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-perċentwali żgħira tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezz ma jistax jippermetti li jiġi konkluż b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm huma twaqqgħu. Huma jenfasizzaw, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni stabbilixxiet l-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezz biss għal inqas minn 24 % tal-produzzjoni tal-produtturi inklużi fil-kampjun u li l-perċentwali żgħira tal-bejgħ tal-produtturi kkunsidrati ma jistax jikkostitwixxi "evidenza pożittiva" fis-sens tal-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament bażiku, iktar u iktar peress li l-kampjun tal-Unjoni kkunsidrat mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss 9.5 % tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-konstatazzjoni li 2.3 % tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien is-suġġett ta' twaqqigħ tal-prezz, li ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit twaqqigħ tal-prezzijiet u ma jippermettix, barra minn hekk, li tingħata stampa suffiċjentement preċiża tal-ammont tad-dazju li huwa adegwat sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, bi ksur tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku.

343 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

344 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-Regolament bażiku ma jinkludix definizzjoni tal-kunċett ta' twaqqigħ tal-prezz u ma jipprevedix metodu għall-kalkolu ta' dan tal-aħħar.

345 L-istess japplika fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tal-marġni ta' dannu użat sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx lok li jiġi ffissat, skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, li għalih jirreferu r-rikorrenti, dazju antidumping inqas mill-marġni ta' dumping suffiċjenti sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni (digriet tas-17 ta' Frar 2023, Hansol Paper vs Il-Kummissjoni, T-693/20, mhux ippubblikat, EU:T:2023:83, punt 30).

346 Il-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet jitwettaq, skont l-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament bażiku, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni minħabba dawn l-importazzjonijiet u jintuża, b'mod iktar wiesa',

bl-għan li jiġi evalwat dan id-dannu u li jiġi ddeterminat il-marġni ta' dannu, jiġifieri l-livell ta' eliminazzjoni tal-imsemmi dannu (sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni, T-301/16, EU:T:2019:234, punt 176).

347 Barra minn hekk, peress li l-eżami tal-eżistenza ta' twaqqigħ tal-prezzijiet huwa kwistjoni ekonomikament kumplessa li għaliha r-Regolament bażiku ma jimponi ebda metodu partikolari, il-Kummissjoni tgawdi minn setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa f'dan ir-rigward (sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni vs Hansol Paper, C-260/20 P, EU:C:2022:370, punt 99).

348 Ir-rikorrenti jallegaw li kienu f'pożizzjoni li jikkalkolaw il-volumi tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u kkonkludew li t-twaqqigħ tal-prezzijiet kien ġie stabbilit għal inqas minn 24 % tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni. Dan il-perċentwali huwa kkontestat mill-Kummissjoni, li spjegat li, bi tqabbil tal-bejgħ korrispondenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mal-bejgħ totali tal-produtturi tal-Unjoni, dan il-perċentwali kien ta' 31.6 %.

349 Fil-fatt, mill-atti tal-proċess jirriżulta li l-perċentwali ta' 24 % imsemmi mir-rikorrenti jikkonċerna biss it-tranżazzjonijiet korrispondenti tal-metodu NKP għall-kombinazzjoni sħiħa tal-karatteristiċi bejn l-elementi tal-irbit standard u mhux standard, ir-reżistenza, id-dijametru, it-tul u l-kisi. Issa, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 287 iktar 'il fuq, l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz għandha bħala prinċipju titwettaq biss fil-livell tal-prodott simili.

350 Għaldaqstant, il-perċentwali ta' 24 % li jinvokaw ir-rikorrenti ma hijiex fondata.

351 Fi kwalunkwe każ, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li t-twaqqigħ tal-prezz ġie stabbilit biss għal perċentwali żgħir ħafna tal-produtturi tal-Unjoni, jiġifieri 2.3 % minnhom, hija żbaljata. Fil-fatt, qabelxejn, hija bbażata fuq il-premessa infondata li ebda produttur tal-Unjoni ieħor minbarra dawk inklużi fil-kampjun ma jipproduċi tipi ta' prodotti korrispondenti, mingħajr ma r-rikorrenti jipproduċu xi prova f'dan ir-rigward.

352 Sussegwentement, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza, il-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament bażiku la tindika u lanqas tissuġġerixxi li l-analiżi tal-effett tal-importazzjonijiet suġġetti għal dumping fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni għandha, f'kull ċirkustanza, tieħu inkunsiderazzjoni l-bejgħ kollu ta' din l-industrija. Għall-kuntrarju, hija tindika li dawn id-dispożizzjonijiet ma jimponux fuq il-Kummissjoni li, fl-analiżi tal-effett tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, neċessarjament tieħu inkunsiderazzjoni il-bejgħ kollu tal-prodott simili mill-industrija tal-Unjoni (sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punti 152 u 153).

353 Għalhekk, l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni kienet ibbażata fuq data li għandha titqies li hija rappreżentattiva, fis-sens tar-Regolament bażiku, bil-konsegwenza li, peress li ġie kkonstatat għall-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, it-twaqqigħ tal-prezzijiet għandu jitqies li huwa rappreżentattiv għall-industrija kollha tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 411).

354 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, tibbaża l-konklużjonijiet tagħha dwar l-eżistenza ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni minħabba d-dumping tal-importazzjonijiet eżaminati fuq parti mill-bejgħ ta' kampjun rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

355 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni bbażat l-analiżi tal-eżistenza ta' dannu fuq perċentwali żgħir ħafna ta' twaqqigħ tal-prezz għandu jiġi miċħud.

356 Minn dan isegwi li s-sitt motiv ma huwiex fondat u għandu jiġi miċħud.

7. Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 3(2), (3) u (6) u tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku

357 Permezz tas-seba' motiv tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw l-analiżi tal-effetti fuq il-prezzijiet u d-determinazzjoni tal-marġni tad-dannu, peress li l-Kummissjoni ma wettqitx paragun ekwu tal-prezzijiet. Għalhekk, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma ċċaratx f'liema stadju kummerċjali kien twettaq il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u huma jallegaw li l-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet ta' bejgħ tal-produtturi esportaturi Ċiniżi lid-distributuri mal-prezzijiet ta' bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lill-utenti finali, bi ksur tal-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament bażiku. Sa fejn ir-Regolament ikkontestat huwa bbażat ħafna fuq il-livell ta' twaqqigħ tal-prezzijiet ikkonstatat sabiex id-dannu jintrabat mal-importazzjonijiet Ċiniżi u, għaldaqstant, jikkonkludi li teżisti rabta kawżali, ir-rikorrenti jsostnu wkoll ksur tal-Artikolu 3(6) tal-imsemmi regolament.

358 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

359 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li r-Regolament bażiku ma jimponix metodu partikolari fuq il-Kummissjoni għall-paragun tal-prezzijiet.

360 Madankollu, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex tiġi ggarantita n-natura ekwa ta' dan il-paragun, il-prezzijiet għandhom jiġu pparagunati fl-istess stadju kummerċjali. Minn dan isegwi li paragun imwettaq bejn prezzijiet miksuba fi stadji kummerċjali differenti, jiġifieri mingħajr ma jiġu inklużi l-ispejjeż kollha marbuta mal-istadju kummerċjali li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, ser jagħti neċessarjament lok għal riżultati artifiċjali li ma jippermettux li ssir evalwazzjoni korretta tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Tali paragun ekwu jikkostitwixxi kundizzjoni għal-legalità tal-kalkolu tad-dannu lil din l-industrija (ara s-sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni, T-300/16, EU:T:2019:235, punt 239 u l-ġurisprudenza ċċitata).

361 Għalhekk, minn naħa, l-obbligu li l-prezzijiet jiġu pparagunati fl-istess stadju kummerċjali huwa impost indipendentement min-numru ta' produtturi esportaturi li kkooperaw u, min-naħa l-oħra, dan japplika indipendentement mill-volumi ta' bejgħ relatat jew indipendenti fil-kuntest tal-investigazzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2022, CRIA u CCCMC vs Il-Kummissjoni, T-30/19 u T-72/19, EU:T:2022:266, punt 149).

362 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li l-qorti tal-Unjoni ddeċidiet li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-prezzijiet ta' bejgħ lil klijenti indipendenti kien jippermetti li jiġi ddeterminat il-marġni tal-eventwali dannu, sa fejn l-imsemmija prezzijiet kienu determinanti fl-għażla tal-klijent li jixtri l-prodotti tal-industrija tal-Unjoni jew il-prodotti tal-produtturi esportaturi Ċiniżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2019, Jindal Saw u Jindal Saw Italia vs Il-Kummissjoni, T-300/16, EU:T:2019:235, punt 251). Għaldaqstant, għall-paragun tal-prezzijiet għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-marġni tad-dannu, il-Kummissjoni kienet obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż kollha marbuta ma' bejgħ fi stadju kummerċjali partikolari u li tipproċedi, jekk ikun il-każ, għall-aġġustamenti neċessarji tad-data għad-dispożizzjoni tagħha.

363 F'dan il-każ, il-Kummissjoni spjegat fil-premessa 364 tar-Regolament ikkontestat li hija kienet iddeterminat it-twaqqigħ tal-prezzijiet matul il-perijodu ta' investigazzjoni billi qabblet, minn naħa, il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati, għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, applikati lill-klijenti indipendenti fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għall-kundizzjonijiet "ex works", u, min-naħa l-oħra, il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodotti importati mibjugħa mill-produtturi Ċiniżi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF u debitament aġġustati sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dazji doganali u l-ispejjeż imġarrba wara l-importazzjoni. Fil-premessa 365 tar-Regolament ikkontestat huwa ppreċiżat li l-paragun wera marġni medju ponderat ta' twaqqigħ tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni li jvarja minn 28 % sa 46 %.

364 Fl-ewwel lok, qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li l-partijiet jaqblu fuq il-fatt li t-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u li l-bejgħ imwettaq minnhom intuża għall-finijiet tal-paragun kienu jesportaw direttament lil distributuri indipendenti fl-Unjoni.

365 Sussegwentement, għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni għamlet distinzjoni, għall-finijiet ta' dan il-paragun, bejn l-elementi tal-irbit standard u dawk mhux standard. Għall-prodott ikkonċernat kollu, il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti indipendenti kien jirrappreżenta 51 % tal-bejgħ totali, filwaqt li l-perċentwali kien ta' 84 % għall-elementi tal-irbit standard. Il-Kummissjoni spjegat li d-distinzjoni fil-livell tal-perċentwali ta' komparabbiltà tal-prezzijiet tal-elementi tal-irbit standard u dawk mhux standard tirriżulta naturalment mill-metodu NKP.

366 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni spjegat li l-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lill-"klijenti indipendenti" li kien ittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, li hija tirreferi għalih fil-premessa 364 tar-Regolament ikkontestat, kien jikkonċerna kemm bejgħ lil distributuri indipendenti kif ukoll lil utenti finali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreċiżat waqt is-seduta, mingħajr ma r-rikorrenti rnexxilhom jikkontradixxuha, li d-differenzi kkonstatati bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lid-distributuri indipendenti u lill-utenti finali kienu minimi, b'tali mod li ebda aġġustament ma tqies bħala neċessarju.

367 Fit-tieni lok, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jikkontestawx l-aġġustamenti li saru mill-Kummissjoni sabiex tiżgura paragun ekwu tal-prezzijiet bejn il-bejgħ tal-produtturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun u l-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, kif ippreċiżat il-Kummissjoni waqt is-seduta, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda talba għal aġġustament kwantifikabbli matul l-investigazzjoni.

368 Ir-rikorrenti kkontestaw din l-allegazzjoni tal-Kummissjoni matul is-seduta. F'dan ir-rigward, jirriżulta, l-ewwel nett, mill-osservazzjonijiet taċ-CCCME dwar il-konklużjonijiet definittivi tas-6 ta' Diċembru 2021 u mill-premessa 377 tar-Regolament ikkontestat li hija kienet sostniet li kellhom isiru aġġustamenti sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż tal-kontroll tal-kwalità u tal-ġestjoni tad-dokumenti waqt il-kalkolu tal-marġni ta' twaqqigħ tal-prezz. Għalhekk, hija sostniet li l-industrija tal-Unjoni kienet suġġetta għal rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni speċifiċi li ma kinux imposti fuq il-produtturi esportaturi Ċiniżi. Madankollu, dan l-argument fi kwalunkwe każ ma huwiex rilevanti sa fejn dan bl-ebda mod ma tqajjem mir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom.

369 It-tieni nett, mill-premessi 376 u 381 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta wkoll li ċ-CCCME kienet allegat matul l-investigazzjoni li l-parti l-kbira tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien sar permezz ta' distributuri relatati u li l-aġġustamenti meħtieġa kellhom għalhekk isiru sabiex

jittieħdu inkunsiderazzjoni differenzi f'dak li jirrigwarda l-istadju kummerċjali. Madankollu, mill-premessa 381 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li din l-allegazzjoni ma kienet ibbażata fuq ebda informazzjoni inkluża fil-fajl, u lanqas ma kienet issostanzjata bl-ebda prova. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tippreċiża wkoll li l-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li ġie kkunsidrat fil-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz kien sar lil klijenti indipendenti fl-Unjoni.

370 Mill-osservazzjonijiet tal-EFDA dwar il-konklużjonijiet definittivi, li għalihom irreferew ir-rikorrenti, jirriżulta wkoll li hija sostniet li l-Kummissjoni kellha tagħmel aġġustamenti sabiex tiżgura ruħha li l-prezzijiet ipparagunati kienu jikkorrispondu għall-istess stadju kummerċjali. Madankollu, dawn l-osservazzjonijiet essenzjalment jinkludu allegazzjonijiet dwar il-fatt li ma kienx faċli li wieħed ikun jaf jekk il-produtturi tal-Unjoni kinux ibiegħu wkoll prinċipalment lil distributuri indipendenti. L-ebda prova jew argument ċert ma kien tressaq f'dan ir-rigward. Għalhekk, fl-assenza ta' elementi kwantitattivi, il-Kummissjoni ma kkontestatx il-konklużjonijiet tagħha dwar il-paragunabbiltà tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz. Għaldaqstant, peress li ma hijiex ibbażata fuq elementi konkreti, l-allegazzjoni tar-rikorrenti ma hijiex suffiċjenti sabiex tinvalida l-analiżi tal-Kummissjoni.

371 Madankollu, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ma allegawx il-ħtieġa ta' xi aġġustament sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-prezzijiet tal-Unjoni ma' dawk tal-produtturi esportaturi Ċiniżi għall-finijiet tal-eżami tad-dannu u tar-rabta kawżali. Fil-fatt, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, ir-rikorrenti kkontestaw biss in-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward tal-istadju kummerċjali magħżul għall-produtturi tal-Unjoni għall-finijiet tal-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezzijiet. Peress li din il-kwistjoni ġiet iċċarata mill-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li, peress li r-rikorrenti ma stabbilixxewx l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni fl-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

8. Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 3(2) u (5) tar-Regolament bażiku

372 Permezz tat-tmien motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-indikaturi makroekonomiċi tal-Kummissjoni, li hija inkompatibbli mal-Artikolu 3(2) u (5) tar-Regolament bażiku kif ukoll mal-obbligi proċedurali tal-Kummissjoni.

373 Essenzjalment, l-ewwel nett, ir-rikorrenti jikkontestaw ir-rappreżentattività tal-kumpanniji li d-data tagħhom kienet il-bażi tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni kif ukoll il-fatt li din tal-aħħar ma ppreċiżatx in-numru eżatt tal-kumpanniji inkwistjoni. Fil-fatt, għalkemm il-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kwestjonarju makroekonomiku tindika li 44 kumpannija kkomunikaw informazzjoni, mit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet taċ-CCCME dwar informazzjoni addizzjonali tal-1 ta' Diċembru 2021 jirriżulta li hija rreferiet għal 34 kumpannija li wieġbu għall-kwestjonarju.

374 It-tieni nett, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni rrifjutat li tiżvela l-volum ta' produzzjoni jew tal-bejgħ tal-kumpanniji li wieġbu għall-kwestjonarju makroekonomiku. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, il-partijiet ġew imċaħħda mill-possibbiltà li jifformulaw osservazzjonijiet utli dwar din id-data, minħabba l-komunikazzjoni tardiva tagħhom u l-assenza ta' sunti mhux kunfidenzjali adegwati.

375 It-tielet nett, ir-rikorrenti jikkritikaw il-mod kif id-data inkwistjoni ġiet estrapolata għall-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha.

376 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

377 Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-effett tal-importazzjonijiet suġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kkonċernata jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi u tal-indizji ekonomiċi rilevanti kollha li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni ta' din l-industrija. L-artikolu fih lista mhux eżawrjenti tad-diversi fatturi li jistgħu jiġu kkunsidrati.

378 Għalhekk, din id-dispożizzjoni tagħti lill-Kummissjoni setgħa diskrezzjonali fl-eżami u fl-evalwazzjoni tal-indizji differenti (sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Bricmate, C-569/13, EU:C:2015:572, punt 54).

379 F'dan il-każ, skont il-premessa 382 tar-Regolament ikkontestat, l-eżami tal-effett tal-importazzjonijiet suġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw is-sitwazzjoni ta' din l-industrija matul il-perjodu kkunsidrat, b'mod konformi mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

380 Fil-premessi 384 sa 386 tar-Regolament ikkontestat, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni stabbilixxiet distinzjoni bejn l-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi tad-dannu u evalwat tal-ewwel abbażi ta' data pprovduta mill-intervenjenti u kontroverifikata mad-data pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Id-data ppreżentata ġiet aġġustata fuq il-bażi ta' kontroverifika mwettqa mad-data pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. L-aġġustamenti ħadu inkunsiderazzjoni biss ċerti inkonsistenzi fid-data, iżda ma biddlux b'mod sostanzjali d-data ppreżentata mill-intervenjenti. Fil-fatt, skont il-premessa 387 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni vverifikat l-eżattezza tad-data u għalhekk qieset li din kienet bażi xierqa għad-determinazzjoni tal-indikaturi makroekonomiċi.

381 Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat fil-premessa 385 tar-Regolament ikkontestat li hija kienet ipproteġiet il-kunfidenzjalità ta' din id-data, peress li din kienet ġiet ipprovduta fil-livell tal-kumpanniji. Għalhekk, l-intervenjenti stmat l-ammont totali tad-data makroekonomika permezz tal-estrapolazzjoni tad-data bbażata fuq il-parti ta' dawn il-produtturi fil-produzzjoni totali tal-Unjoni u ddeterminat il-produzzjoni totali tal-Unjoni billi bbażat ruħha fuq l-informazzjoni disponibbli fi Prodcom.

382 Qabel kollox għandu jiġi ppreċiżat li, fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ma jikkontestawx ir-rilevanza tal-fatturi u tal-indizji ekonomiċi li ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni waqt l-evalwazzjoni tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

383 Fir-rigward tal-ewwel ilment tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni naqset milli tippreċiża n-numru ta' kumpanniji kkonċernati, il-Kummissjoni spjegat li 44 kumpannija kienu wieġbu għall-kwestjonarju u li n-numru ta' 34 kien sempliċi żball tipografiku fil-korrispondenza tagħha, li kien ġie rriprodott fl-ittra indirizzata liċ-CCCME fl-1 ta' Diċembru 2021.

384 Issa li saret din il-preċiżazzjoni mill-Kummissjoni u aċċettata mir-rikorrenti, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

385 Permezz tat-tieni lment tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw ir-rifjut tal-Kummissjoni li tikkomunikalhom il-volum ta' produzzjoni jew ta' bejgħ tal-44 kumpannija li wieġbu għall-kwestjonarju makroekonomiku.

386 F'dan ir-rigward, qabelxejn, mill-ittra indirizzata liċ-CCCME fl-1 ta' Diċembru 2021 jirriżulta li l-Kummissjoni indikat lil din tal-aħħar li l-volum ta' produzzjoni jew ta' bejgħ ma kienx informazzjoni disponibbli fil-fajl.

387 Ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq il-verżjoni mhux kunfidenzjali tat-tweġibiet għall-kwestjonarju makroekonomiku sabiex isostnu li l-Kummissjoni kellha għarfien ta' din l-informazzjoni, peress li din tirriżulta miċ-ċellula B69 tat-tabella "1 Produzzjoni". Madankollu, il-Kummissjoni spjegat li din iċ-ċellula tat-tabella kienet tindika l-parti tal-kumpanniji membri kollha tal-intervenjenti li wieġbu għall-kwestjonarju makroekonomiku fil-produzzjoni totali tal-Unjoni li hija kienet stmat. Il-Kummissjoni spjegat li, peress li l-produzzjoni totali tal-Unjoni kienet estrapolazzjoni tad-data trażmessa mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw, hija ma kellhiex il-parti eżatta rrappreżentata mill-produtturi li wieġbu għall-kwestjonarju makroekonomiku.

388 Sussegwentement, għandu jitfakkar ukoll li, sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni tal-produtturi tal-pajjiżi tal-Unjoni li kienu jipprovdu l-għarfien tas-suq, il-Kummissjoni kienet obbligata tillimita d-drittijiet ta' aċċess għal din l-informazzjoni u żżomm in-natura kunfidenzjali tagħha. Dan l-approċċ huwa kkonfermat mill-ġurisprudenza li qieset li l-produzzjoni stmata tal-produtturi kkonċernati tal-Unjoni, li fuqha kienet ibbażat ruħha l-Kummissjoni fil-kuntest tal-kalkolu tad-dannu, setgħet ġustament titqies bħala kunfidenzjali, peress li kellha bħala bażi l-għarfien tas-suq li kellha l-intervenjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 507).

389 Barra minn hekk, in-natura tal-mistoqsijiet magħmula lill-intervenjenti kif ukoll is-sunt mhux kunfidenzjali tal-kontribuzzjonijiet individwali tal-produtturi tal-Unjoni tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati. Għalkemm ir-rikorrenti jikkontestaw il-komunikazzjoni tardiva tas-sunt mhux kunfidenzjali, mill-atti tal-proċess jirriżulta li huma xorta waħda kellhom il-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet, billi bbenefikaw minn estensjoni tat-terminu stabbilit għall-preżentazzjoni tal-imsemmija osservazzjonijiet, minkejja r-restrizzjonijiet tar-Regolament bażiku u tan-notifika ta' bidu fir-rigward tat-termini tal-investigazzjoni.

390 Minn dan isegwi li t-tieni lment għandu jiġi miċħud.

391 Permezz tat-tielet ilment tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw l-estrapolazzjoni tad-data pprovduta mill-intervenjenti għall-industrija kollha tal-Unjoni.

392 F'dan ir-rigward, qabelxejn, għandu jiġi ppreċiżat li l-Kummissjoni ħadet kampjun għal din l-investigazzjoni kemm għall-produtturi tal-Unjoni kif ukoll għall-produtturi Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat. Kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punt 353 iktar 'il fuq, sa fejn dan l-argument huwa intiż li jikkontesta t-teknika tat-teħid ta' kampjuni magħżula mill-Kummissjoni, dan għandu jiġi miċħud.

393 Sussegwentement, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kawżi antidumping, il-Kummissjoni tiddependi fuq il-kooperazzjoni volontarja tal-partijiet sabiex jipprovdulha l-informazzjoni neċessarja fit-termini stabbiliti (sentenza tat-28 ta' Ottubru 1999, EFMA vs Il-Kunsill, T-210/95, EU:T:1999:273, punt 71). Issa, il-fatturi makroekonomiċi jippermettu li jiġi ddeterminat id-dannu mġarrab fil-livell tal-industrija fl-intier tagħha u jsostnu l-kalkoli tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

394 Mir-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-ilment kien sostnut minn produtturi li jirrappreżentaw iktar minn 58 % tal-produzzjoni totali ta' elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar imwettqa fl-Unjoni matul il-perijodu kkonċernat. Għaldaqstant, id-data kondiviża mill-intervenjenti tista' titqies bħala rappreżentattiva tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-għan li

tinkiseb viżjoni tal-industrija tal-Unjoni preċiża u ddettaljata kemm jista' jkun possibbli ma jkunx jista' jintlaħaq jekk il-Kummissjoni tkun obbligata twarrab, fost id-data kollha disponibbli, id-data makroekonomika minħabba li din tal-aħħar ma kinitx disponibbli għall-produtturi kollha tal-industrija tal-Unjoni (sentenza tal-20 ta' Mejju 2015, Yuanping Changyuan Chemicals vs Il-Kunsill, T-310/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:295, punt 147).

395 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni spjegat li kienet kontroverifikat id-data kondiviża mill-intervenjenti ma' dik tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni fakkret li l-estrapolazzjoni tad-data għall-kwestjonarju makroekonomiku ta' industrija daqshekk frammentata tikkostitwixxi eżerċizzju statistiku, li, mid-definizzjoni tiegħu, jeħtieġ li jiġu dedotti valuri mhux magħrufa tat-tendenzi identifikati fid-data magħrufa.

396 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma vverifikatx debitament id-data pprovduta mill-intervenjenti hija spekulattiva u ma hija ssostanzjata minn ebda prova konkreta li tippermetti li tiġi ddubitata l-verifika magħmula mill-Kummissjoni waqt l-eżami tal-imsemmija data.

397 Għaldaqstant, it-tielet ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud u, konsegwentement, it-tmien motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

9. Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti

398 Permezz tad-disa' motiv tagħhom, ir-rikorrenti jallegaw il-ksur tad-drittijiet proċedurali tagħhom matul l-investigazzjoni amministrattiva. Dan il-motiv huwa maqsum fi tliet partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq trattament kunfidenzjali eċċessiv tal-informazzjoni li tinsab fil-fajl, it-tieni waħda, fuq ġestjoni allegatament fqira tal-fajl mhux kunfidenzjali mill-Kummissjoni u, it-tielet waħda, fuq l-assenza ta' żvelar ta' fatti essenzjali mill-Kummissjoni.

399 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza ta' dan il-motiv.

400 Preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkru l-prinċipji u l-garanziji proċedurali li l-Kummissjoni hija marbuta li tosserva meta l-partijiet ikkonċernati minn investigazzjoni antidumping jkunu jixtiequ jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom billi jaċċedu għal informazzjoni li tikkonċerna fatti jew kunsiderazzjonijiet li jistgħu jifformaw il-bażi tal-miżuri antidumping, b'mod partikolari meta din l-informazzjoni tkun ta' natura kunfidenzjali.

401 L-Artikolu 19(1) tar-Regolament bażiku jipprevedi li kull informazzjoni ta' natura kunfidenzjali għandha tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet, meta jingħataw raġunijiet validi. L-Artikolu 19(2) tal-istess regolament jipprevedi li l-partijiet ikkonċernati li jipprovdu informazzjoni kunfidenzjali huma obbligati li jagħtu sunti mhux kunfidenzjali li għandhom ikunu suffiċjentement iddettaljati sabiex tkun tista' tinftiehem raġonevolment is-sustanza tal-informazzjoni kkomunikata fuq bażi kunfidenzjali. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-imsemmija partijiet jistgħu jindikaw li l-informazzjoni ma tistax tingħabar fil-qosor, iżda għandhom jispeċifikaw ir-raġunijiet għalfejn ma jistax jiġi pprovdut sunt.

402 L-Artikolu 19(3) tar-Regolament bażiku jipprovdi li, jekk jiġi kkunsidrat li talba għal trattament kunfidenzjali ma hijiex iġġustifikata u jekk il-persuna li pprovdiet l-informazzjoni ma tkunx tixtieq tagħmilha pubblika u lanqas ma tkun tixtieq tawtorizza l-iżvelar tagħha b'mod ġenerali

jew permezz ta' sunt, din l-informazzjoni tista' titwarrab, ħlief jekk ikun jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta. Huwa jippreċiża wkoll li t-talbiet għal trattament kunfidenzjali ma jistgħux jiġu miċħuda arbitrarjament.

403 Skont l-Artikolu 6(5) tar-Regolament bażiku, il-partijiet li jkunu għamlu lilhom infushom magħrufa, fit-terminu mogħti, wara l-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu tal-investigazzjoni, għandhom jinstemgħu jekk ikunu wrew li huma effettivament ikkonċernati u jekk ikunu jeżistu raġunijiet partikolari biex jinstemgħu.

404 Barra minn hekk, l-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-produtturi tal-Unjoni, is-sindakati, l-importaturi u l-esportaturi kif ukoll l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi li għamlu lilhom infushom magħrufa skont l-Artikolu 5(10) tal-imsemmi regolament, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, jistgħu, fuq talba bil-miktub, jaraw l-informazzjoni kollha pprovduta minn kull parti kkonċernata mill-investigazzjoni, minbarra d-dokumenti interni mfassla mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew mill-Istati Membri tagħha, sa fejn din l-informazzjoni tkun rilevanti għad-difiża tal-interessi tagħhom, li ma tkunx kunfidenzjali fis-sens tal-Artikolu 19 li tintuża fl-investigazzjoni. Tali partijiet jistgħu jirrispondu għal tali informazzjoni u għandu jittieħed kont tal-kummenti tagħhom, kull fejn ikunu ssostanzjati biżżejjed fit-tweġiba.

405 Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku, il-lanjanti, l-importaturi u l-esportaturi kif ukoll l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u r-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur jistgħu jitolbu żvelar finali tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa previst li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji. L-Artikolu 20(4) tal-istess regolament jippreċiża li l-informazzjoni finali għandha tingħata bil-miktub, kemm jista' jkun malajr u, normalment mhux iktar tard minn xahar qabel il-ftuħ tal-proċeduri previsti fl-Artikolu 9, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni, madankollu, il-ħtieġa li tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali. Fil-fatt, meta l-Kummissjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tikkomunika ċerti fatti jew kunsiderazzjonijiet f'dak il-mument, hija tagħmel dan kemm jista' jkun malajr wara.

406 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, li huwa ta' importanza kbira fil-proċeduri ta' investigazzjonijiet antidumping, jippreżupponi li l-impriżi kkonċernati għandhom ikunu tqiegħdu f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li jesprimu b'mod utli l-perspettiva tagħhom dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll dwar il-provi użati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' prassi ta' dumping u tad-dannu li jirriżulta minnha (ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, Interpipe Niko Tube u Interpipe Nizhnedneprovsky Tube Rolling Plant vs Il-Kummissjoni, T-716/19, EU:T:2021:457, punt 209 u l-ġurisprudenza ċċitata).

407 Madankollu, l-allegat nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom jew tad-dritt tagħhom li jinstemgħu. Fil-fatt, għalkemm ir-rispett tal-imsemmija drittijiet jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jippermettu lir-rikorrenti li jesprimu b'mod utli l-opinjoni tagħhom, dawn l-imsemmija istituzzjonijiet ma jistgħux jiġu obbligati jaqblu magħhom. In-natura utli tal-preżentata tal-opinjoni tar-rikorrenti tirrikjedi biss li din l-opinjoni setgħet tiġi ppreżentata fil-ħin meħtieġ sabiex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu jistgħu jieħduha inkunsiderazzjoni u, bl-attenzjoni kollha meħtieġa, jevalwaw ir-rilevanza tagħha għall-kontenut tal-att li jkun ser jiġi adottat. Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata li twieġeb, fir-regolament li jistabbilixxi d-dazji antidumping definittivi, għall-argumenti kollha mressqa mill-partijiet ikkonċernati matul il-proċedura ta' investigazzjoni u li din l-assenza ta' tweġiba ma tistax awtomatikament

tistabbilixxi nuqqas ta' eżami ta' dawn l-argumenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Jinan Meide Casting vs Il-Kunsill, T-424/13, EU:T:2016:378, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata).

408 Fir-rigward ta' ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni, għandu jiġi rrilevat li tali ksur ma jistax iwassal għal annullament totali jew parzjali tar-Regolament ikkontestat ħlief jekk l-iżvelar tad-dokumenti inkwistjoni, kellu l-possibbiltà, anki jekk żgħira, li l-proċedura amministrattiva twassal għal riżultat differenti fl-ipoteżi li l-impriża kkonċernata setgħet tieħu vantaġġ minnha matul l-iżvolġiment tal-imsemmija proċedura (sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP vs Il-Kunsill, T-249/06, EU:T:2009:62, punt 134).

409 Madankollu, id-drittijiet proċedurali għandhom jingħataw legalment lil persuna sabiex din tkun tista' titqies li hija individwalment ikkonċernata minn dawn id-drittijiet u tkun tista' tippreżenta rikors għal annullament kontra att adottat bi ksur tal-imsemmija drittijiet (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 52).

410 Barra minn hekk, l-imsemmija drittijiet jeħtieġu l-parteċipazzjoni attiva ta' dawn il-persuni fil-proċedura stess, li għandha tkun espressa, minn tal-inqas, bit-tressiq ta' talba bil-miktub f'terminu stabbilit (ara s-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 214 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-fatt li l-partijiet ikkonċernati jagħmlu lilhom innifishom magħrufa u jipprovdu informazzjoni rilevanti sabiex jiġi stabbilit kampjun rappreżentattiv ta' dawn il-partijiet, kif ukoll li jinstemgħu għal dan il-għan, jikkostitwixxi forma ta' parteċipazzjoni fil-proċedura antidumping. Madankollu, din il-parteċipazzjoni ma tagħtix lill-imsemmija partijiet il-garanziji proċedurali previsti fl-Artikolu 6(5) u (7) u fl-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, l-għoti ta' dawn il-garanziji huwa suġġett għal ċerti modalitajiet li jimplikaw parteċipazzjoni partikolari f'din il-proċedura min-naħa tal-istess partijiet, fil-forma ta' espressjoni ta' interess u ta' talbiet bil-miktub. Issa, il-parteċipazzjoni f'teħid ta' kampjuni, fis-sens tal-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, ma tikkostitwixxix tali parteċipazzjoni partikolari (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 216).

411 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, iż-żamma ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni tikkostitwixxi interess pubbliku importanti li s-salvagwardja tiegħu tista' tiġġustifika r-rifjut tal-iżvelar tal-informazzjoni koperta mis-sigriet kummerċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Jinan Meide Casting vs Il-Kunsill, T-424/13, EU:T:2016:378, punt 165 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, sabiex jiġu kkonċiljati l-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiżi tal-partijiet ikkonċernati u dak tal-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, fit-twettiq tad-dmir ta' informazzjoni tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jagħixxu bid-diliġenza kollha meħtieġa billi jippruvaw jagħtu lill-impriżi kkonċernati, sa fejn ir-rispett tas-sigriet kummerċjali tibqa' żgurata, indikazzjonijiet utli għad-difiża tal-interessi tagħhom u billi jagħżlu, jekk ikun il-każ *ex officio*, il-modalitajiet xierqa ta' tali komunikazzjoni (ara s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill, T-442/12, EU:T:2017:372, punt 141 u l-ġurisprudenza ċċitata).

412 Għalhekk, meta jkun meħtieġ li jiġu kkonċiljati r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u d-dritt għall-informazzjoni għall-partijiet ikkonċernati, l-istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom jevalwaw, fir-rigward ta' din l-informazzjoni, is-sitwazzjoni partikolari tal-parti kkonċernata u, b'mod partikolari, il-pożizzjoni li din il-parti kkonċernata tokkupa fis-suq ikkunsidrat meta mqabbla ma' dik tal-persuna li tkun ipprovdiet din l-informazzjoni (ara s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, EU:T:2021:278, punt 469 u l-ġurisprudenza ċċitata).

413 Madankollu, l-għan tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku huwa li jipproteġi mhux biss is-sigrieti kummerċjali, iżda wkoll id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet l-oħra fil-proċedura antidumping. F'dan il-kuntest, l-użu mill-Kummissjoni ta' informazzjoni li fir-rigward tagħha ma kien ġie pprovdut ebda sunt mhux kunfidenzjali jista' jiġi invokat bħala motiv ta' annullament ta' miżura antidumping minn partijiet f'tali proċedura biss jekk huma jkunu jistgħu juru li l-użu ta' din l-informazzjoni kkostitwixxa ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom (ara s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2020, Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals vs Il-Kummissjoni, T-307/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:487, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

414 Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza li huwa abbażi tal-livell ta' speċifiċità tal-informazzjoni mitluba li għandha tiġi evalwata n-natura suffiċjenti tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni (ara s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2020, Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals vs Il-Kummissjoni, T-307/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:487, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

415 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat id-disa' motiv invokat mir-rikorrenti.

a) Fuq l-ammissibbiltà tad-disa' motiv

416 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li r-rikors huwa ppreżentat minn diversi rikorrenti, li huma affettwati b'mod differenti mir-Regolament ikkontestat. Fil-fatt, ir-rikorrenti huma, minn naħa, it-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun u, min-naħa l-oħra, sitta u tletin produttur esportatur li kkoperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, li isimhom jidher fl-Anness 1 tar-Regolament ikkontestat. Kif jirriżulta mill-punt 37 iktar 'il fuq, wieħed u tletin minn dawn il-produtturi esportaturi huma rrappreżentati, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, miċ-CCCME.

417 Fit-tieni lok, kif jirriżulta mill-punti 24 u 37 iktar 'il fuq, l-argumenti taċ-CCCME mressqa f'isimha proprju huma inammissibbli fil-kuntest ta' dan ir-rikors. Barra minn hekk, ir-rikorrenti rrikonoxxew din l-inammissibbiltà fir-rigward taċ-CCCME fit-tweġiba bil-miktub tagħhom tal-15 ta' Jannar 2024 għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali kif ukoll fis-seduta tas-7 ta' Frar 2024.

418 Fit-tielet lok, għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni (C-478/21 P, EU:C:2023:685), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-inammissibbiltà tal-allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-membri taċ-CCCME u tal-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom kien jinsab fl-anness tar-Regolament, sa fejn dawn ma kinux ressqu talbiet speċifiċi intiżi sabiex tiġi kkomunikata lilhom informazzjoni essenzjali għad-difiża tal-interessi tagħhom. Fil-fatt, f'din il-proċedura, iċ-CCCME kienet tirrappreżenta "l-interess tal-industrija Ċiniża tal-funderiji kollu kemm hu" u l-membri tagħha ma kinux ġew identifikati matul il-proċedura amministrattiva.

419 F'dan il-każ, is-sitwazzjoni hija differenti, sa fejn iċ-CCCME pparteċipat fl-investigazzjoni bħala assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tal-membri tagħha li għalihom hija pproduċiet il-prova tal-awtorizzazzjoni ta' dawn tal-aħħar lill-Kummissjoni.

420 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li, fil-punt 5.6 tan-notifika ta' bidu tal-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ħabbret li, sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni, il-partijiet ikkonċernati, bħall-produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti jew l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, is-sindakati u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi rappreżentattivi, kellhom qabel kollox juru li kien hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott suġġett għall-investigazzjoni u li l-aċċess għall-fajl li jista' jiġi kkonsultat mill-partijiet ikkonċernati kien ser isir permezz tal-pjattaforma Tron.tdi.

421 Ir-rikorrenti sostnew, fit-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali, li l-impriżi u l-membri kollha li kienu wettqu dan il-pass kienu kisbu awtomatikament l-istatus ta' parti kkonċernata.

422 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti sostnew li, fin-notifika ta' bidu, il-Kummissjoni kienet stiednet lill-esportaturi Ċiniżi kollha tal-prodott ikkonċernat sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni, billi ssottomettiet formola, filwaqt li ppreċiżat li l-produtturi kollha li jipparteċipaw f'konformità mar-rekwiżiti tal-imsemmija notifika ta' bidu jitqiesu bħala partijiet ikkonċernati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott suġġett għall-investigazzjoni. Għaldaqstant, skont ir-rikorrenti, il-produtturi esportaturi kollha li pparteċipaw fil-proċedura permezz tal-pjattaforma TRON.tdi kienu partijiet ikkonċernati li kisbu drittijiet proċedurali. Għalhekk, minn naħa, peress li l-formulazzjoni tan-notifika ta' bidu li tistieden lil kull parti kkonċernata tipparteċipa fl-investigazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-proċedura ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati huma differenti minn dik tal-kawża li tat lok għas-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni (C-478/21 P, EU:C:2023:685), sa fejn hija għaddiet esklużivament mill-pjattaforma TRON.tdi, dan jimplika li dan jiddistingwi din il-kawża minn dik li tat lok għas-sentenza msemmija iktar 'il fuq. Għaldaqstant, ir-rikorrenti jqisu li d-disa' motiv huwa ammissibbli fit-tliet partijiet tiegħu.

423 Qabel kollox, fir-rigward tal-ewwel parti tad-disa' motiv, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 19(1) sa (3) tar-Regolament bażiku, ir-rikorrenti jsostnu li dawn id-dispożizzjonijiet fi kwalunkwe każ jimponu obbligi oġġettivi fuq il-Kummissjoni, li għandha tiżgura li tillimita t-trattament kunfidenzjali tad-data rilevanti għal dak li huwa strettament neċessarju. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jenfasizzaw li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni (C-478/21 P, EU:C:2023:685), ebda motiv ma kien jikkonċerna l-ksur tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, ir-rikorrenti jqisu li din il-parti hija ammissibbli sa fejn din tqajmet kemm mill-produtturi esportaturi individwali kif ukoll miċ-CCCME f'isem il-membri tagħha.

424 Sussegwentement, ir-rikorrenti jqisu li t-tieni parti, li permezz tagħha huma jallegaw ġestjoni ħażina tal-fajl kunfidenzjali bi ksur tal-Artikolu 6(7) u tal-Artikolu 19(1) sa (3) tar-Regolament bażiku u tad-drittijiet tad-difiża, hija wkoll ammissibbli.

425 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-produtturi esportaturi individwali u l-membri taċ-CCCME talbu espressament l-aċċess għall-fajl u għall-konklużjonijiet definittivi permezz tar-reġistrazzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma TRON.tdi u li, billi naqset milli tikkomunikalhom fatti essenzjali, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 20(2) u (4) tar-Regolament bażiku.

426 Sussidjarjament, fil-każ li l-Qorti Ġenerali ma taċċettax l-ammissibbiltà ta' ċerti lmenti mqajma fil-kuntest tad-disa' motiv miċ-CCCME f'isem il-membri tagħha, ir-rikorrenti jsostnu li d-disa' motiv huwa ammissibbli fir-rigward tal-argumenti mressqa mill-produtturi esportaturi individwali li ċ-CCCME rrappreżentat matul l-investigazzjoni.

427 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti pprovdew mandati ta' rappreżentanza miċ-CCCME ta' diversi kumpanniji li kienu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 5 iktar 'il fuq, iċ-CCCME ġiet ikkunsidrata bħala parti kkonċernata fil-proċedura amministrattiva biss sa fejn hija kienet awtorizzata minn dawn il-produtturi speċifiċi ta' elementi tal-irbit sabiex tirrappreżentahom.

428 Mill-mandati ta' rappreżentanza jirriżulta li r-rikorrenti kkomunikaw lill-Qorti Ġenerali li ċ-CCCME ma rrappreżentatx quddiem il-Kummissjoni l-membri kollha kkonċernati li f'isimhom hija ppreżentat dan ir-rikors, jiġifieri li ċ-CCCME rrappreżentat quddiem il-Kummissjoni produtturi esportaturi parzjalment differenti minn dawk li hija tirrappreżenta quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

429 Fil-fatt, l-ewwel nett, mill-mandati pprovduti mir-rikorrenti lill-Qorti Ġenerali jirriżulta li ċ-CCCME kienet ingħatat mandat sabiex tirrappreżenta, fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, it-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Madankollu, dawn tal-aħħar ma pproduċewx il-prova li huma kienu membri ta' din l-assoċjazzjoni.

430 It-tieni nett, iċ-CCCME rrappreżentat disa' kumpanniji li huma produtturi esportaturi li kkollaboraw mhux inklużi fil-kampjun u li jinsabu fl-Anness 1 tar-Regolament ikkontestat. Huma membri taċ-CCCME u huma rrappreżentati wkoll minn din tal-aħħar fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

431 It-tielet nett, iċ-CCCME rrappreżentat ukoll quddiem il-Kummissjoni tmien kumpanniji oħra li jinsabu fl-Anness 1 tar-Regolament ikkontestat u li ma humiex partijiet f'dan ir-rikors. Dawn il-kumpanniji lanqas ma pproduċew il-prova li huma membri taċ-CCCME, iżda, fi kwalunkwe każ, ma humiex rikorrenti f'dan ir-rikors.

432 Ir-raba' nett, iċ-CCCME rrappreżentat ukoll quddiem il-Kummissjoni żewġ kumpanniji li l-ismijiet tagħhom ma jidhrux fir-Regolament ikkontestat u li lanqas ma huma rrappreżentati miċ-CCCME fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

433 Għaldaqstant, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-allegazzjonijiet imqajma miċ-CCCME quddiem il-Qorti Ġenerali f'isem il-membri tagħha, fost il-wieħed u tletin membru kkonċernati taċ-CCCME li f'isimhom hija ppreżentat dan ir-rikors, hija rrappreżentat quddiem il-Kummissjoni biss disa' produtturi esportaturi Ċiniżi mhux inklużi fil-kampjun. Kif ikkonfermaw il-partijiet diversi drabi waqt is-seduta, il-Kummissjoni ma vverifikatx jekk il-kumpanniji li taw dawn il-mandati kinux membri taċ-CCCME. L-ebda prova addizzjonali f'dan ir-rigward ma ġiet prodotta mill-partijiet. Ir-rikorrenti ma kinux f'pożizzjoni li jikkonfermaw b'ċertezza jekk il-kumpanniji kollha li taw il-mandati ta' rappreżentanza quddiem il-Kummissjoni kinux membri taċ-CCCME. Barra minn hekk, ir-rikorrenti allegaw li l-mandat waħdu għandu jkun biżżejjed għall-finijiet tar-rappreżentazzjoni tal-interessi ta' dawn il-kumpanniji quddiem il-Kummissjoni.

434 Issa, minn naħa, kif jirriżulta mill-punt 26 iktar 'il fuq, assoċjazzjoni bħaċ-CCCME tista' tirrappreżenta produtturi esportaturi quddiem il-qorti tal-Unjoni biss jekk hija tipproduċi l-prova li dawn il-produtturi esportaturi huma membri tagħha.

435 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, għalkemm il-membri taċ-CCCME u l-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jidher fl-anness kienu pparteċipaw fit-teħid ta' kampjuni mwettaq matul il-proċedura antidumping inkwistjoni, l-imsemmija membri u dawn il-persuni l-oħra ma setgħux jinvokaw ksur tal-garanziji proċedurali tagħhom ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx ikkomunikatilhom informazzjoni essenzjali għad-difiża tal-interessi tagħhom, peress li huma ma kinux ressqu talbiet intiżi sabiex din l-informazzjoni tiġi kkomunikata lilhom matul din il-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punt 217).

436 Fil-fatt, id-drittijiet proċedurali huma drittijiet speċifiċi għall-persuna li lilha jingħataw u huma ta' natura suġġettiva, b'tali mod li huma l-partijiet ikkonċernati stess li għandhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitawhom effettivament, indipendentement min-natura tal-proċedura li huma s-suġġett tagħha. Issa, il-possibbiltà għal assoċjazzjoni li teżerċita d-drittijiet proċedurali tal-membri tagħha ma tistax twassal sabiex jiġu evitati l-kundizzjonijiet li, skont il-ġurisprudenza, l-impriżi inkwistjoni kien ikollhom josservaw li kieku riedu jeżerċitaw huma stess id-drittijiet proċedurali tagħhom (sentenza tal-21 ta' Settembru 2023, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, C-478/21 P, EU:C:2023:685, punti 223 u 224).

437 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li produttur esportatur membru taċ-CCCME ma jistax sempliċement jistrieħ fuq it-talbiet ta' din tal-aħħar, jekk huwa ma jkunx invoka espressament id-drittijiet tad-difiża tiegħu matul l-investigazzjoni amministrattiva. Fil-fatt, għalkemm ir-reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma TRON.tdi kienet tippermetti lill-produtturi esportaturi individwali li jirċievu informazzjoni fi żmien xieraq u jsegwu l-iżvilupp tal-investigazzjoni amministrattiva, fin-nuqqas ta' talba espliċita għal iktar informazzjoni, il-produtturi esportaturi inkwistjoni ma setgħux isostnu li jeżerċitaw drittijiet proċedurali speċifiċi għalihom.

438 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni mhux kunfidenzjali skont l-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku huwa marbut mal-kwalità tal-parti kkonċernata li tkun ippreżentat ruħha b'mod konformi mal-Artikolu 5(10) tal-istess regolament (sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, BEUC vs Il-Kummissjoni, T-256/97, EU:T:2000:21, punt 32) u li l-Kummissjoni għandha, każ b'każ, tiddeċiedi jekk parti għandhiex titqies li hija parti kkonċernata fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ (sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, BEUC vs Il-Kummissjoni, T-256/97, EU:T:2000:21, punt 76).

439 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li huma l-partijiet suġġetti għal proċedura ta' investigazzjoni antidumping li għandhom ipoġġu lill-istituzzjonijiet f'pożizzjoni li jevalwaw il-problemi li jistgħu jirriżultaw mill-assenza ta' element fl-informazzjoni li tkun ġiet ipprovduta għad-dispożizzjoni tagħhom. *A fortiori*, tali parti kkonċernata ma għandhiex raġun tilmenta quddiem il-qorti tal-Unjoni li l-informazzjoni ma ġietx ipprovduta lilha, jekk, matul il-proċedura ta' investigazzjoni li wasslet għar-Regolament antidumping kontenzjuż, hija ma tkun ressqet l-ebda talba quddiem l-istituzzjonijiet dwar din l-informazzjoni partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Jinan Meide Casting vs Il-Kunsill, T-424/13, EU:T:2016:378, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li dawn it-talbiet għandhom isiru mill-produtturi esportaturi individwali stess, li ma jistgħux sempliċement jistrieħu fuq it-talbiet taċ-CCCME.

440 Id-differenza f'din il-proċedura, invokata mir-rikorrenti, peress li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni mal-partijiet ikkonċernati saret b'mod differenti, jiġifieri permezz tal-pjattaforma TRON.tdi, li kienet tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jissottomettu informazzjoni u osservazzjonijiet u jsegwu l-investigazzjoni, ma tistax tikkontesta din il-konstatazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti proċedurali marbuta mad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet. Fil-fatt, kif sostniet ġustament il-Kummissjoni waqt is-seduta, il-pjattaforma TRON.tdi għandha biss l-għan li tissimplifika l-komunikazzjoni mal-partijiet u li tiffaċilita l-flussi tal-kummerċ. Fi kwalunkwe każ, il-kwalità ta' parti kkonċernata skont ir-Regolament bażiku u d-drittijiet marbuta miegħu ma jistgħux jiddependu fuq il-mezz ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma' dawn il-partijiet.

441 Konsegwentement, peress li l-ilmenti mqajma fid-disa' motiv jikkonċernaw il-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun li ma ppreżentawx talbiet speċifiċi intiżi għall-iżvelar ta' informazzjoni addizzjonali għall-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali tagħhom, dawn huma inammissibbli, kemm jekk tqajmu miċ-CCCME f'isem il-membri tagħha jew mill-ħames produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun.

442 Fir-raba' lok, fir-rigward tat-tliet produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 410 iktar 'il fuq jirriżulta li s-sempliċi parteċipazzjoni fit-teħid ta' kampjuni ma tagħtix lill-produtturi esportaturi kkonċernati drittijiet proċedurali partikolari fin-nuqqas ta' talbiet intiżi sabiex tiġi kkomunikata lilhom informazzjoni li huma jqisu bħala essenzjali għad-difiża tal-interessi tagħhom.

443 Konsegwentement, għandu jiġi konkluż fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet preċedenti li d-disa' motiv jista' jkun ammissibbli biss sa fejn dan jitqajjem mill-produtturi esportaturi individwali li jallegaw il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom li wrew matul il-proċedura amministrattiva r-rieda li jeżerċitaw l-imsemmija drittijiet. Sabiex tiġi evalwata l-ammissibbiltà tal-ilmenti mqajma, għandu għalhekk jiġi eżaminat, għal kull parti, jekk l-impriżi inkwistjoni kinux osservaw il-kundizzjonijiet li jippermettulhom jeżerċitaw effettivament id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

b) Fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti

1) Fuq l-ewwel parti

444 Permezz tal-ewwel parti tad-disa' motiv, ir-rikorrenti jsostnu ksur tal-Artikolu 19(1) sa (3) tar-Regolament bażiku u tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, sa fejn id-dokumenti kollha li ġew ippreżentati mill-intervenjenti jew mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu s-suġġett ta' trattament kunfidenzjali mingħajr raġuni valida jew kienu lakunarji ħafna fis-sunt mhux kunfidenzjali tagħhom, li kien iċaħħad lill-partijiet ikkonċernati mill-possibbiltà li jifformulaw osservazzjonijiet jew li jivverifikaw l-eżattezza tal-provi li kien fihom. Ir-rikorrenti jikkontestaw, b'mod partikolari, it-trattament kunfidenzjali mogħti, l-ewwel nett, lill-kwestjonarju makroekonomiku, it-tieni nett, lill-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u, it-tielet nett, lit-tweġiba tal-intervenjenti għat-talba għal informazzjoni addizzjonali tal-Kummissjoni dwar l-indikaturi makroekonomiċi.

445 Skont ir-rikorrenti, il-ksur tad-drittijiet proċedurali tagħhom huwa aggravat mit-trattament anonimu mogħti lill-produtturi kollha tal-Unjoni li pprovdew informazzjoni u bir-rifjut ripetut li jikkomunikaw kwalunkwe informazzjoni dwar il-firxa ta' prodotti ta' dawn il-kumpanniji u dwar in-natura rappreżentattiva ta' dawn tal-aħħar fir-rigward tal-volum tal-bejgħ.

446 F'dan ir-rigward, f'dak li jikkonċerna, minn naħa, il-kunfidenzjalità tat-tweġibiet għall-kwestjonarju makroekonomiku, mir-Regolament ikkontestat jirriżulta li huma biss l-EFDA u ċ-CCCME li kkontestaw il-kunfidenzjalità ta' din l-informazzjoni matul il-proċedura amministrattiva. L-istess japplika għall-kontestazzjoni tal-kunfidenzjalità tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kif ukoll tal-kunfidenzjalità tat-tweġiba tal-intervenjenti għat-talba għal informazzjoni addizzjonali tal-Kummissjoni dwar l-indikaturi makroekonomiċi.

447 Issa, minn naħa, l-EFDA ma hijiex rikorrenti u, min-naħa l-oħra, skont il-konklużjoni fil-punt 434 iktar 'il fuq, iċ-CCCME ma tistax tinvoka l-ksur tad-drittijiet proċedurali tal-membri tagħha jekk dawn ma jkunux invokaw dawn id-drittijiet quddiem il-Kummissjoni permezz ta' talbiet bil-miktub.

448 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-ismijiet tal-kumpanniji li wieġbu għall-kwestjonarju makroekonomiku, mill-premessi 21 u 396 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-uniċi partijiet ikkonċernati li kkontestaw l-anonimità tal-produtturi tal-Unjoni kienu ċ-CCCME, l-EFDA u r-Repubblika Popolari taċ-Ċina. Sa fejn ebda produttur esportatur li jagħmel parti mir-rikorrenti ma talab lill-Kummissjoni għal informazzjoni addizzjonali dwar l-identità tal-produtturi tal-Unjoni, skont il-konklużjoni fil-punt 441 iktar 'il fuq, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

449 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tad-disa' motiv għandha tiġi miċħuda.

2) Fuq it-tieni parti

450 Ir-rikorrenti jikkontestaw il-ġestjoni tal-fajl mhux kunfidenzjali tal-Kummissjoni li kisret l-Artikolu 6(7) u l-Artikolu 19(1) sa (3) tar-Regolament bażiku u d-drittijiet tad-difiża tagħhom, peress li l-partijiet ikkonċernati ma kellhomx aċċess sħiħ u fi żmien xieraq għall-fajl mhux kunfidenzjali matul l-investigazzjoni.

451 L-ewwel nett, dan ċaħħad lill-partijiet ikkonċernati mill-possibbiltà li jsegwu kemm jista' jkun mill-qrib l-iżviluppi prinċipali tal-investigazzjoni jew li jissottomettu osservazzjonijiet fir-rigward tagħhom, bħal ma hija d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li temenda l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati ma ġewx informati bl-iskambji *ex parte* bejn il-Kummissjoni u l-intervenjenti.

452 It-tieni nett, ir-rikorrenti jallegaw li ċertu numru ta' fajls tħassru mill-fajl mhux kunfidenzjali.

453 It-tielet nett, ir-rikorrenti jissuġġerixxu li jeżistu diversi fajls oħra li qatt ma ttellgħu fil-fajl mhux kunfidenzjali.

454 Fir-rigward tal-ġestjoni tal-fajl mhux kunfidenzjali mill-Kummissjoni, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku, imfakkar fil-punt 404 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-partijiet ikkonċernati fi proċedura ta' investigazzjoni antidumping, bħar-rikorrenti, ma jistgħux jilmentaw dwar l-assenza ta' dokument fil-fajl mhux

kunfidenzjali tal-investigazzjoni jekk huma ma jkunux ressqu talba bil-miktub sabiex isiru jafu bl-imsemmi dokument (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Jinan Meide Casting vs Il-Kummissjoni, T-424/13, EU:T:2016:378, punt 109).

455 Issa, mill-premessi 22 u 24 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li l-allegata insuffiċjenza tal-fajl mhux kunfidenzjali ġiet ikkontestata matul il-proċedura amministrattiva biss miċ-CCCME u mill-EFDA wara l-komunikazzjoni tal-konklużjonijiet definittivi.

456 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-intervenjenti, mill-premessa 47 tar-Regolament ikkontestat jirriżulta li kienu biss l-EFDA u ċ-CCCME li kienu talbu l-iżvelar tagħha.

457 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-allegat tħassir ta' ċertu numru ta' dokumenti mill-fajl mhux kunfidenzjali, iċ-CCCME biss talbet informazzjoni addizzjonali min-naħa tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

458 Għaldaqstant, fid-dawl tal-identità tal-partijiet ikkonċernati li fformulaw talbiet matul il-proċedura amministrattiva u tal-konklużjoni fil-punt 441 iktar 'il fuq, għandu jitqies li din il-parti hija wkoll inammissibbli.

3) Fuq it-tielet parti

459 Ir-rikorrenti jikkontestaw ir-rifjut tal-Kummissjoni li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati informazzjoni li fuqha hija bbażat ruħha sabiex tistabbilixxi l-konstatazzjonijiet definittivi tagħha, bi ksur tal-Artikolu 20(2) u (4) tar-Regolament bażiku u tad-drittijiet tad-difiża. Issa, l-informazzjoni kkomunikata mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u l-kwestjonarju makroekonomiku kienu ż-żewġ sorsi prinċipali li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha sabiex tistabbilixxi l-konklużjonijiet tagħha dwar id-dannu u r-rabta kawżali.

460 F'dan ir-rigward, mir-Regolament ikkontestat jirriżulta li ebda produttur esportatur individwali fost ir-rikorrenti ma talab l-iżvelar tal-informazzjoni preċiża kkomunikata mill-produtturi tal-Unjoni. Minn dan isegwi li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-parti huma inammissibbli u, magħhom, id-disa' motiv kollu kemm hu, li għandu jiġi miċħud.

461 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

IV. Fuq l-ispejjeż

462 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, għandhom jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni u mill-intervenjenti, skont it-talbiet ta' dawn tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (CCCME) u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jidhru fl-Anness I huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Schalin Steinfatt Kukovec

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-2 ta' Ottubru 2024.

Firem